IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.3.2018
SWD(2018) 216 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

# Ir-Rapport tal-Pajjiż għal Malta - 2018

*Li jakkumpanja d-dokument*

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, U LILL-GRUPP TAL-EURO**

**Is-Semestru Ewropew 2018: Valutazzjoni tal-progress fir-riformi strutturali, il-prevenzjoni fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u r-riżultati tal-analiżijiet fil-fond skont ir-Regolament Nru 1176/2011**

{COM(2018) 120 final}

MT MT

# WERREJ

Sommarju eżekuttiv 1

**1.** Is-sitwazzjoni ekonomika u l-prospettivi 4

**2.** Il-progress fejn jidħlu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż 15

**3.** Prijoritajiet ta' riforma 20

3.1. Il-finanzi pubbliċin u t-tassazzjoni 20
3.2. Is-settur finanzjarju 26
3.3. Is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-politiki soċjali 30
3.4. L-investiment 38
3.5. Il-linji ta' politika settorjali 47

Anness A: Tabella b'ħarsa kumplessiva 52

Anness B: Tabella ta' Valutazzjoni dwar il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku 55

Anness C: Tabelli Standard 56

Referenzi 63

# LISTA TA' TABELLI

Tabella 1.1: Indikaturi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin - Malta 13
Tabella 3.2.1: Indikaturi tas-sodezza finanzjarja, banek totali (jiġifieri domestiċi u barranin), Malta (%) 26
Tabella 3.4.1: Intrapriżi, impjiegi u valur miżjud skont il-klassi ta' daqs tad-ditti 44
Tabella 3.5.1: L-akbar settur ta' emissjonijiet b'effett ta' serra fl-2015 (% tal-emissjonijiet totali) 49
Tabella B.1: It-Tabella ta' Valutazzjoni MIP għal Malta (AMR 2018) 55
Tabella C.1: Indikaturi tas-suq finanzjarju 56
Tabella C.2: Tabella ta' indikaturi soċjali nominali 57
Tabella C.3: Indikaturi soċjali u dwar is-suq tax-xogħol 58
Tabella C.4: Inklużjoni soċjali u indikaturi tas-saħħa 59
Tabella C.5: Indikaturi tal-prestazzjoni fis-suq tal-prodotti u tal-politika 60
Tabella C.6: Tkabbir ekoloġiku 61

# LISTA TA' GRAFIKA

Grafika 1.1: It-tkabbir kull kwart tal-PDG, Malta u ż-żona tal-euro 4
Grafika 1.2: Inflazzjoni tal-HCIP sottostanti f'Malta u fiż-żona tal-euro 4

Grafika 1.3: Tqassim tar-rata ta' tibdil tal-kosti tal-unitajiet lavorattivi 6
Grafika 1.4: Tqassim tas-sehem mis-suq tal-esportazzjoni 7
Grafika 1.5: Il-kont kurrenti fis-servizzi (% tal-PDG) 7
Grafika 1.6: Tqassim tal-kont kurrenti (% tal-PDG) 8
Grafika 1.7: Id-dejn tas-settur privat: lakuni fil-valuri ta' referenza prudenzjali u bbażati fuq il-fundamentali 10
Grafika 1.8: L-iffinanzjar ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji 10
Grafika 1.9: Il-bilanċ u d-dejn tal-gvern (% tal-PDG) 11
Grafika 2.1: Implimentazzjoni pluriennali kumplessiva tar-rakkomandazzjonijiet bejn l-2011 u l-2017, sa issa 15
Grafika 3.1.1: Il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika u l-impatt tal-Programm tal-Investitur Individwali (% tal-PDG) 20
Grafika 3.1.2: It-tkabbir medju fl-2013-2016 fin-nefqa kurrenti totali kull abitant 20
Grafika 3.1.3: Formazzjoni grossa ta' kapital fiss fl-2012 u l-2016 (% tal-PDG) 21
Grafika 3.2.1: Investiment reżidenzjali u permessi tal-bini 28
Grafika 3.2.2: Distakk tas-sopravalutazzjoni tal-prezzijiet tad-djar 28
Grafika 3.3.1: Ir-rata ta' imjieg skont l-età u s-sess, 2016 30
Grafika 3.3.2: Id-diskrepanza fl-impjiegi ta' persuni b'diżabbiltà skont is-sess u l-Istat Membru (età bejn l-20 u l-64 sena), 2015 33
Grafika 3.3.3: Is-sehem ta' dawk li jħaddmu li qegħdin jindikaw li jeżisti nuqqas ta' ħaddiema f'Malta. 34
Grafika 3.3.4: Rata ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni 35
Grafika 3.3.5: Ir-rata ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (25-64 sena), 2016 35
Grafika 3.4.1: L-għadd ta' persuni impjegati f'SMEs 39
Grafika 3.4.2: Il-valur miżjud tal-SMEs 40
Grafika 3.4.3: Indikaturi dwar il-Governanza tal-Bank Dinji, 2017 - Malta 41
Grafika 3.4.4: L-evoluzzjoni tal-intensità tal-R&D fin-negozju, u l-intensità tal-R&D pubblika f'Malta, 2004-2016 42
Grafika 3.5.1: Indikaturi magħżula dwar it-trasport fuq it-toroq - Malta 47
Grafika 3.5.2: Emissjoni ta' gassijiet serra kull ras (kg CO2-ek/abitant) 50
Grafika 3.5.3: Indiċi tal-WEF dwar l-ivvjaġġar u t-turiżmu - Indikaturi magħżula 50

# LISTA TA' KAXXI

*Kaxxa 1.1:* Is-settur tal-gaming 12
*Kaxxa 2.1:* Tabella dwar l-implimentazzjoni tas-CSR 17
*Kaxxa 2.2:* Riżultati tanġibbli miksuba permezz tas-sostenn tal-UE għal tibdil strutturali f'Malta 18
*Kaxxa 3.3.1:* Il-kostatazzjoni tal-prestazzjoni fid-dawl tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali 32
*Kaxxa 3.3.5:* Punti ewlenin ta' politika 38
Il-bini ta' qafas effettiv ta' apprendistat 38
*Kaxxa 3.4.6:* Kaxxa dwar l-Investiment- sfidi u riformi f'Malta 45

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

**Fil-kuntest ta' tkabbir ekonomiku b'saħħtu, l-isfidi ċentrali ta' Malta jikkonċernaw l-aktar is-sostenibbiltà għat-tul tagħha.** Il-prospetti għat-tkabbir jidhru favorevoli u l-prospettiva fiskali għadha pożittiva, bħala segwitu ta' surplus sinifikanti fil-kont kurrenti. Madankollu, il-pressjoni dejjem tiżdied fuq l-infrastruttura u r-riżorsi naturali, il-prezzijiet tal-akkomodazzjoni dejjem jogħlew, kif ukoll nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet jistgħu joħolqu sfidi fil-futur. It-tiswija tan-nuqqasijiet infrastrutturali, it-titjib fil-provvista ta' ħaddiema, it-tisħiħ tal-ambjent kummerċjali u l-promozzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali għadhom prijoritajiet ċentrali ta' politika sabiex ikun jista' jiġi sostnut it-tkabbir għat-tul. Is-superviżjoni aħjar fis-settur finanzjarju hija fattur importanti addizzjonali sabiex tiġi salvagwardata l-istabbiltà finanzjarja u tiġi preżervata l-attrazzjoni u r-reputazzjoni tajba ta' Malta bħala destinazzjoni għall-investiment ([1]).

**It-tkabbir baqa' dinamiku.** It-tkabbir reali tal-PDG kien wieħed mill-ogħla fl-UE f'dawn l-aħħar snin. Huwa laħaq il-quċċata fl-2014-15, b'medja ta' 7.7%, misjuq ukoll minn tkabbir qawwi malajr ta' investiment marbut ma' fatturi ta' darba. Minkejja esportazzjonijiet ta' servizzi netta qawwija kif ukoll konsum privat robust, it-tkabbir reali tal-PDG immodera fl-2016 u huwa previst li baqa' robust fil-livell ta' 6.9 % fl-2017. Barra minn dan, it-tkabbir fl-impjiegi huwa wieħed minn fost l-ogħla fl-UE, b'mod partikolari dovut għas-settur tas-servizzi. Ir-rata tal-qgħad naqset għal-livell rekord baxx ta' taħt il-5 %. Il-flussi tal-immigrazzjoni kienu ċ-ċavetta biex setgħu jiġu bbilanċjati n-nuqqasijiet fejn jidħlu ħiliet emerġenti u n-nuqqas ta' ħaddiema.

**Għall-quddiem, ir-ritmu tat-tkabbir jibqa' qawwi.** It-tkabbir reali tal-PDG huwa previst li jibqa' b'saħħtu u jilħaq l-4,9 % fl-2018. Il-konsum privat mistenni li jsir il-mutur ewlieni tat-tkabbir hekk kif il-popolazzjoni tiżdied u jikber l-introjtu disponibbli. Barra minn dan, fiduċja akbar fost il-konsumaturi u konsum akbar mistennija li jwasslu għal rata ta' tifdil fost l-unitajiet domestiċi kemxejn anqas. Huwa previst li l-investiment jirkupra, immexxi mis-settur tal-konstruzzjoni reżidenzjali, li mistenni jkompli jikber b'mod qawwi fl-2018. Huwa previst li l-esportazzjoni tkompli tiżdied, hekk kif hemm domanda dejjem tikber mill-isħab kummerċjali ta' Malta.

**Il-kont kurrenti għadu juri surplus sinifikanti.** Mill-2014 lil hawn, is-surplus tal-kont kurrenti kien bħala medja qrib it-8%. F'nofs l-2017 dan laħaq quċċata ta' 10 % tal-PDG. Dan il-livell għoli huwa attribwit l-aktar għas-settur tas-servizzi, riflessjoni ta' attività ħajja ħafna fis-setturi tal-gaming, it-turiżmu u t-trasport. Il-previżjoni tal-ħarifa tipprojetta li s-surplus jistabbilizza ruħu taħt l-10 %, riflessjoni ta' żieda fl-esportazzjoni.

**It-tkabbir ekonomiku qawwi kabbar id-dħul mit-taxxi, b'mod partikolari t-taxxi diretti.** Fil-kuntest ta' surplus fiskali, in-nefqa għadha pjuttost dinamika, u dan jitlob monitoraġġ mill-qrib. Id-dejn gross tal-gvern kien diġà niżel għal taħt is-60% tal-PDG fl-2016, u huwa pprojettat li dan se jkompli nieżel. Minkejja li sar xi progress, għad hemm sfidi kbar fejn jidħlu l-konformità mat-taxxa u t-tendenza lejn id-dejn tal-impriżi.

**Malta għamlet xi progress fl-indirizzat tar-rakkomandazzjoni speċifiċi għall-pajjiż tal-2017.** Ċerti inizjattivi jespandu l-ambitu tar-rieżami tan-nefqa u fl-aħħar mill-aħħar ikunu ta' kontribut għal żieda fl-effettività tan-nefqa pubblika. Filwaqt li s-superviżjoni transfruntiera tibqa' essenzjali b'mod partikolari fis-settur tal-assikurazzjoni, sar xi progress fil-ħidma biex jinkisbu aktar riżorsi fid-dipartimenti bil-kompitu ta' superviżjoni.

Rigward il-progress fis-soddisfar tal-miri nazzjonali skont l-istrateġija Ewropa 2020, Malta għamlet progress lejn il-mira tagħha rigward l-impjiegi. Madankollu, għad hemm nuqqasijiet fir-rigward tal-miri tagħha fejn jidħol it-tnaqqis ta' emissjoni ta' gassijiet fl-effett ta' serra, żieda fin-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp, żieda fid-disponibbiltà ta' enerġija rinnovabbli, titjib tal-effiċjenza tal-enerġija, tnaqqis fit-tluq bikri mill-iskola, żieda fil-kisba ta' riżultati fl-edukazzjoni terzjarja, u tnaqqis tal-faqar.

([1]) Dan ir-rapport janalizza l-ekonomija ta' Malta fid-dawl tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ippubblikat fit-22 ta' Novembru 2017. Fl-istħarriġ, il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri tal-UE biex jimplimentaw riformi sabiex l-ekonomija Ewropea ssir aktar produttiva, reżiljenti u inklussiva. Meta jkunu qegħdin jagħmlu dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq it-tliet elementi tat-trijangolu virtwuż tal-politika ekonomika — l-ixprunar tal-investiment, it-tkomplija tar-riformi strutturali u l-garanzija li jkun hemm linji ta' politika fiskali responsabbli.

**Malta miexja relattivament tajjeb fejn jidħlu l-indikaturi fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali li fuqha jistrieħ il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.** Malta għadha għaddejja b'azzjoni ta' politika biex tindirizza l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-esklużjoni soċjali, b'mod notevoli permezz ta' linji ta' politika li jġiegħlu lil dak li jkun jifhem li jkun jaqbillu li joħroġ jaħdem. Madankollu, hemm bżonn li tingħata attenzjoni lir-rati ta' tluq bikri mill-iskola, lid-diskrepanza għolja fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa, u lill-parteċipazzjoni fis-suq ta' nies b'diżabbiltà.

Il-kwistjonijiet strutturali ċentrali li qegħdin jiġu analizzati f'dan ir-rapport, li jindikaw sfidi partikolari għall-ekonomija Maltija, huma dawn li ġejjin:

- **Jidher li r-riskji fiskali fuq perjodu qasir u medju huma taħt kontroll.** Il-finanzi pubbliċi ibbenefikaw mit-tisħiħ fid-dħul mit-taxxa, appoġġjat minn kundizzjonijiet makroekonomiċi favorevoli. Ir-rikavati marbuta mal-Programm tal-Investiment Individwali ukoll kienu ta' kontribut għal dan it-titjib. Ir-rieżami tan-nefqa (Spending Review) mistenni li jwassal għal prestazzjoni aktar effiċjenti fejn tidħol nefqa. Għat-tul, in-nefqa pubblika marbuta mal-età fis-sistemi tas-saħħa u tal-pensjoni mistennija li tiżdied b'mod relattivament mgħaġġel meta mqabbla ma' dik ta' pajjiżi oħra tal-UE, li hija indikazzjoni ta' sfida possibbli għas-sostenibbiltà fiskali.

- **Xi indikaturi jindikaw li r-regoli tat-taxxa ta' Malta jintużaw minn multinazzjonali li jkunu involuti fi strutturi aggressivi ta' ppjanar tat-taxxa.** Malta ħadet passi biex temenda ċerti aspetti tas-sistema tat-taxxa tagħha li jistgħu jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Madankollu, l-eżistenza ta' ċerti regoli tat-taxxa (fosthom it-tfassil tar-reġim ta' tnaqqis ta' mgħax nozzjonali (Notional Interest Deduction - NID) ippjanat), in-nuqqas ta' taxxi minn ras il-għajn fuq pagamenti li jsiru minn kumpaniji bbażati f'Malta, flimkien ma' nuqqas ta' ċerti regoli kontra l-abbuż, jindikaw li r-regoli tat-taxxa ta' Malta għadhom jistgħu jintużaw fi strutturi ta' evitar tat-taxxa.

- **Il-garanzija ta' superviżjoni finanzjarja effettiva għadha sfida.** Is-settur finanzjarju huwa kkaratterizzat minn għad kbir ta' istituzzjonijiet barranin, b'mod partikolari kumpaniji tal-assikurazzjoni, li fil-biċċa l-kbira jaħdmu b'mod transfruntier. L-effettività tal-leġiżlazzjoni kontra l-ħasil tal-flus adottata dan l-aħħar hemm bżonn li tiġi segwita bir-reqqa. F'dan il-kuntest, huwa kruċjali, sabiex tinżamm ir-reputazzjoni tajba u l-attrazzjoni ta' Malta bħala ċentru finanzjarju internazzjonali, li jiġi garantit qafas superviżorju msaħħaħ.

- **Il-prezzijiet tad-djar għolew b'mod qawwi u malajr, u jixraq li jinżammu taħt osservazzjoni kontinwa.** Attività ekonomika qawwija, kundizzjonijiet favorevoli fis-suq tax-xogħol, investiment fil-proprjetà immobbli minn persuni mhux reżidenti kif ukoll rati tal-imgħax baxxi kollha kienu ta' kontribut biex ikun hemm żieda sostnuta fil-prezzijiet tad-djar fl-aħħar żminijiet. Il-kostruzzjoni reżidenzjali u l-ipoteki għaddejjin minn tkabbir mgħaġġel, li jista' jwassal għal żieda fil-vulnerabbiltà tal-ekonomija għal żviluppi fis-suq tal-akkomodazzjoni, anki meta jitqies li l-biċċa l-kbira tal-ipoteki għandhom rati tal-imgħax varjabbli.

- **Is-suq tax-xogħol ta' Malta għadu għaddej tajjeb, madankollu għad hemm diskrepanza kbira bejn l-irġiel u n-nisa.** L-impjiegi qegħdin jiżdiedu, f'konformità mat-tkabbir ekonomiku qawwi. Ir-rata ta' impjieg laħqet 71,8 % fi Q3 2017. It-tkabbir fil-pagi għadu kajman, minkejja t-tnaqqis kontinwu fil-qgħad. Għad hemm diskrepanza kbira bejn l-irġiel u n-nisa fejn jidħlu l-impjiegi, hekk kif ir-rati ta' impjieg huma għolja fejn jidħlu nisa taħt it-30 sena, iżda dawn jinżlu b'mod konsiderevoli wara din l-età.

- **L-iskarsezza tal-ħiliet saret tidher ħafna.** Aktar minn 30 % tal-kumpaniji jiddikjaraw li qegħdin ibatu minn skarsezza ta' ħiliet, sehem li hu ogħla b'mod sinifikanti mis-snin ta' qabel. Din l-iskarsezza qiegħda tittaffa minn ħaddiema barranin fil-livelli kollha ta' ħiliet. Filwaqt li l-investiment fl-edukazzjoni u l-ħiliet għadu għaddej, ir-rata ta' studenti li jitilqu kmieni mill-iskola għadha għolja ħafna u ma kienx hemm titjib f'dan meta mqabbel mas-

sena ta' qabel. Ir-riżultati fl-edukazzjoni għadhom marbuta b'mod qawwi mal-isfond soċjoekonomiku. Il-livell milħuq ta' ħiliet fost iż-żgħażagħ għadu baxx.

- **Ir-riskji ta' faqar u esklużjoni soċjali tnaqqsu iżda għal xi gruppi fil-popolazzjoni għadhom sostanzjali.** Ir-riskji ta' faqar u esklużjoni soċjali niżlu għal livelli li l-aħħar li dehru kien fl-2008. Madankollu, f'dawk l-unitajiet domestiċi fejn hemm biss persuna waħda li għandha dħul, kif ukoll fost dawk li għandhom ħiliet baxxi, ir-riskju ta' faqar huwa sostanzjali. Jeżistu ostakoli quddiem l-integrazzjoni tal-popolazzjoni barranija, speċjalment ta' migranti mhux mill-UE, li jkollhom iħabbtu wiċċhom ma' riskju għoli ta' faqar u esklużjoni soċjali minkejja rata għolja ta' impjieg. Malta għadha għaddejja bil-linji ta' politika tagħha favur l-inklużjoni attiva, u dan l-aħħar adottat Strateġija dwar l-integrazzjoni tal-migranti. L-inugwaljanzi fl-introjtu għadhom taħt il-medja tal-UE bis-saħħa ta' inugwaljanzi baxxi fis-suq u minħabba l-karatteristiċi tas-sistema Maltija tat-taxxi u tal-benefiċċji.

- **Is-settur tal-SMEs kien konsiderevolment dinamiku f'dawn l-aħħar snin, minkejja l-lakuni eżistenti fil-qafas tar-riċerka u l-iżvilupp.** It-tkabbir f'termini tal-għadd ta' persuni impjegati u l-valur miżjud kien għola mill-medja fl-UE u kienet biss minoranza fost id-ditti li jidhru li qegħdin ibatu minn limitazzjonijiet finanzjarji. Fl-istess waqt, il-predominanza ta' mikroditti u ditti ta' daqs żgħir, li jkollhom jiddependu fuq l-iffinanzjar intern biex jappoġġjaw attivitajiet ta' riċerka u żvilupp (R&D), u d-daqs tas-suq lokali jillimitaw il-potenzjal innovattiv tagħhom. Filwaqt li l-prestazzjoni ta' Malta fejn jidħlu r-riċerka u l-iżvilupp tjiebet dan l-aħħar, ekosistema ta' innovazzjoni aħjar ittejjeb il-kapaċità ta' kumpaniji innovattivi biex iżidu r-ritmu tal-attivitajiet tagħhom.

- **In-nuqqasijiet fil-qafas ġuridiku u ta' kontra l-korruzzjoni jaffettwaw il-klima li fiha jsir in-negozju.** Is-sistema ġudizzjarja għadha qiegħda tħabbat wiċċha ma' sfidi fejn tidħol l-effiċjenza tagħha. Skont stħarriġ reċenti tal-Eurobarometer Flash, teżisti perċezzjoni li l-korruzzjonijiet hija fattur problematiku fejn jidħol in-negozju f'Malta. Il-pajżaġġ frammentat tal-istituzzjonijiet li jaħdmu kontra l-korruzzjoni u n-nuqqas ta' koordinazzjoni istituzzjonali fomalizzata jistgħu jtellfu l-investigazzjoni effettiva u l-prosekuzzjoni ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni.

- **Is-settur tat-trasport fit-toroq għandu quddiemu sfidi infrastrutturali u ta' sostenibbiltà maġġuri.** Il-konġestjoni kbira tat-traffiku toħloq xkiel għall-investiment, u tiġġenera kosti esterni sinifikanti kif ukoll emissjonijiet ta' gassijiet serra (anki meta wieħed iqis id-domanda għat-trasport li mistennija tibqa' dejjem tikber). L-awtoritajiet dan l-aħħar ħabbru proġett biex tittejjeb l-infrastruttura tat-toroq fuq perjodu ta' seba' snin, li madankollu mhux mistenni li jkollu effett tant kbir fejn jidħol it-tnaqqis tal-kosti tal-konġestjoni u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

- **Iż-żieda fl-attività ekonomika tista' twassal biex jikbru r-restrinġimenti, inkluż fl-infrastruttura, u tintefa' aktar pressjoni fuq ir-riżorsi ambjentali.** Il-mixja lejn ekonomija aktar ċirkolari u l-affaċċjar tal-esternalitajiet negattivi mis-settur tal-kostruzzjoni u s-suq tal-proprjetà immobbli, pereżempju fejn jidħol l-immaniġġjar tal-iskart, l-impatt ambjentali u l-prestazzjoni fejn tidħol l-enerġija, għadhom ta' sfida. Jekk ma jkunux indirizzati, ir-restrinġimenti fir-riżorsi naturali u l-infrastruttura jistgħu jaffettwaw ukoll l-iżvilupp tas-settur tat-turiżmu, li għadu pilastru ċentrali tal-ekonomija Maltija. L-espansjoni tat-turiżmu hija stess tista' tintensifika l-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-pajjiż.

# 1. IS-SITWAZZJONI EKONOMIKA U L-PROSPETTIVI

## It-tkabbir ekonomiku u l-inflazzjoni

**Il-prestazzjoni ekonomika ta' Malta kienet mill-aktar prominenti f'dawn l-aħħar snin.** Wara rkupru relattivament malajr wara l-kriżi tal-2008-09, l-ekonomija Maltija ingħatat imbuttatura oħra wara nofs l-2012. Bħala riżultat, hija effettivament inqatgħet miċ-ċiklu ekonomiku taż-żona tal-euro, u evitat ir-reċessjoni doppja li kienet ġiet osservata hemmhekk u għaddiet minn rati ta' tkabbir ogħla mill-quċċata tagħha ta' qabel l-2009. It-tkabbir wassal għal żieda fl-impjiegi, u sfrutta l-potenzjal ta' forza lavorattiva domestika kif ukoll tar-rata ta' parteċipazzjoni li kienet għadha relattivament baxxa. Il-flussi dejjem jiżdiedu ta' ħaddiema barranin kienu ta' għajnuna biex jinżamm ir-ritmu ta' tkabbir u taffew l-iskarezza ta' ħiliet u l-pressjoni fuq il-pagi.

Grafika 1.1: **It-tkabbir kull kwart tal-PDG, Malta u ż-żona tal-euro**




Nota: Ir-rati ta' tkabbir ġew ikkalkulati abbażi tal-ammonti mobbli tal-PDG tal-erba' kwarti
***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

**It-tkabbir kien misjuq l-aktar mill-esportazzjoni** L-esportazzjoni netta kienet tgħodd għal nofs iż-żieda fil-PDG reali sa mill-2012 hekk kif it-tkabbir fl-esportazzjoni, b'mod partikolari tas-servizzi, aktar milli bbilanċja ż-żieda fl-importazzjoni. Dan tal-aħħar huwa assoċjat ma' domanda domestika vibranti, li hija riflessjoni ta' konsum qawwi mill-unitajiet domestiċi kif ukoll ta' żieda f'daqqa fl-investiment. Il-ftuħ ta' Malta għall-kummerċ (imkejjel bl-esportazzjonijiet flimkien mal-importazzjonijiet bħala sehem mill-PDG) żdied b'mod sinifikanti matul l-għaxar snin li għaddew, minn madwar 200 % tal-PDG fl-2006 għal aktar minn 300 % fl-2011-12, qabel ma batta xi ftit għal-livell ta' madwar 270 % hekk kif il-piż tad-domanda domestika fl-ekonomija reġa' beda jiżdied.

**L-inflazzjoni stabbilizzat f'livelli relattivament baxxi.** Wara perjodu ta' volatilità fil-passat, Malta uriet l-anqas volatilità fl-inflazzjoni tal-HICP tagħha fost il-membri taż-żona tal-euro sa minn kmieni fl-2014. Dan fil-biċċa l-kbira jirrifletti l-fatt li huwa l-gvern li jistabbilixxi l-prezz tal-karburanti. Għalhekk, filwaqt li l-inflazzjoni tal-HICP kumplessiva kienet qiegħda tiela' fiż-żona tal-euro sa mill-2016, f'Malta baqgħet stabbli, b'medja ta' ftit aktar minn 1 % fit-tnax-il xahar sa Settembru 2017.

Grafika 1.2: **Inflazzjoni tal-HCIP sottostanti f'Malta u fiż-żona tal-euro**




Nota: Iż-żona tirreferi għall-firxa ta' valuri fiż-żona tal-euro.
***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

**Ir-ritmu tat-tkabbir jibqa' qawwi hekk kif jgħaddi ż-żmien.** It-tkabbir tal-PDG reali laħaq il-5,5% fl-2016 u aċċellera fl-ewwel tliet kwarti tal-2017, u rreġistra tkabbir sena fuq sena ta' 7,2 %. Id-domanda esterna jidher li hija l-mutur ewlieni tat-tkabbir fl-2017, bid-domanda domestika jkollha rwol sekondarju minħabba tnaqqis qawwi fl-investiment (riflessjoni ta' bażi għolja fl-2016). It-tkabbir tal-PDG reali huwa mbassar li jilħaq [6,9 %] fl-2017 kumplessivament, ogħla mir-rata rreġistrata fl-2016. Skont il-projezzjonni dan

għandu jonqos xi ftit fl-2018 għal [5,6 %]. Il-konsum privat mistenni li jsir il-mutur ewlieni tat-tkabbir hekk kif il-popolazzjoni tiżdied u jikber l-introjtu disponibbli. Fl-istess ħin, fiduċja akbar fost il-konsumaturi u konsum akbar mistennija li jwasslu għal rata ta' tifdil fost l-unitajiet domestiċi kemxejn anqas. Huwa previst li l-investiment jirkupra, immexxi mis-settur tal-kostruzzjoni reżidenzjali, li mistenni jkompli jikber b'mod qawwi fl-2018. Huwa previst li l-esportazzjoni tkompli tiżdied, hekk kif hemm domanda dejjem tikber mill-isħab kummerċjali ewlenin ta' Malta, b'riżultat ta' żieda akbar fis-surplus fil-kont kurrenti. Fl-2019, it-tkabbir tal-PDG reali huwa pprojettat li jkun aktar kajman u jiżel għal 4.5 %, anqas mill-output potenzjali. Il-konsum privat huwa projettat li jibqa' l-mutur ewlieni tat-tkabbir, filwaqt li hu mbassar li l-elementi ta' domanda kollha jikkontribwixxu b'mod pożittiv.

**Ir-riskji għall-projezzjonijiet makroekonomiċi huma marbuta primarjament mal-prospettivi għall-investiment u l-esportazzjonijiet netti.** It-tlestija aktar malajr ta' proġetti tal-infrastruttura ppjanati tista' tkun ta' xprun għat-tkabbir fuq perjodu qasir. B'żieda ma' dan, fid-dawl tal-ftuħ ta' Malta għall-kummerċ, kull volatilità fis-setturi ta' esportazzjoni ewlenin tagħha jkollha impatt sproporzjonalment kbir fuq it-tkabbir tal-PDG reali.

**L-isfidi ċentrali ta' Malta huma l-aktar marbuta mas-sostenibbiltà għat-tul tal-mudell tagħha ta' tkabbir.** Kollox ma' kollox, il-prestazzjoni ekonomika reċenti ta' Malta jidher li fil-biċċa l-kbira kienet ir-riżultat ta' tibdil strutturali u, fuq perjodu medju, huwa mistenni li tistabbilizza u tibqa' fuq rata relattivament qawwija. Dawn il-prospetti fejn tidħol l-attività ekonomika mistennija li jkomplu jaggravaw ir-restrinġimenti eżistenti, inkluż fl-infrastruttura, u li jixħtu pressjoni ulterjuri fuq ir-riżorsi ambjentali. Jeżistu sinjali dejjem jiżdiedu ta' ssikkar fis-suq tax-xogħol, li jirrestrinġi l-pjani tad-ditti li jespandu, kif ukoll il-prospetti tagħhom ta' tkabbir (ara t-Taqsima 3.3). Dependenza dejjem tikber fuq ħaddiema barranin, fl-indirizzar tal-iskarsezza ta' ħaddiema u ta' ħiliet, tista' tkun ta' riskju ulterjuri quddiem il-kompetittività tal-ekonomija Maltija. F'dan il-kuntest, iż-żamma ta' Malta bħala ġuriżdizzjoni affidabbli għas-servizzi finanzjarji u tal-gaming hija ta' importanza partikolari fid-dawl tal-ħtieġa li tinżamm l-attrazzjoni ta' Malta bħala post internazzjonali għall-finanzi u n-negozju.

### Is-Suq tax-Xogħol u l-iżviluppi soċjali

**Il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol għadhom favorevoli** Ir-rata tal-qgħad niżlet għal 4 % fl-2017, filwaqt li t-tkabbir fl-impjiegi għadu qawwi. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ ukoll għadu ferm taħt il-medja tal-UE. Id-dipendenza fuq il-migrazzjoni ta' ħaddiema lejn il-pajjiż, sabiex jimlew il-postijiet battala, għadha sostanzjali. Żidiet qawwija fil-provvista ta' ħaddiema, anki abbażi tal-flussi 'il ġewwa dejjem jikbru ta' ħaddiema barranin, servew biex kien hemm anqas pressjoni 'il fuq fejn jidħlu l-pagi fl-2016 u l-2017. Fl-2018 u l-2019, ir-restrizzjonijiet fis-suq tax-xogħol mistennija li jqiegħdu pressjoni addizzjonali 'il fuq fejn jidħlu l-pagi.

**Madankollu, l-isfidi li għadhom jeżistu jistgħu jxekklu s-sostenibbiltà tat-tkabbir fl-impjiegi ta' bħalissa.** Għalkemm ir-rata ta' impjieg hija ta' 69,6 %, id-diskrepanza fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa għadha ta' 27,6 %. Il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol ukoll għadha baxxa, minkejja titjib żgħir fir-riżultati u fil-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni. Il-livell miksub fil-livell edukattiv terzjarju-baxx u l-livelli tal-ħiliet u r-riskji ogħla tal-faqar li jaffettwaw lit-tfal u lill-popolazzjoni li għandha anqas ħiliet itellfu l-isforzi biex jintlaħaq tkabbir li jkun kumplessivament sostenibbli u inklussiv.

**Filwaqt li l-inugwaljanza kemm fl-introjtu kif ukoll fil-ġid għadha moderata, jeżisti r-riskju li l-opportunitajiet ma jkunux indaqs meta tilħaq il-ġenerezzjoni li jmiss.** Is-sehem tal-introjtu li għandhom l-20 % ta' unitajiet domestiċi l-aktar għanja kien 4.2 darbiet ogħla minn dak tal-ifqar 20 % fl-2016. Dan huwa wieħed mill-aktar proporzjonijiet baxxi fl-UE, u baqa' ma nbidilx mis-sena ta' qabel. Il-ġid nett ukoll huwa relattivament imqassam b'mod ekwu, u dan jirrifletti d-distribuzzjoni bilanċjata tal-assi ta' akkomodazzjoni fost il-popolazzjoni. Madankollu, ir-riżultati fil-korsijiet ta' tagħlim fost it-tfaal għadhom ikkorrelati b'mod aktar qawwi mal-isfond soċjoekonomiku tagħhom milli huma f'pajjiżi oħra tal-UE, u l-istess jista' jingħad għar-riskju ta' faqar (ara t-Taqsima 3.3.3). Barra minn dan, żieda fl-inugwaljanzi fis-suq tista' għat-tul

tixħet pressjoni fuq l-impatt redistributtiv tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji.

### Il-produttività u l-kompetittività

**Il-produttività tal-ħaddiema qiegħda titjieb b'mod qawwi.** Il-kosti nominali tal-unitajiet lavorattivi mexjin b'mod ġenerali konformi maż-żona tal-euro (+0,9 % meta mqabbel maż-0,8% fl-2016, rispettivament), u qegħdin jibbenefikaw minn kisbiet fil-produttività. Fl-2016, it-tkabbir fil-produttività reali tax-xogħol għal kull persuna impjegata naqqas mir-ritmu meta mqabbel mal-2014-15 iżda din xorta kienet għadha qiegħda tikber b'pass sostanzjalment aktar mgħaġġel minn dak fiż-żona tal-euro (+1,7 % kontra 0,5 % rispettivament).

**Wara tkabbir moderat fil-pagi f'dawn l-aħħar snin, hu mistenni li minħabba r-restrizzjonijiet fis-suq tax-xogħol ikun hemm pressjoni aktar qawwija 'il fuq fejn jidħlu l-pagi.** Fl-2016 il-pagi nominali żdiedu b'2,7 % u fl-2017 it-tkabbir nominali fil-pagi huwa pprojettat li jkun naqas għal 2 %. Il-pagi reali żdiedu b'1,1 % fl-2016, u huma pprojettati li jkunu stabbilizzaw fl-2017. Fl-2018 u l-2019 it-tkabbir fil-pagi mistenni li jaċċellera xi ftit, bħala riżultat tas-suq tax-xogħol aktar ristrett ([2]). Il-kosti nominali tal-unitajiet lavorattivi huma pprojettati li jiżdiedu b'1.3 % fl-2018 u fl-2019 (ara l-Grafika 1.4), imbuttati minn aktar tkabbir fil-pagi nominali u b'kisbiet moderati fejn tidħol produttività (ara l-Grafika 1.3.). Tkabbir fil-pagi pjuttost aktar mgħaġġel jista' jitqies bħala sostenibbli, meta jitqies li t-tkabbir fil-pagi reali baqa' iċken mit-tkabbir fil-produttività f'dawn l-aħħar snin, u meta titqies il-pożizzjoni esterna pożittiva ta' Malta.

([2]) Il-pagi nominali huma pprojettati li jiżdiedu b'3,4 % fl-2018 u b'3,6 % fl-2019. Il-pagi reali mistennija li jiżdiedu b'1,3 % fuq il-perjodu li fih jistgħu jsiru previżjonijiet, biex b'hekk jibqgħu taħt it-tkabbir ta' produttività (1,8 % fl-2018 u 1,9 % fl-2019).

Grafika 1.3: **Tqassim tar-rata ta' tibdil tal-kosti tal-unitajiet lavorattivi**




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Malta tokkupa waħda mill-ogħla pożizzjonijiet fl-UE fejn tidħol il-kwalità tal-esportazzjoni fil-manifattura.** Madwar 40 % tal-valur totali tal-esportazzjoni jikkonċerna prodotti tal-ogħla kwalità (vs 25 % fl-2011). Fejn jidħlu prodotti manifatturati esportati, fil-passat reċenti kien hemm tibdiliet relattivament kbar fis-sehem ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata u ta' teknoloġija fil-kategorija teknoloġika medja-baxxa. Fl-2016, is-sehem ta' esportazzjoni ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata kien ta' 43,2 % (żieda fuq it-26,8% fl-2015) filwaqt li s-sehem ta' prodotti ta' teknoloġija medja-baxxa niżel għal 34,8 % (minn 50,7 % fl-2015).

**Is-settur tas-servizzi jikkontribwixxi b'mod qawwi għall-prestazzjoni pożittiva fl-esportazzjoni.** Il-prestazzjoni vibranti fl-esportazzjoni f'dawn l-aħħar snin wasslet għal sehem akbar fis-suq tal-esportazzjoni hekk kif il-kisbiet fis-swieq tas-servizzi kkumpensaw għat-telfiet fejn jidħlu prodotti.

Grafika 1.4: **Tqassim tas-sehem mis-suq tal-esportazzjoni**




***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

**Hekk kif jitfaċċaw setturi ġodda jinħolqu sfidi biex il-governanza u l-infrastruttura iżommu l-pass magħhom.** Malta tokkupa s-37 post minn 137 pajjiż fir-Rapport dwar il-Kompetittività fid-Dinja tal-2017-18, jiġifieri avvanzat tliet postijiet mis-sena l-oħra. Amministrazzjoni pubblika ineffiċjenti, kapaċità insuffiċjenti għall-innovazzjoni, provvista mhux adegwata ta' infrastruttura u ta' aċċess għall-finanzi huma, skont ir-Rapport dwar il-Kompetittività fid-Dinja, l-akbar ostakli kontra n-negozju f'Malta.

## Is-sostenibbiltà esterna

**Il-pożizzjoni esterna għadha qawwija, u tiddependi fuq surplus għoli fil-kont kurrenti kif ukoll pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta pożittiva.** Il-bilanċ tal-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta ta' Malta laħaq 64,5 % tal-PDG fil-Q2 tal-2017, waħda mill-ogħla fl-UE wara in-Netherlands. Sadanittant, is-surplus fil-kont kurrenti laħaq 10 % tal-PDG f'nofs l-2017, li jirrifletti surplus qawwi fil-kont tas-servizzi (ara l-Grafika 1.5.). L-esportazzjoni tas-servizzi ngħatat imbuttatura l-aktar bl-attivitajiet tal-industrija tal-gaming (ara l-Kaxxa 1.1.), iżda hija sostnuta wkoll minn kisbiet imdaqqsa tas-setturi tat-turiżmu u tat-trasport.

**L-importazzjonijiet tal-prodotti qiegħda tonqos, b'rabta mat-tnaqqis ta' dan l-aħħar fl-investiment.** Fl-2016, "il-makkinarju u l-apparat għat-trasport" kien jagħmel sehem ta' kważi nofs (48,2 %) il-valur tal-importazzjonijiet tal-prodotti. Madwar żewġ terzi ta' tali prodotti ġew importati minn pajjiżi mhux tal-UE. L-importazzjonijiet reali naqsu b'4%, sena fuq sena, fl-ewwel tliet kwarti tal-2017, minħabba t-tnaqqis kbir fl-importazzjoni ta' prodotti (-11,2 % sena fuq sena) filwaqt li l-importazzjoni ta' servizzi naqset biss ftit (-0,2 %). Dan jista' jiġi spjegat l-aktar bit-tnaqqis fl-investiment fil-makkinarju u fl-apparat (-34,8 % sena fuq sena fl-istess perjodu).

Grafika 1.5: **Il-kont kurrenti fis-servizzi (% tal-PDG)**




***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

**Il-bidla fil-pożizzjoni preżenti ta' Malta fejn jidħol il-kont kurrenti tidher li hi ta' natura strutturali.** Il-livell preżenti ta' surplus fil-kont kurrenti jeċċedi b'mod sinifkanti n-norma fejn jidħol il-kont kurrenti ([3]), kif stmat mill-Kummissjoni (ara l-Grafika 1.6.). Anki meta wieħed jieħu f'kunsiderazzjoni l-impatt taċ-ċiklu u l-fatturi ta' politika jibqa' reżidwu kbir li ma jistax jiġi spjegat bil-fundamentali. Id-daqs tar-reżidwu jista' jirrifletti l-istruttura li qiegħda tinbidel tal-

([3]) Il-valur ta' referenza "norma" fil-kont kurrenti huwa mnissel minn regressjonijiet fil-forma ridotta li jaqbdu d-determinanti ewlenin tal-bilanċ tat-tifdil-investiment, inkluż determinanti fundamentali (pereż. demografija, riżorsi), fatturi ta' politika u kundizzjonijiet finanzjarji globali. Il-metodoloġija tixbah li dik li ssegwi l-Evalwazzjoni tal-Bilanċ Estern tal-FMI. Ara wkoll, Il-Kummissjoni Ewropea, 2017, "Empirical current account benchmarks: modelling the impact of demographic variables", LIME Working Group, l-24 ta' April 2017.

ekonomija Maltija ([4]), inkluż l-istatus emerġenti tagħha bħala ċentru finanzjarju internazzjonali u l-importanza dejjem tikber ta' attivitajiet transfruntiera. Id-dħul mill-Programm ta' Investiment Individwali ([5]) ukoll kien ta' kontribut sostanzjali għall-bilanċ estern, u b'hekk dan jgħin biex wieħed jifhem il-fattur reżidwali fl-2016.

Grafika 1.6: **Tqassim tal-kont kurrenti (% tal-PDG)**




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Intensità anqas ta' importazzjoni u dipendenza fuq il-kapital fiżiku huma mlaqqa' ma' rata sostnuta ta' tfaddil.** L-irkupru fir-rata nazzjonali ta' tifdil qiegħed jirfed it-titjib fil-bilanċ tal-kont kurrenti, misjuq minn prestazzjoni fiskali aħjar u tifdil mill-kumpaniji u mill-individwi li qiegħed jikber. Dan tal-aħħar huwa riżultat tal-emerġenza ta' setturi ġodda ta' servizzi orjentati lejn l-esportazzjoni kif ukoll tar-ristrutturar ta' setturi li kienu jeżistu qabel li wassal għal tkabbir akbar fil-profitti. Barra minn dan, it-tkabbir ekonomiku qawwi li deher fl-aħħar snin, flimkien mad-dipendenza kbira fuq ix-xogħol tal-ħaddiema fis-setturi ekonomiċi ġodda, kabbar l-introjtu disponibbli. Bil-kontra, l-investiment naqas kemm kemm. B'mod partikolari, l-investiment privat fl-2011-14 kien anqas mill-medja rreġistrata mill-mument ta' adezjoni mal-UE. Il-bidla minn industriji ta' kapital intensiv lejn is-setturi li jirrekjedu aktar ħaddiema x'aktarx li wasslet għal effett kompożizzjonali li xeħtet piż negattiv fuq it-tkabbir totali tal-investiment. Il-fluttwazzjoni mhux tas-soltu fl-investiment privat marbuta mal-proġetti ta' investiment ta' darba wasslu għal tkabbir malajr fl-investiment privat fl-2015-16. Huwa mistenni li għall-quddiem ikun hemm ritorn lejn il-livelli ta' qabel. L-investiment pubbliku, wara li kien niżel għall-anqas livell tiegħu fl-2010, beda jiżdied sal-2015, bis-saħħa wkoll tal-fondi mill-UE. Madankollu, fl-2016 huwa naqas b'mod sinifikanti, u dehret lakuna meta mqabbel mal-medja rreġistrata sa mill-mument tal-adeżjoni mal-UE.

## Is-settur finanzjarju

**Għalkemm id-daqs totali tas-settur bankarju f'Malta naqas, is-settur domestiku kompla jespandi.** Id-daqs totali tas-settur bankarju f'Malta naqas għal 457 % tal-PDG sa Ġunju 2017, minn 510 % fi tmiem l-2015. Madankollu, is-settur domestiku kompla jespandi, hekk kif l-assi totali tal-banek domestiċi laħqu 218 % tal-PDG sa Ġunju 2017, abbażi ta' aktar self lill-unitajiet domestiċi. Il-banek komplew jidħlu f'kuntratti ta' self għall-proprjetà, b'żieda ta' 8 % sena fuq sena, filwaqt li s-self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji għadu dgħajjef. Iż-żieda fis-self għal proprjetà żiedet il-konċentrazzjoni fil-karta tal-bilanċ għall-banek domestiċi, fejn is-self marbut mal-proprjetà jirrappreżenta kważi 60 % tas-self reżidenti. Madankolu, il-banek japplikaw politika iebsa fejn jidħol ir-riskju tal-kreditu, u japplikaw "haircut" ta' madwar 30 % fuq il-valur fis-suq tal-proprjetà. Barra minn dan, skont l-awtoritajiet, madwar nofs ix-xiri ta' djar jiġi ffinanzjat minn self mill-banek, filwaqt li n-nofs l-ieħor ġej minn flus kontanti ta' reżidenti u mhux reżidenti. L-esponiment għall-amministrazzjoni pubblika,

([4]) Fattur strutturali ieħor li jmexxi l-bidla fil-kont kurrenti huwa t-titjib fl-intensità tal-enerġija (jiġifieri ekwivalenti ta' kgs ta' żejt kull 1 000 EUR) li naqas minn 162.2 fl-2004 għal 114 fl-2014. Fl-2015 kompla nieżel għal 90.8, taħt il-medja tal-UE ta' 120. Din iċ-ċaqlieqa tirrifletti kemm l-importanza mċekkna tal-esportazzjoni tal-prodotti kif ukoll it-titjib fl-effiċjenza fil-ġenerazzjoni tal-elettriku. Meta titqies id-dipendenza ta' Malta fuq iż-żejt importat, dawn l-iżviluppi kellhom impatt fuq il-pożizzjoni tal-kont kurrenti tagħha.

([5]) Il-Programm ta' Investiment Individwali ġie stabbilit permezz ta' LN 47/2014. Din l-iskema tagħti ċ-ċittadinanza lil individwi barranin u lid-dipendenti tagħhom wara investiment sostanzjali u proċess ta' diliġenza dovuta. Fil-kontijiet nazzjonali, huwa rreġistrat kemm bħala nefqa negattiva tal-gvern kif ukoll bħala esportazzjoni ta' servizzi.

kemm permezz ta' self dirett kif ukoll permezz taż-żamma ta' bonds tal-gvern, naqas ([6])

**Minkejja ż-żieda fis-self lis-settur privat, is-self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji qiegħed jonqos.** Is-self lil korporazzjonijiet finanzjarji kompla jonqos, minkejja kundizzjonijiet favorevoli ta' ffinanzjar. F'termini annwali, l-istokk eżsitenti ta' self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji niżel b'1 % f'Ottubru 2017, filwaqt li żdied b'2,5 % fiż-żona tal-euro. Dan jista' jiġi spjegat parzjalment bit-tkabbir fis-settur tas-servizzi, li jħaddem ammont kbir ta' ħaddiema, u li ġeneralment ikun jirrekjedi anqas investiment kapitali, u b'hekk jista' jkun li qiegħed jikkontribwixxi għal anqas domanda għall-kreditu (Il-Bank Ċentrali ta' Malta, 2017). Is-self minn kumpanija għal oħra saru s-sors ewlieni ta' finanzjarment għad-ditti. Il-ħruġ dirett ta' titoli tad-dejn u ta' kreditu minn istituzzjonijiet mhux finanzjarji kiber b'mod rapidu, anki jekk minn bażi baxxa (ara t-Taqsima 3.4).

**Fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet, il-banek domestiċi huma likwidi ħafna.** Is-sors ewlieni ta' finanzjament huma d-depożiti bl-imnut, li l-biċċa l-kbira minnhom ġejjin minn reżidenti domestiċi, u madwar wieħed minn kull ħamsa minn persuni mhux reżidenti. Id-depożiti jkopru l-portafoll totali tas-self, u l-banek domestiċi għandhom biss esponiment marġinali għall-iffinanzjar mill-BĊE, jiġifieri 0,4 % tal-ħtiġijiet ta' finanzjarment totali tagħhom. Il-proporzjon tas-self mad-depożiti niżel b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar ħames snin u issa huwa ta' madwar 50 %. Madankollu, il-biċċa l-kbira tad-depożiti jimmaturaw fuq perjodu qasir (90 % minnhom sa sena waħda), li joħloq nuqqas ta' qbil dejjem jiżdied bejn il-maturità tal-assi u tal-obbligazzjonijiet, b'mod partikolari meta jsir tqabbil mas-self għall-proprjetà, fejn il-maturità normalment tkun ta' bejn 25 u 30 sena. Id-depożiti minn persuni mhux reżidenti, jew reżidenti li mhumiex Maltin, jirrappreżentaw madwar 14 % tad-depożiti totali miżmuma fis-settur bankarju domestiku. Dawk li ġejjin minn pajjiżi mhux tal-UE, pereż. l-Libja, jesponu l-iffinanzjament tal-bank għal riskji ta' volatilità, speċjalment f'każ li jikbru t-tensjonijiet ġeopolitiċi. Filwaqt li r-rekwiżiti minimi ta' kapital u ta' likwidità għal dawn il-banek diġà huma ogħla milli għal oħrajn, is-sitwazzjoni timmerita attenzjoni kontinwa mis-superviżur (ara wkoll it-Taqsima 3.2).

### Id-dejn tas-settur privat — korporazzjonijiet mhux finanzjarji u unitajiet domestiċi

**Filwaqt li d-dejn tas-settur privat naqas fl-aħħar snin, jista' jiġri li se jkun hemm bżonn ta' aktar diżingranaġġ.** Id-dejn konsolidat tas-settur privat naqas meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija mill-quċċata li kien laħaq ta' aktar minn 160 % fl-2009, għal 121,4 % fl-2016 (għalkemm dan kien marġinalment ogħla mill-2015). It-tnaqqis kien l-aktar dovut għad-diżingranaġġ passiv f'ambjent makroekonomiku favorevoli minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji, fejn il-proporzjon tad-dejn tagħhom niżel minn 100,8 % fl-2009 għal 68,3 % fl-2016. Madankollu, kemm il-livell tad-dejn tal-unitajiet domestiċi kif ukoll dak tal-kumpaniji huwa ogħla mil-limiti prudenzjali u l-valuri ta' referenza abbażi tal-fundamentali (Grafika 1.7.), u dan jindika li jista' jkun hemm il-bżonn ta' diżingranaġġ ulterjuri ([7]).

([6]) Is-self lill-amministrazzjoni pubblika kien 1,6 pps anqas f'Ġunju 2017 milli kien fi tmiem l-2016, u kien jirrappreżenta 6,5 % tal-portafoll totali ta' self tal-banek domestiċi. B'mod simili, il-banek naqqsu l-esponiment tagħhom għall-gvern Malti, u jżommu madwar EUR 1,7 biljun f'kambjali ta' terminu qasir, li jirrappreżentaw 7,4 % tal-karta tal-bilanċ totali tagħhom.

([7]) Il-valur ta' referenza fundamentali jitnisslu minn regressjonijiet f'forma ridotta li jaqbdu d-determinanti ewlenin tat-tkabbir tal-kreditu. Il-valuri ta' referenza tal-istokks jinkisbu mill-kumulu tal-flussi ta' kreditu previsti mill-mudell. Il-livelli limiti prudenzjali jirrappreżentaw il-limitu ta' dejn li lil hinn minnu jkun hemm probabbiltà għolja ta' kriżi bankarja, miksub mill-minimizzazzjoni tal-probabbiltà tal kriżijiet li ma jseħħux u dik tal-allerti foloz. Il-metodoloġiji huma spjegati fid-dettal f'Il-Kummissjoni Ewropea (2017), "Benchmarks for the assessment of private debt", Note for the Economic Policy Committee.

Grafika 1.7: **Id-dejn tas-settur privat: lakuni fil-valuri ta' referenza prudenzjali u bbażati fuq il-fundamentali**




***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

Grafika 1.8: **L-iffinanzjar ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji**




***Sors:*** Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea

**Is-suq kapitali għadu mhux żviluppat kemm għandu jkun.** Il-kumpaniji Maltin jiffinanzjaw lilhom infushom l-aktar permezz ta' strumenti tad-dejn, filwaqt li l-iffinanzjament tal-ekwità jikkostitwixxi 30,2 % tal-iffinanzjar totali. B'kuntrast ma' dan, l-ekwità hija s-sors ewlieni tal-iffinanzjar tal-kumpaniji fiż-żona tal-euro. L-ammont ta' okkażjonijiet ta' ħruġ ta' bonds korporattivi f'Malta huwa negliġibbli, madankollu il-Borża ta' Malta qiegħda tagħmel sforzi biex tippromwovi l-użu tagħhom u biex tespandihom anki lejn l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Fin-nuqqas ta' suq kapitali biżżejjed profond, il-kumpaniji jużaw iffinanzjar fi ħdan il-grupp bħala sors alternattiv. Barra minn dan, is-surplus operattiv gross kbir tal-kumpaniji (riżultat tal-ambjent makroekonomiku li bħalissa huwa favorevoli) jipprovdi riżerva addizzjonali b'mod li jkunu jistgħu jiffinanzjaw l-investiment permezz ta' qligħ imfaddal.

## Żviluppi fiskali

**Il-finanzi pubbliċi jidhru sodi** Is-surplus nominali tal-gvern mistenni jonqos minn 1,1 % tal-PDG fl-2016 għal 0,9 % tal-PDG fl-2017. Għall-2018 u l-2019 huwa pprojettat surplus fil-baġit ta' 0,5 % tal-PDG (Grafika 1.9.). Bħala riżultat tal-bilanċi primarji aktar qawwija u tat-tkabbir fil-PDG, il-proporzjon tad-dejn pubbliku kellu tendenza 'l isfel, u fl-2016 kien diġà niżel taħt il-limitu ta' 60 % tal-PDG. Il-proporzjon tad-dejn mal-PDG huwa previst li jkompli jonqos, u jinżel taħt il-50 % fl-2019.

Grafika 1.9: **Il-bilanċ u d-dejn tal-gvern (% tal-PDG)**




***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

### *Kaxxa 1.1:* **Is-settur tal-gaming**

L-isfera tal-gaming f'Malta kibret b'mod sostanzjali matul dawn l-aħħar għaxar snin (ara wkoll, Il-Kummissjoni Ewropea, 2017a). Bħala riżultat ta' dawn l-iżviluppi, l-industrija tal-gaming żiedet b'mod konsistenti s-sehem tagħha fl-industrija ekonomika u kkontribwiet kważi 12 % tal-valur miżjud ekonomiku fl-2016. L-industrija tal-gaming saret it-tielet l-akbar settur fl-ekonomija, u teċċedi f'termini ta' valur mizjud setturi oħra tradizzjonalment importanti. Il-gaming jikkontribwixxi wkoll fil-ġenerazzjoni ta' valur miżjud f'setturi ewlenin oħra, inklużi s-servizzi professjonali, l-attivitajiet finanzjarji u ta' ICT, il-kummerċ distributtiv u l-proprjetà immobbli.

Malta setgħet tikkapitalizza fuq il-vantaġġ tagħha bħala dik li fl-UE daħlet l-ewwel f'din l-industrija, u baqgħet tkun proattiva fl-iżvilupp tal-qafas regolatorju tagħha biex issosstni l-vantaġġ kompetittiv tal-gżira fuq quddiem nett tas-settur tal-gaming. Fl-2016, l-Awtorità Maltija tal-Gaming (MGA) kompliet taħdem fuq riforma ġenerali tal-qafas regolatorju tagħha, li kienet inbdiet fl-2015, li mistennija li tidħol fis-seħħ fl-2018. Il-qafas il-ġdid ta' liċenzjar se jimmira lejn l-iżvilupp aktar effettiv ta' attivitajiet bejn in-negozji, it-titjib tal-effiċjenza tal-proċessi regolatorji u l-introduzzjoni tal-flessibbiltà fis-sodisfar ta' dinamiċi preżenti u futuri fir-rigward tal-iżviluppi teknoloġiċi, il-protezzjoni tal-konsumatur u t-talbiet tas-suq. Se jżid ukoll ċerti setgħat tar-regolatur bħal ma hi dik tas-superviżjoni.

Barra minn dan, ir-Raba' Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus, li daħlet fis-seħħ f'Ġunju 2015 ġiet fl-aħħar trasposta fil-liġi nazzjonali fl-20 ta' Diċembru 2017. Id-Direttiva tixħet fuq il-kumpaniji tal-iGaming obbligi aktar onerużi fil-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, filwaqt li jinħoloq obbligu fuq l-operaturi kollha tal-gaming li jwettqu eżerċizzju ta' diliġenza dovuta fejn jidħlu tranżazzjonijiet ta' aktar minn EUR 2 000. Kuntrarju għad-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus preċedenti, l-operaturi tal-iGaming ma kinux persuni ta' suġġett. Ir-Raba' Direttiva stabbiliet ukoll l-obbligu li l-operaturi tal-gaming remoti, bħala persuni ta' suġġett, jaħtru Uffiċjal ta' Kollegament dwar il-Ħasil tal-Flus u li jinnotifikaw il-ħatra kemm lill-Unità ta' Analiżi tal-Intelligence Finanzjarja kif ukoll lill-MGA. L-operaturi tal-iGaming huma obbligati wkoll li joperaw sistemi u taħriġ għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, bħal ma huma proċeduri ta' diliġenza dovuta fuq il-konsumaturi, iż-żamma ta' dokumentazzjoni u proċeduri ta' rappurtar intern.

| **Indikaturi tas-settur tal-Gaming** | **2014** | **2015** | **2016** |
|---|---|---|---|
| Għadd ta' kumpaniji joperaw | 289 | 276 | 266 |
| Valur miżjud gross (EUR miljun) | 795.2 | 901.6 | 1,011.0 |
| % tal-valur miżjud gross (VMG) | 10.7% | 11.1% | 11.6% |
| Impjiegi (tmiem il-perjodu, ekwivalenti ta' full-time) | 3,724 | 4,707 | 6,193 |
| li minnhom, fi stabbilimenti fiżiċi | 16.7% | 17.0% | 14.0% |
| Dħul mit-taxxa fuq il-gaming (EUR m) | 52.6 | 55.2 | 56.3 |
| % tat-taxxi totali fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet | 4.8% | 4.6% | 4.4% |

*L-attivitajiet ta' stabbilimenti fiżiċi jinkludu, fost oħrajn, casinos, swali tal-logħob, swali kummerċjali tal-bingo, il-lotterija nazzjoanli, eċċ.*

*Sors: L-Awtorità Maltija tal-Gaming*

Tabella 1.1: **Indikaturi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin - Malta**

| | 2004-07 | 2008-12 | 2013-14 | 2015 | 2016 | previżjoni 2017 | previżjoni 2018 | previżjoni 2019 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tkabbir reali PDG (sena fuq sena) | 2.5 | 1.7 | 6.4 | 7.2 | 5.5 | 6.9 | 5.6 | 4.5 |
| Tkabbir potenzjali (s.f.s.) | 2.5 | 2.5 | 4.0 | 6.6 | 6.6 | 5.6 | 5.2 | 4.7 |
| Konsum privat (s.f.s.) | 2.1 | 0.8 | 2.3 | 5.8 | 3.1 | . | . | . |
| Konsum pubbliku (s.f.s.) | 1.0 | 3.8 | 3.0 | 3.7 | -2.5 | . | . | . |
| Formazzjoni ta' kapital fiss gross (s.f.s.) | 6.0 | -2.9 | 4.3 | 49.5 | -0.9 | . | . | . |
| Esportazzjoni prodotti u servizzi (s.f.s.) | 7.4 | 6.7 | 2.5 | 4.1 | 4.5 | . | . | . |
| Importazzjoni prodotti u servizzi (s.f.s.) | 7.6 | 6.3 | 0.4 | 7.4 | 1.6 | . | . | . |
| Kontribuzzjoni għat-tkabbir fil-PDG: | | | | | | | | |
| Domanda domestika (s.f.s.) | 2.8 | 0.6 | 2.7 | 12.3 | 0.9 | . | . | . |
| Inventorji (s.f.s.) | 0.0 | 0.2 | 0.2 | -1.1 | 0.4 | . | . | . |
| Esportazzjonijiet netti (s.f.s.) | -0.3 | 0.7 | 3.4 | -4.0 | 4.3 | . | . | . |
| Kontribuzzjoni għat-tkabbir potenzjali fil-PDG: | | | | | | | | |
| Xogħol totali (sigħat) (s.f.s.) | 0.5 | 0.8 | 1.6 | 2.6 | 3.0 | 2.8 | 2.3 | 1.8 |
| Akkumulu tal-kapital (s.f.s.) | 1.4 | 0.8 | 0.6 | 2.3 | 2.1 | 1.4 | 1.4 | 1.4 |
| Produttività totali tal-fattur (s.f.s.) | 0.6 | 0.9 | 1.9 | 1.7 | 1.5 | 1.4 | 1.4 | 1.4 |
| Marġini tal-potenzjal tal-produzzjoni | 0.3 | -1.1 | -0.1 | 2.0 | 1.0 | 1.1 | 0.8 | 0.3 |
| Rata tal-qgħad | 6.9 | 6.5 | 6.1 | 5.4 | 4.7 | 4.2 | 4.0 | 4.0 |
| Deflatur tal-PDG (s.f.s.) | 2.3 | 2.7 | 2.1 | 2.3 | 1.5 | 2.0 | 2.1 | 2.3 |
| Indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP, s.f.s.) | 2.1 | 2.9 | 0.9 | 1.2 | 0.9 | 1.3 | 1.5 | 1.8 |
| Kumpens nominali kull impjegat (s.f.s.) | 3.1 | 3.2 | 1.8 | 3.3 | 2.7 | 2.0 | 3.4 | 3.6 |
| Produttività tal-ħaddiema (reali, għal kull persuna impjegata, s.f.s) | 1.1 | -0.3 | 1.8 | 3.1 | 1.7 | . | . | . |
| Kosti għal kull unità lavorattiva (ULC, l-ekonomija sħiħa, s.f.s.) | 1.9 | 3.5 | -0.1 | 0.2 | 1.0 | 1.1 | 1.6 | 1.9 |
| Kosti reali għal kull unità lavorattiva (s.f.s.) | -0.4 | 0.7 | -2.1 | -2.1 | -0.6 | -0.9 | -0.5 | -0.4 |
| Rata tal-kambju reali effettiva (ULC, s.f.s.) | 1.9 | 0.9 | 0.6 | -3.1 | 0.5 | 1.4 | 1.7 | 0.2 |
| Rata tal-kambju reali effettiva (HICP, s.f.s.) | 1.0 | -0.7 | 1.0 | -2.2 | 1.7 | 0.4 | 1.6 | . |
| Rata ta' tifdil tal-unitajiet domestiċi (tifsil net bħala perċ. tad-dħul disponibbli net) | . | . | . | . | . | . | . | . |
| Fluss tal-kreditu privat, konsolidat (% tal-PDG) | 9.8 | 7.7 | 3.3 | 2.8 | 11.1 | . | . | . |
| Dejtn tas-settur privat, konsolidat (% tal-PDG) | 138.0 | 159.4 | 140.0 | 125.9 | 128.6 | . | . | . |
| li minnu dejn tal-unitajiet domestiċi, konsolidat (% tal-PDG) | 46.8 | 58.7 | 57.9 | 54.5 | 53.2 | . | . | . |
| li minnu dejn lil kumpaniji mhux finanzjarji, konsolidat (% tal- | 91.1 | 100.7 | 82.1 | 71.5 | 75.4 | . | . | . |
| Dejn improduttiv gross (% tal-istrumenti totali tad-dejn u self u avvanzi totali) (2) | 1.7 | 1.6 | 2.6 | 2.9 | 2.6 | . | . | . |
| Korporazzjonijiet, self 'l barra net (+) jew self 'l ġewwa net (-) (% tal- | . | . | . | . | . | . | . | . |
| Korporazzjonijiet, surplus operattiv gross (% tal-PDG) | 24.1 | 25.2 | . | . | . | . | . | . |
| Unitajiet domestiċi, self 'l barra net (+) jew self 'l ġewwa net (-) (% tal- | . | . | . | . | . | . | . | . |
| Indiċi deflatat tal-prezz tal-akkomodazzjoni (s.f.s.) | 13.5 | -0.7 | 0.4 | 5.1 | 4.8 | . | . | . |
| Investiment reżidenzjali (% tal-PDG) | 6.9 | 3.9 | 2.6 | 3.2 | 3.9 | . | . | . |
| Bilanċ tal-kont kurrenti (% tal-PDG), bilanċ tal-pagamenti | -5.0 | -2.2 | 5.7 | 4.6 | 6.6 | 9.6 | 9.4 | 9.8 |
| Bilanċ tal-kummerċ (% tal-PDG), bilanċ tal-pagamenti | -1.6 | 1.4 | 9.2 | 7.4 | 11.3 | . | . | . |
| Termini tal-kummerċ tal-prodotti u servizzi (s.f.s.) | 0.1 | 0.0 | 0.6 | -0.1 | 0.3 | 0.3 | 0.3 | 0.3 |
| Bilanċ tal-kont kaptali (% tal-PDG) | 2.3 | 1.3 | 1.7 | 1.8 | 0.8 | . | . | . |
| Pożizzjoni tal-investiment internazzjonali net (% tal-PDG) | 30.7 | 11.0 | 35.1 | 52.2 | 46.5 | . | . | . |
| Dejn estern kummerċjabbli net (% tal-PDG) (1) | 87.2 | 172.6 | 219.1 | 210.0 | 214.1 | . | . | . |
| Dejn estern kummerċjabbli gross (% tal-PDG) (1) | 454.5 | 713.7 | 680.1 | 551.3 | 466.3 | . | . | . |
| Prestazzjoni tal-esportazzjoni vs. pajjiżi avvanzati (% tibdil fuq 5 | . | 36.9 | 0.4 | -0.5 | 6.3 | . | . | . |
| Sehem mis-suq tal-esportazzjoni, prodotti u servizzi (s.f.s.) | -0.7 | 2.4 | 2.1 | -0.6 | 6.2 | . | . | . |
| Flussi netti ta' IDB (% tal-PDG) | -155.4 | -79.2 | -86.2 | -96.1 | -83.7 | . | . | . |
| Bilanċ tal-gvern ġenerali (% tal-PDG) | -2.9 | -3.1 | -2.1 | -1.1 | 1.1 | 0.9 | 0.5 | 0.5 |
| Bilanċ strutturali tal-baġit (% tal-PDG) | . | -2.6 | -2.4 | -2.1 | 0.8 | 0.6 | 0.1 | 0.4 |
| Dejn gross tal-gvern ġenerali (% tal-PDG) | 67.2 | 67.1 | 66.1 | 60.3 | 57.7 | 55.0 | 51.7 | 48.9 |
| Proporzjon taxxa mal-PDG (%) | 33.0 | 33.4 | 33.8 | 33.0 | 33.6 | 33.3 | 33.4 | 33.4 |
| Rata tat-taxxa għal persuna waħedha li taqla l-paga medja (%) | 17.9 | 17.5 | 19.5 | 19.2 | . | . | . | . |
| Rata tat-taxxa għal persuna waħedha li taqla' 50% tal-paga medja | 8.3 | 8.6 | 10.0 | 10.0 | . | . | . | . |

(1) NIIP bl-esklużjoni tal-investiment dirett u l-ishma ta' ekwità tal-portafoll (2) gruppi bankarji domestiċi u banek indipendenti, sussidjari kkontrollati minn pajjiżi barranin, tal-UE u mhux tal-UE, kif ukoll fergħat ikkontrollati minn pajjiżi barranin, mhux tal-UE.
***Sors:*** Eurostat u l-BĊE mit-30 ta' Jannar 2018, fejn disponibbli; Il-Kummissjoni Ewropea għaċ-ċifri ta' previżjoni (Previżjoni tax-xitwa 2018 gil-każ tal-PDG reali u HICP, l-oħrajn mill-Previżjoni tal-ħarifa 2017)

# 2. IL-PROGRESS FEJN JIDĦLU R-RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻ

**Il-progress bl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Malta fl-2017 ([8]) iridu jittieħdu fuq perspettiva għat-tul sa mill-introduzzjoni tas-Semestru Ewropew fl-2011.** Meta wieħed iħares lejn l-evalwazzjoni pluriennali tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSR) sa minn mindu dawn ġew adottati l-ewwel darba, kien hemm tal-anqas "xi progress" f'87 % tar-rakkomandazzjonijiet kollha indirizzati lejn Malta. Kien hemm progress "limitat", jew ma kien hemm "l-ebda progress" fi 13 % minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet (ara l-Grafika 2.1.). Inkiseb progress sostanzjali u implimentazzjoni sħiħa fil-qasam tal-politika fiskali u tal-governanza fiskali kif ukoll f'ħafna oqsma tas-suq tax-xogħol. Oqsma oħra fejn sar progress sostanzjali kienu l-ambjent tan-negozju u s-settur tal-enerġija.

Grafika 2.1: **Implimentazzjoni pluriennali kumplessiva tar-rakkomandazzjonijiet bejn l-2011 u l-2017, sa issa**




* L-evalwazzjoni kumplessiva tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż marbuta mal-politika fiskali teskludi l-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
** L-evalwazzjoni pluriennali tar-rakkomandazzjonijiet tħares lejn l-implimentazzjoni minn mindu ġew adottati l-ewwel darba r-rakkomandazzjonijiet, sar-Rapport tal-Pajjiż tal-2018.
***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

**Il-finanzi pubbliċi tjiebu wara l-adeżjoni ta' Malta fl-UE.** Kien hemm diversi xejriet fil-bilanċ tal-baġit sa mill-adeżjoni ta' Malta fl-UE, u dawn wasslu għall-ftuħ ta' tliet proċedimenti dwar defiċit eċċessiv. Bħala riżultat, id-defiċit tal-baġit kien fuq medja ta 3,2 % tal-PDG fl-2004-12. Mill-2013 'l quddiem kien hemm titjib kontinwu fis-sitwazzjoni baġitarja, u dan wassal għal surplus fil-baġit ta' 1,1 % tal-PDG fl-2016. L-objettiv fuq perjodu medju intlaħaq tliet snin qabel iż-żmien. Fl-istess sena, id-dejn tal-gvern niżel taħt il-livell limitu ta' 60 % tal-PDG. It-titjib fil-pożizzjoni fiskali kien ir-riżultat kemm tal-miżuri tal-baġit implimentati f'dawn l-aħħar snin kif ukoll ta' tisħiħ fl-introjti, appoġġjati minn kundizzjonijiet makroekonomiċi favorevoli. Min-naħa l-oħra, kien hemm progress limitat fit-titjib tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

**Sar progress sostanzjali f'dawn l-aħħar snin fid-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija.** Ġew immirati sforzi sinifikanti għat-titjib tal-infrastruttura tal-enerġija, inkluż il-qalba fil-produzzjoni tal-elettriku miż-żejt għall-gass naturali. Miżuri importanti f'dan il-qasam jinkludu l-gassifikazzjoni tal-impjanti tal-enerġija ta' Malta kif ukoll it-tlestija tal-interkonnettur tal-elettriku mal-Italja. Madankollu, il-progress biex titjieb l-effiċjenza tal-enerġija, tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, b'mod partikolari fis-settur tat-trasport, għadu limitat.

**L-ambjent tan-negozju qiegħed jitjieb u għaddejjin riformi fil-ġustizzja għalkemm għad baqa' ineffiċjenzi f'ċerti oqsma.** Filwaqt li l-għadd ta' ġranet meħtieġa biex wieħed ikun jista' jibda negozju naqsu, u tnaqqas iż-żmien ta' kemm idumu l-proċeduri għall-akkwist pubbliku, is-sistema tal-ġustizzja għad għandha quddiemha għadd ta' sfidi u t-titjib li sar dan l-aħħar fil-qafas tal-insolvenzi għad irid jiġi trasformat f'effetti prattiċi. Iddaħħlu diversi miżuri sabiex jitjieb l-aċċess għall-iffinanzjar għall-SMEs, inkluż l-istabbiliment tal-Bank Malti tal-Iżvilupp. Sar titjib sostanzjali fit-tnaqqis tat-tul taż-żmien meħtieġ fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

**Sar ukoll xi progress fit-titjib tal-iżvilupp tal-kapital uman.** Dan inkiseb fost affarijiet oħra billi tnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u bl-inċentivar tal-iżvilupp professjonali tal-għalliema. L-awtoritajiet tejbu wkoll il-governanza tal-ħiliet kif ukoll il-parteċipazzjoni f'korsijiet ta' tagħlim għall-adulti. Il-livell tal-ħiliet jidher li hu baxx, peress li l-progress jista' jieħu ż-żmien qabel ma jibda jidher fl-indikaturi ewlenin tar-riżultati. Sar progress sostanzjali rigward linji ta' politika li jtejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja u sabiex tidħol il-

([8]) Għall-evalwazzjoni ta' riformi oħra implimentati fil-passat, ara b'mod partikolari t-taqsima 3.

mentalità li dak li jkun jaqbillu li joħroġ jaħdem, u dan kien ta' għajnuna biex tnaqqset id-diskrepanza fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa, għalkemm din għadha sostanzjali.

**Malta għamlet xi (9) progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2017.** Sar xi progress fl-espansjoni tal-ambitu tar-rieżamijiet li għaddejjin rigward l-infieq biex dawn ikunu jilħqu s-settur pubbliku b'mod aktar wiesa' u fl-introduzzjoni ta' infieq pubbliku bbażat fuq il-prestazzjoni. Dan huwa wkoll ta' kontribut biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill liż-Żona tal-Euro għall-2017 dwar it-titjib tat-tfassil tal-finanzi pubbliiċi. L-awtoritjaiet għamlu xi progress fl-iżgurar ta' superviżjoni nazzjonali effettiva ta' negozji orjentati internazzjonalment mill-istituzzjonijiet finanzjarji liċenzjati f'Malta billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-superviżuri ospitanti fil-pajjiżi li fihom joperaw. Dan huwa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni liż-Żona tal-Euro biex jiġu indirizzati r-riskji ta' vijabbiltà fi ħdan is-settur bankarju.

Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) huma importanti fl-indirizzar ta' sfidi ewlenin quddiem it-tkabbir u l-konverġenza inklussivi f'Malta, notevolment bl-ixprunar tal-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni u - permezz ta' kundizzjonalitajiet oħra - biex tiġi żgurata t-traspożizzjoni f'waqtha tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku u l-ambjent. Il-Fondi SIE jgħinu wkoll fit-titjib tar-relevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'mod li jsir tqabbil bejn il-ħiliet u dak li jkollu bżonn is-suq tax-xogħol, jagħtu appoġġ lill-parteċipazzjoni ta' dawk b'ħiliet baxxi fi programmi ta' tagħlim u lit-tnaqqis tal-għadd ta' nies li jkunu qegħdin jgħixu fir-riskju tal-faqar (ara wkoll il-Kaxxa 2.2.).

**L-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ tekniku mill-Kummissjoni fit-tħejjija, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir.** Is-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali (SRSS) jipprovdi, f'kooperazzjoni mas-servizzi relevanti tal-Kummissjoni, appoġġ tekniku mfassal apposta, li ma jkunx jirrekjedi kofinanzjar u jingħata fuq talba mill-Istat Membru. L-appoġġ jindirizza prijoritajiet identifikati fil-kuntest tal-proċess tal-governanza ekonomika tal-UE (jiġifieri, l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż), iżda l-ambitu tas-sostenn tal-SRSS huwa usa' peress li jista' jkun ikopri wkoll riformi marbuta ma' prijoritajiet oħra tal-Kummissjoni, jew riformi li jkunu saru fuq inizjattiva tal-Istati Membri.

**Malta talbet appoġġ tekniku pprovdut mis-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali (SRSS) bħala għajnuna fl-implimentazzjoni tar-riformi f'diversi oqsma bħalma huma: l-amministrazzjoni pubblika, it-tkabbir u l-ambjent ta' negozju, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, u s-settur finanzjarju.** B'mod partikolari, l-SRSS jipprovdi appoġġ fl-implimentazzjoni ta' analiżijiet tan-nefqa, fl-introduzzjoni ta' standards ta' kontabbilità abbażi tad-dovuti, fl-iżvilupp ta' pjan nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima, u fit-tfassil ta' qafas ta' politika għall-promozzjoni ta' infrastruttura ta' karburanti alternattivi fit-trasport.

(9) L-informazzjoni fil-livell tal-progress u azzjonijiet meħuda biex jiġi indirizzat il-parir ta' politika f'kull sottoparti tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSR) tiġi ppreżentata fit-Tabella ta' Ħarsa Kumplessiva fl-Anness. Din l-evalwazzjoni kumplessiva ma tinkludix evalwazzjoni tal-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

| *Kaxxa 2.1:* **Tabella dwar l-implimentazzjoni tas-CSR** | |
|---|---|
| **Malta** | **Evalwazzjoni kumplessiva tal-progress bis-CSR 2017: Xi progress** |
| **CSR 1:** *Jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżamijiet fuq l-infiq attwali għas-settur pubbliku aktar wiesa' u jiġi introdott infiq pubbliku bbażat fuq il-prestazzjoni.* | Sar **xi progress** fit-twessiegħ tal-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżamijiet fuq l-infiq attwali għas-settur pubbliku aktar wiesa'. |
| **CSR 2:** *Tiġi żgurata s-superviżjoni nazzjonali effettiva mill-istituzzjonijiet finanzjarji tan-negozji orjentati internazzjonalment b'liċenzja f'Malta billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-superviżuri ospitanti fil-pajjiżi fejn joperaw.* | Sar **xi progress** biex tiġi żgurata superviżjoni nazzjonali effettiva ta' negozji orjentati internazzjonalment mill-istituzzjonijiet finanzjarji liċenzjati f'Malta |

### *Kaxxa 2.2:* Riżultati tanġibbli miksuba permezz tas-sostenn tal-UE għal tibdil strutturali f'Malta

**Malta tibbenefika minn sostenn mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) b'allokazzjoni ta' massimu ta' EUR 828 miljun sal-2020.** Dan jirrappreżenta madwar 1 % tal-PDG kull sena fuq il-perjodu 2014-18 u 28 % tal-investiment pubbliku ([1]). Sa tmiem l-2017, huwa stmat li kienu ġew allokati EUR 402 biljun (49 % tat-total) għal proġetti fuq il-post. F'dan il-kuntest, aktar minn 2 900 ditta intgħażlu biex jirċievu appoġġ għal investimenti produttivi ġodda; inħolqu kważi 240 impjieg bl-investimenti msemmija hawn fuq; It-titjib fl-infrastruttura tat-toroq inkiseb hekk kif ġew mibnija toroq ġodda u mtejba oħrajn, bħal fil-każ tal-proġett tal-Kappara, li jagħmel parti min-netwerk ewlieni tat-toroq tal-UE (Ten-T). Mill-finanzjament tal-UE, huwa ppjanat li jingħataw EUR 34 miljun permezz ta' strumenti finanzjarji, li hija żieda ta' aktar minn tliet darbiet meta jsir tqabbil mal-perjodu 2007-13. Malta tikkontrobwixxi wkoll EUR 15-il miljun lill-inizjattiva tal-SMEs li tat prova ta' suċċess kbir, b'rata ta' implimentazzjoni ta' 100 %.

**Il-Fondi SIE jgħinu biex jiġu indirizzati sfidi strutturali ta' politika u fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.** Il-Fondi SIE jindirizzaw l-ostakoli strutturali ewlenin għat-tkabbir u l-kompetittività billi jikkontribwixxu għal titjib fl-effettività tas-sistema tal-ġustizzja, iż-żieda fil-proporzjon tal-PDG investit fir-riċerka u l-iżvilupp, minn 0,72 % għal mill-anqas 2 %. Huma jikkontribwixxu wkoll biex ikun hemm żieda fl-impjiegi għal 70 % tal-popolazzjoni fl-età li taħdem. Għadd sostanzjali ta' miżuri meħuda b'reazzjoni għall-isfidi ta' Malta u s-CSR relatati huma kkofinanzjati mill-proġetti tal-Fond Soċjali Ewropew, b'mod partikolari fejn tidħol ir-relevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ u dwar il-ħtieġa li jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola. Pereżempju, il-proġetti tal-Garanzija taż-Żgħażagħ 2.0, u tal-Aċċess għall Impjiegi jindirizzaw il-kwalità tal-ħaddiema u l-parteċipazzjoni ta' dawk b'ħiliet baxxi fi programmi ta' tagħlim. Miżuri oħra jikkontribwixxu fit-tnaqqis tal-għadd ta' nies li jaffaċċjaw riskji ta' faqar jew esklużjoni soċjali.

**Twettqu diġà diversi riformi bħala kundizzjoni minn qabel għal appoġġ mill-Fondi SIE ([2]).** Dawn jinkludu t-traspożizzjoni f'waqtha ta' direttivi dwar l-akkwist pubbliku u l-ambjent, kif ukoll riformi strutturali fl-oqsma tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, l-infrastruttura tat-trasport, l-edukazzjoni, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, il-provvista tal-ilma inkluż għal skopijiet agrikoli. Il-kontribuzzjoni ta' JASPERS kienet kruċjali fl-iżvilupp tal-kapaċità interna għaż-żamma, l-operat u l-aġġornament tal-Mudell Nazzjonali tat-Trasport, b'mudelli ta' previżjoni li jwasslu sal-2025 u l-2050 sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mobbiltà aktar sostenibbli u effiċjenti. L-istrateġiji intelliġenti ta speċjalizzazzjoni jixprunaw u jikkoordinaw l-investimenti ta' innovazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat, u l-pjani ta' trasport jipprovdu qafas koerenti. Dawn ir-riformi ħejjew it-triq għal implimentazzjoni aħjar ta' proġetti ta' investiment pubbliku b'mod ġenerali, inkluż dawk iffanzjati minn sorsi nazzjonali u minn strumenti oħrajn tal-UE.

**Malta tinsab miexja 'l quddiem fl-assorbiment tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS).** Kif kienet is-sitwazzjoni f'Diċembru 2017, il-volum kumplessiv ta' ffinanzjar approvat taħt il-FEIS kien ta' EUR 11-il miljun, li bih mistenni li jiskatta investiment totali pubbliku u provat ta' EUR 34 miljun. B'mod aktar speċifiku, ġie approvat sa issa proġett wieħed b'ħafna pajjiżi li jinkludu lil Malta, taħt is-sezzjoni tal-infrastruttura u l-innovazzjoni, li jammonta għal EUR 5 miljun f'finanzjar tal-BEI taħt il-FEIS. Dan jikkonċerna s-settur tar-riċerka u l-iżvilupp u mistenni li bis-saħħa tiegħu jiskattaw EUR 17-il miljun f'investimenti. Taħt is-sezzjoni SME, ġie approvat sa issa ftehim wieħed ma' intermedjarji finanzjarji. L-iffinanzjar tal-Fond Ewropew tal-Investiment abilitat mill-FEIS jammonta għal EUR 6 miljun, li mistenni li jimmobilizza madwar EUR 17-il miljun f'investiment totali.

**L-iffinanzjar taħt Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropea u fondi oħra direttament ġestiti mill-UE huwa b'żieda mal-Fondi SIE.** Sa tmiem l-2017, Malta ffirmat ftehimiet għal EUR 45 miljun fi proġetti taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

https://cohesiondata.ec.europa.eu/countries/MT

([1]) L-investiment pubbliku huwa definit bħala formazzjoni ta' kapital fiss gross + għotjiet għall-investiment + nefqa nazzjonali fuq l-agrikoltura u s-sajd.

([2]) Qabel ma jiġu adottati programmi, l-Istati Membri huma obbligati li jkunu konformi ma' għadd ta' hekk imsejħa kundizzjonalitajiet ex-ante, li għandhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet fil-maġġoranza tal-oqsma ta' investimenti pubbliċi.

# 3. PRIJORITAJIET TA' RIFORMA

## 3.1. IL-FINANZI PUBBLIĊIN U T-TASSAZZJONI

### 3.1.1. ŻVILUPPI RIĊENTI FIL-BILANĊI FISKALI U L-MUTURI EWLENIN

**Is-sitwazzjoni fiskali tjiebet b'mod sinifikanti.** Fl-2016, Malta mxiet minn pożizzjoni ta' defiċit għal waħda ta' surplus, kemm f'termini nominali kif ukoll strutturali. Barra minn dan, il-proporzjon tad-dejn niżel taħt il-limitu tas-60 % tal-PDG. Dan it-titjib kien ir-riżultat kemm ta' miżuri baġitarji implimentati f'dawn l-aħħar snin kif ukoll ta' kundizzjonijiet makroekonomiċi favorevoli.

**Għadu diffiċli biex wieħed jipprevedi ċerti elementi ta' dħul fiskali.** Il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika bbenefika mid-dħul minn miżura partikolari tal-baġit, jiġifieri l-Programm tal-Investitur Individwali (IIP) li ġie introdott fl-2014. Id-dħul marbut ma' dan il-programm huwa stmat li laħaq 4.3 % tal-PDG b'mod kumulattiv fl-2014-17. Iżda huwa diffiċli li wieħed jagħmel previzjoni tar-riżultat ta' din il-miżura fuq perjodu ta' żmien medju, peress li mhix marbuta ma' xi żvilupp makroekonomiku.

Grafika 3.1.1: **Il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika u l-impatt tal-Programm tal-Investitur Individwali (% tal-PDG)**




***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

**Fl-istess ħin, in-nefqa kurrenti kienet relattivament dinamika.** Fil-livell ta' 37,9 % tal-PDG fl-2016, in-nefqa pubblika totali jidher li kienet baxxa mqabbla mal-medja fiż-żona tal-euro ta' 47,6 %. Iżda Malta kellha waħda mill-ogħla rati ta' tkabbir fin-nefqa pubblika fl-UE matul l-aħħar tliet snin (fil-livell ta' 5,6 % kontra 1,5 % fl-UE). Din ir-rata għolja ta' tkabbir fin-nefqa pubblika kienet parzjalment dovuta għal investiment pubbliku akbar, marbut mal-assorbiment ta' fondi tal-UE fl-2015. Madankollu, in-nefqa kurrenti kienet ukoll dinamika ħafna f'dawn l-aħħar tliet snin, b'rata ta' tkabbir ta' 6,0 % kontra 1,8 % fl-UE.

Grafika 3.1.2: **It-tkabbir medju fl-2013-2016 fin-nefqa kurrenti totali kull abitant**




Il-ħruġ tal-gvern jitkejjel bil-parità tal-kapaċità tal-akkwist sabiex jittieħed kont tal-livell differenti ta' prezzijiet madwar il-pajjiżi.
***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

**In-nefqa kull ras qiegħda tikber b'rata mgħaġġla, speċjalment fil-każ tas-saħħa u l-edukazzjoni.** Filwaqt li l-livell ta' nefqa pubblika kull ras f'Malta huwa anqas mill-medja tal-UE, ir-rata ta' tkabbir tagħha hija waħda mill-ogħla fl-UE f'dawn l-aħħar tliet snin (Grafika 3.1.2). Il-funzjonijiet fejn in-nefqa għal kull abitant żdiedet l-aktar kienu fejn jidħlu s-saħħa u l-edukazzjoni. Għat-tul, dawn is-setturi se jaffaċċjaw ukoll pressjoni minn popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, biex b'hekk tinxteħet pressjoni addizzjonali fuq id-dinamika tan-nefqa (ara aktar 'l isfel). Ir-rati ta' tkabbir ogħla mill-medja tal-UE kienu rreġistrati wkoll għal affarijiet ekonomiċi u s-servizzi

ġenerali lill-pubbliku, filwaqt li n-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali qiegħda tikber b'pass moderat.

**Fil-biċċa l-kbira, Malta kisbet il-konsolidazzjoni fiskali mingħajr ma ġie ppenalizzat l-investiment pubbliku, anki jekk dan tal-aħħar huwa baxx meta mqabbel ma' dak ta' pajjiżi pari.** Wara li naqas għal 2,2 tal-PDG fl-2010, l-investiment tal-gvern żdied għal 4,3 % tal-PDG fl-2015, riflessjoni anki tan-neċessità li l-proġetti ffinanzjati mill-UE jiġu protetti minn tnaqqis, li għandhom sehem kbir mill-investiment pubbliku. Madankollu fl-2016 dan naqas b'mod sinifikanti għal 2,5 % tal-PDG u huwa pprojettat li jiżdied biss marġinalment fl-2017, anki minħabba l-bidu tal-perjodu programmatiku l-ġdid u minkejja l-akkumulu ta' fondi fil-Fond Nazzjonali Soċjali u tal-Iżvilupp ([10]), marbut mal-IIP. Bħala riżultati, l-investiment pubbliku kien jammonta għal 3,5 % tal-PDG bħala medja fl-2014-16, li hu ogħla mill-medja tal-UE ta' 2,8 % (ŻE: 2,7 % tal-PDG), iżda waħda mill-anqas fost il-pajjiżi pari (Stati Membri żgħar).

([10]) Il-Fond Nazzjonali Soċjali u tal-Iżvilupp ġie stabbilit fl-2015 u mistenni li jirċievi 70 % tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-applikanti tal-IIP. Il-fondi li jirċievi jridu jintużaw fl-interess pubbliku, inkluż fuq l-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni, skopijiet soċjali, il-ġustizzja u l-istat tad-dritt, inizjattivi dwar l-impjiegi, l-ambjent u s-saħħa pubblika.

Grafika 3.1.3: **Formazzjoni grossa ta' kapital fiss fl-2012 u l-2016 (% tal-PDG)**




***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

## 3.1.2. IT-TASSAZZJONI

**Is-sistema tat-taxxa ta' Malta qiegħda kull ma jmur issir dipendenti fuq it-taxxa tad-dħul korporattiva.** Fl-2016, Malta kellha proporzjon kumplessiv tat-taxxa mal-PDG ta' 32,7 %, li huwa sew taħt il-medja tal-UE ta' 38,9 % ([11]) (Il-Kummissjoni Ewropea, pubblikazzjoni dalwaqt). Filwaqt li s-sehem tat-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet huwa konformi mal-medja tal-UE, is-sehem tat-taxxi fuq id-dħul individwali huwa aktar baxx mill-medja tal-UE. Il-kontribuzzjonijiet soċjali (5,5 % tal-PDG) jirrappreżentaw porzjon relattivament żgħir tad-dħul tat-taxxa (kontra 12,1 % fl-UE). Bħala proporzjon mal-PDG, id-dħul mit-taxxa tad-dħul korporattiva (6,5 %) huma l-ogħla fl-UE u 2,5 darba l-medja tal-UE (2,6 %). Il-proporzjon tat-taxxa tad-dħul korporattiva mal-PDG ta' Malta żdied b'2,8 pps mill-2005 għall-2016 (minn 3,7 % għal 6,5 %), kontra tnaqqis ta' 0,3 pps bħala medja fl-UE It-tassazzjoni korporattiva għalhekk għandha rilevanza kbira bħala sors importanti u li qiegħed jikber ta' dħul mit-taxxi għal Malta. Il-bażi dejqa tat-taxxa ta' Malta, flimkien mal-isfidi li għandha fejn tidħol il-konformità u l-ippjanar tat-taxxa (ara aktar 'l isfel), tista' taffettwa b'mod ħażin il-pożizzjoni fiskali tal-pajjiż fil-każ ta' skossi

([11]) Il-proporzjon tat-taxxa mal-PDG ivarja minn dak indikat fit-Tabella 1.1 peress li l-kontribuzzjonijiet soċjali attwali volontarji mhumiex inklużi.

ekonomiċi jew riformi internazzjonali fit-taxxa tad-dħul korporattiva.

**Malta pproponiet miżura biex tindirizza d-distorsjoni favur id-dejn tal-kumpaniji.** L-iffinanzjar bid-dejn jidher li hu inkoraġġit f'Malta peress li d-dejn jingħata vantaġġ fuq l-ekwità fil-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa tal-kumpaniji. Bħala riżultat, Malta għandha waħda mill-akbar distorsjonijiet favur id-dejn fost il-kumpaniji (3,8 %) fl-UE ([12]) u ma għamlet l-ebda progress biex dan jiġi indirizzat ta' dawn fl-aħħar snin ([13]). Saru xi passi biex titnaqqas din id-distorsjoni, bħar-reġim tat-Tnaqqis ta' Imgħax Nozzjonali (NID) (disponibbli mill-2018), li mistenni li jrendi l-iffinanzjar b'ekwità aktar attraenti. B'mod partikolari, se jippermetti lill-kumpaniji lokali u lill-kumpaniji barranin stabbiliti b'mod permanenti f'Malta li jitolbu tnaqqis fuq l-ekwità tagħhom abbażi tal-bażi tat-taxxa tagħhom. It-tnaqqis se jkun limitat għal 90 % tal-bażi tat-taxxa u kull eċċess jista' jiġi trasferit biex jitnaqqas fis-snin ta' wara. Il-limitu ta' 90 % jista' jkun problematiku fil-każ ta' kumpaniji li ma jkunux ilhom jeżistu, peress li dawn għandhom it-tendenza li jakkkumulaw it-telf fil-bidu tas-sena. L-iskema fiha wkoll karatteristiċi li jista' jkun ikollhom impatt għoli fuq l-introjti tal-baġit. hija tapplika għal kull ekwità, li tiġġenera gwadann mhux mistenni għal investimenti pre-eżistenti. u l-ambitu tal-kapital tar-riskju huwa wiesa' u r-rata ta' ritorn nozzjonali kurrenti hija għolja, fil-livell ta' madwar 7 % ([14]).

**Ċerti indikaturi għadhom jindikaw li r-regoli tat-taxxa tal-kumpaniji tal-pajjiż jintużaw minn kumpaniji li jagħmlu ppjanar aggressiv tat-taxxa.** Kif jidher fi studju, l-istokk għoli ta' investiment dirett barrani (FDI) kemm endoġenu kif ukoll eżoġenu ([15]) ta' Malta huwa biss parzjalment spjegat minn attivitajiet ekonomiċi reali li jsiru fil-pajjiż ([16]). Il-livell għoli ta' pagamenti ta' dividendi, ta' imgħax u ta' royalties ([17]) bħala perċentwali ta' PDG għadhom jindikaw li r-regoli tal-pajjiż qegħdin jintużaw minn kumpaniji biex jagħmlu ppjanar aggressiv tat-taxxa. Il-kumpaniji jistgħu jagħżlu li jinvestu f'Malta biex jibbenefikaw minn dawn ir-regoli tat-taxxa korporattiva. Il-maġġoranza l-kbira tal-FDI jinżamm minn "Entitajiet bi Skop Speċjali" ([18]). In-nuqqas ta' taxxi minn ras il-għajn fuq id-dividendi, ta' pagamenti ta' imgħaxijiet u ta' royalties li jsir mill-kumpaniji bbażati Malta jista' jwassal biex dawk il-pagamenti jaħarbu għal kollox mit-taxxa, jekk ma jkunux ukoll suġġetti għat-taxxa fil-pajjiż reċipjenti. Dan jista' jiffaċilita l-ippjanar aggressiv tat-taxxa[19]. Filwaqt li r-reġim il-ġdid ta' NID ta' Malta se jkun ta' għajnuna fit-tnaqqis tad-distorsjoni bejn id-dejn u l-ekwità, id-dispożizzjonijiet preżenti ta' kontra l-evitar inklużi fil-liġi ma humiex dettaljati, jew b'saħħithom, biżżejjed. Pereżempju, ir-reġim ta' NID ma jinkludi la regoli dwar tneħħija tal-qligħ komprensiv u lanqas regoli adegwati kontra l-kaskata. Dan in-nuqqas ta' regoli qawwija kontra l-abbuż, flimkien mar-rata ta' ritorn għolja u s-sistema mhux inkrimentali tar-reġim, jista' jipprovdi opportunitajiet għall-evitar tat-taxxa, u b'hekk jindika l-ħtieġa ta' monitoraġġ mill-qrib tal-effettività ta' dawn ir-regoli kontra l-evitar. L-eżistenza ta' xi dispożizzjonijiet fit-trattati bilaterati dwar it-taxxa bejn Malta u Stati Membri oħra tal-UE, flimkien mas-sistema tat-taxxa ta' Malta, fejn kumpanija li tkun reżidenti iżda mhux domiċiljata f'Malta tiġi ntaxxata fuq bażi ta' ras il-għajn u ta' rimessa, jistgħu jintużaw mill-kumpaniji biex iwettqu prassi ta' evażjoni tat-taxxa.

([12]) Sabiex jilħaq punt ta' ekwilibriju, investiment li jkun iffinanzjat bid-dejn ikun irid qiegħed jaqla' rendiment 3,8 % anqas minn investiment iffinanzjat b'ekwità

([13]) Malta tipprovdi sistema ta' imputazzjoni sħiħa, li mhix riflessa f'din id-dejta. Dan jista' jibbilanċja b'mod parzjali d-distorsjoni favur id-dejn tal-kumpaniji.

([14]) Is-7 % jikkonsistu minn (i) ir-rata bla riskju fuq ir-rendiment kurrenti sal-maturità għall-istokks tal-gvern b'terminu rimanenti ta' madwar 20 sena – li bħalissa huwa ta' madwar 2 % u (ii) primjum fuq ir-riskju ta' 5 %.

([15]) Fl-2016, il-livell ta' stokk ta' investiment dirett barrani (FDI) endoġenu u eżoġenu kien jammonta rispettivament għal 1 626 % u 626 % tal-PSG (fost l-ogħla ħamsa fl-UE).

([16]) IHS (2018). Indikaturi dwar l-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa *għadhom ġejjin* fid-Dokumenti dwar it-Tassazzjoni.

([17]) Il-flussi tad-dividendi mħallsa (ikkalkulati bħala dħul nett fuq l-FDI) kienu jammontaw għal 86,3 % tal-PDG (it-tieni l-ogħla fl-UE). Ir-royalties imħallsa u riċevuti fl-2016 kienu jammontaw rispettivament għal 2,9 % tal-PDG u għal 4,5 % tal-PDG (ir-raba' l-ogħla fl-UE).

([18]) Is-sehem tal-FDI endoġenu u eżoġenu miżmum minn "Entitajiet bi Skop Speċjali" kien jammonta rispettivament għal 96 % u 98 % tal-PDG fl-2016. Entità bi Skop Speċjali hija entità legali li jkollha ftit jew l-ebda impjiegi, operat jew preżenza fiżika fil-ġuriżdizzjoni fejn tkun lokalizzata. Hija tkun relatata ma' korporazzjoni oħra, ħafna drabi bħala sussidjarja, u tipikament tkun lokalizzata f'ġuriżdizzjoni oħra.

19 Għal aktar informazzjoni dwar l-internazzjoni bejn it-taxxa minn ras il-għajn u l-istrutturi tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa, ara ZEW (2016), the Impact of Tax Planning on Forward-Looking Effective Tax Rates, Taxation papers 64.

**Malta ħadet miżuri biex temenda ċerti aspetti tas-sistema tat-taxxa tagħha li jistgħu jiffaċilitaw l-ippjanar tat-taxxa.** Il-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta fit-Tassazzjoni approva t-tmiem tas-sistema l-qadima ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi, sabiex tiġi allinjata ma' żviluppi internazzjonali. Madankollu, hija suġġetta għal klawżola ta' anterjorità li tibqa' fis-seħħ sa Ġunju 2021. Filwaqt li l-evidenza ekonomika dwar l-effettività tas-sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi bħala mezz li bih jiġu inkoraġġiti r-riċerka u l-iżvilupp għadha limitata (CPB, 2014), dawn jistgħu jintużaw bħala għodda ta' kompetizzjoni tat-taxxa (Alstadsæter et. al, 2017). Fl-aħħar nett, id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi tal-UE kontra l-Evitar tat-Taxxa (ATAD) se jkollhom jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali sa tmiem l-2018 u l-2019. Id-direttivi se jdaħħlu regoli ġodda kontra l-abbuż ([20]). Se jkun importanti li jiġi analizzat sa liema punt din il-bidla, flimkien mal-effett tat-traspożizzjoni tal-ATAD, se jkun ta' limitazzjoni fuq l-ambitu tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa f'Malta.

**It-titjib tal-konformità mar-regoli tat-taxxa tal-VAT għadha ta' sfida, iżda sar progress sinifikanti.** Malta dan l-aħħar esperjenzat l-akbar tnaqqis fid-diskrepanza tal-VAT ([21]). Fl-2015, bħala riżultat ta' tnaqqis ta' 17 % fl-obbligazzjonijiet totali ta' taxxa tal-VAT, kien hemm tnaqqis konsiderevoli fid-diskrepanza tal-VAT – għal 23 % minn 40 % is-sena ta' qabel. It-tnaqqis huwa l-aktar dovut għall-impatt fuq ir-reġim tal-logħob tal-azzard elettroniku tal-introduzzjoni tar-reġim il-ġdid tal-Mini One Stop Shop (MOSS) ([22]) li ddaħħal fl-2015 skont il-liġi tal-UE. Madankollu, id-diskrepanza tal-VAT għadha ogħla sew mill-medja tal-UE (13%)

**Il-baġit għall-2018 jintroduċi miżuri fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa**. L-awtoritajiet għandhom l-għan li jiġġieldu l-evażjoni tat-taxxa u l-kompetizzjoni inġusta billi jżidu l-penali għal ftehimiet li jsiru barra jew ġewwa l-qorti. U it-Task Force Konġunta ta' Infurzar mistennija li tkompli tiġġieled l-evażjoni tat-taxxa, anki billi żżid l-għadd ta' spetturi.

### 3.1.3. ANALIŻI TAL-QAFAS FISKALI U TAN-NEFQA

**Il-finanżi pubbliċi ukoll ibbenefikaw mit-tisħiħ tal-qafas fiskali li daħal fis-seħħ bl-Att tar-Responsabbiltà Fiskali.** Waħda mill-karattersitiċi l-ġodda tal-Att tar-Responsabbiltà Fiskali tal-2014 kienet il-ħolqien tal-Kunsill Konsultattiv Fiskali ta' Malta (MFAC) li l-membri tiegħu kienu nħatru f'Jannar 2015 (ara Il-Kummissjoni Ewropea, 2017a). Il-Kunsill diġà sar fattur fiss fid-dibattitu pubbliku dwar żviluppi fiskali. Sa issa, huwa esprima qbil wiesa' mat-tbassir tal-gvern u qies b'mod pożittiv il-konformità mar-regoli fiskali nazzjonali. Iżda minkejja dawn l-opinjonijiet pożittivi, il-Kunsill appella b'mod regolari lill-gvern biex jeżegwixxi b'mod rigoruż l-istrateġija baġitarja tiegħu. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll għall-volatilità tal-projezzjonijiet tal-popolazzjoni u r-riskju, marbut ma' dan, fl-evalwazzjoni tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Peress li l-ewwel snin ta' ħidma tal-Kunsill ħabtu mal-iżviluppi makroekonomiċi u fiskali pjuttost pożittivi, l-effettività tiegħu għad trid tiġi ppruvata fi żminijiet ekonomiċi diffiċli.

**L-analiżi tan-nefqa għadha għaddejja.** L-awtoritajiet bdew analiżi tan-nefqa fl-2014 fi tliet oqsma ta' nefqa pubblika li huma partikolarment relevanti għas-sostenibbiltà fiskali: is-sigurtà soċjali, is-saħħa u l-edukazzjoni. Fl-2017, il-programm ta' analiżi ffoka fuq servizzi oħrajn fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, inkluż il-Ministeru nnifsu, is-Servizzi ta' Kura Primarja, l-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek u l-Unità tas-Servizzi tal-Kuntratti tal-Akkwist. Kull analiżi ntemmet bil-pubblikazzjoni ta' rapport li kien jinkludi rakkomandazzjonijiet, li xi wħud minnhom diġà ġew implimentati (l-aktar fil-każ tal-ewwel żewġ analiżijiet) u xi wħud minnhom jinsabu fil-proċess ta' implimentazzjoni.

**Huwa ppjanat li jitwettqu inizjattivi ulterjuri kemm fil-qasam tal-analiżi tan-nefqa kif ukoll dak tal-qafas fiskali.** L-awtoritajiet qegħdin jippjanaw li ssir analiżi fl-Unità tal-Effiċjenza tal-Ġestjoni u l-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija. Qegħdin jippjanaw ukoll li

([20]) Tali regoli CFC, regoli ta' limitazzjoni fuq l-imgħax u regoli li jeħduha kontra n-nuqqas ta' qbil ibridu.

([21]) Id-diskrepanza tal-VAT hija d-differenza bejn l-ammont ta' taxxa li attwalment tinġabar u r-responsabbiltà teoretika netta għall-VAT tal-ekonomija, taħt is-sistema kurrenti ta' VAT tal-pajjiż.

([22]) L-iskema MOSS biddlet il-mod li bih jinħarġu l-fatturi tal-VAT fil-każ ta' servizzi elettroniċi esportati, bl-obbligu li l-VAT mis-servizzi elettroniċi titħallas fil-pajjiż fejn il-klijent ikun reżidenti.

jistituzzjonalizzaw il-funzjoni ta' analiżi tan-nefqa taħt direttorat fil-Ministeru tal-Finanzi li jkun inkarigat mill-prestazzjoni u l-evalwazzjoni tas-settur pubbliku. Dan id-direttorat se jkun ukoll inkarigat mill-monitoraġġ tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fl-aħħar snin fit-tliet oqsma koperti mill-analiżi tan-nefqa u se jagħmel koordinazzjoni fil-futur. Jekk jiġu implimentati kif suppost, dawn l-inizjattivi jistgħu jkunu ta' kontribut għal aktar effettività fl-infieq pubbliku. Il-qafas fiskali jibbenefika wkoll mill-introduzzjoni ppjanata ta' kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti fid-dipartimenti kollha tal-gvern. Dan il-proġett, li għadu bl-istadju inizjali se jkopri biss id-dipartimenti magħżula, għandu jkun jinkludihom kollha fi żmien 30 xahar. La darba tkun finalizzata, is-sistema l-ġdida għandha tiġġenera stampa ħafna aktar preċiża u trasparenti tal-finanzi pubbliċi.

### 3.1.4. IS-SOSTENIBBILTÀ FISKALI

**Malta qiegħda taffaċċja riskji medji fejn tidħol is-sostenibbiltà għat-tul.** Hekk kif id-dejn tal-gvern niżel taħt il-livell tas-60 % tal-PDG, Malta ma għandhiex quddiemha riskji fiskali sinifikanti fuq perjodu qasir jew inkella medju. Madankollu, skont l-indikatur tal-Kummissjoni dwar id-distakk tas-sostenibbiltà fit-tul (l-indikatur S2 ([23])) Malta jidher li qiegħda taffaċċja riskju medju għat-tul. Ir-riskji għas-sostenibbiltà fit-tul ġejjin l-aktar mill-kost ipprojettat ta' popolazzjonni qiegħda tixjieħ (5,0 punti perċentwali tal-PDG), nefqa partikolarment ogħla fuq il-kura tas-saħħa u l-kura għat-tul (2,9 punti perċentwali tal-PDG) iżda wkoll nefqa ogħla fuq il-pensjonijiet (1,8 punti perċentwali tal-PDG).

#### Is-sistema tal-pensjonijiet

**Is-sostenibbiltà għat-tul tas-sistema tal-pensjonijiet tjiebet.** L-aktar bis-saħħa ta' evalwazzjoni aktar pożittiva tal-potenzjal ta' tkabbir għat-tul ta' Malta, il-prospetti ta' sostenibbiltà għat-tul fin-nefqa fuq il-pensjonijiet tjiebet. Madankollu, il-miżuri li ddaħħlu fil-baġit tal-2016 kellhom biss impatt limitat fuq is-sostenibbiltà għat-tul, u dan għadu ta' sfida f'Malta.

**Komplew jittieħdu miżuri biex titjieb l-adegwatezza tal-pensjonijiet, iżda d-diskrepanza fil-kopertura bejn il-ġeneri għadha għolja.** Ir-riforma fiskali tas-sena l-oħra introduċiet eżenzjonijiet sostanzjali fejn tidħol it-taxxa fuq il-pensjonijiet. Għadhom għaddejjin l-isforzi biex titjieb l-adegwatezza, pereż. b'aġġustamenti 'l fuq u b'riformi fiskali ulterjuri. Madankollu, fl-2016 ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali żdied għal 26,1 % (2,4 punti perċentwali) fil-każ ta' persuni anzjani, kontra dħul mix-xogħol dinamiku ħafna (are t-taqsima 3.3). Id-diskrepanza fil-kopertura bejn l-irġiel u n-nisa ta' Malta ta' 26 pps (il-medja tal-UE hija 5 %) għall-pensjonanti ta' aktar minn 65 sena ([24]) għadha waħda mill-ogħla fl-UE. Il-fatt li kien hemm attività ekonomika anqas fost in-nisa fid-deċennji li għaddew wassal għal kopertura batuta fejn jidħlu pensjonijiet fil-każ ta' gruppi ta' eta l-aktar anzjani. L-awtoritajiet qegħdin jippjanaw li jsiru bidliet fil-kontribuzzjonijiet tal-Assikurazzjoni Nazzjonali bil-ħsieb li tiġi rranġata s-sitwazzjoni ta' kontribuzzjonijiet baxxi min-nisa, b'mod partikolari ([25]).

#### Is-sistema tas-saħħa u tal-kura għat-tul

**L-indikaturi dwar ir-riżultati fejn tidħol is-saħħa tjiebu u l-ħinijiet ta' stennija qegħdin jitnaqqsu.** Il-prestazzjoni tas-sistema tas-saħħa tjiebet, kif jidher mill-aspettattiva għolja tal-ħajja, ir-rati ta' mortalità evitabbli li hija taħt il-medja tal-UE u l-livelli ġeneralment baxxi ta' bżonnijiet mhux issodisfati. L-aċċess għall-mediċini innovattivi, l-aktar għat-trattament kontra l-kankru, tjiebet bl-introduzzjoni ta' perkorsi kliniċi u strateġiji innovattivi ta' akkwist. Barra minn dan, qiegħda ssir ħidma b'suċċess biex jitnaqqas iż-żmien li wieħed ikollu jistenna għal operazzjonijiet u għal djanjożi, bis-saħħa ta' kapaċità akbar u l-

([23]) L-indikatur S2 ikejjel l-aġġustament minn qabel għall-bilanċ primarju strutturali kurrenti li jkun meħtieġ sabiex jiġi stabilizzat il-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG fuq l-orizzont infinit, fil-kunsiderazzjoni ta' xi nefqa addizzjonali li titnissel minħabba popolazzjoni li qiegħda tixjieħ.

([24]) Il-kejl tad-diskrepanza bejn il-proporzjonijiet tal-irġiel u n-nisa li huma intitolati għal pensjoni.

([25]) Il-pensjonijiet kontributorju u mhux kontributorji se jiżdiedu għat-tielet sena wara l-oħra. Tħabbar li se jkompli jiżdied il-limitu tal-eżenzjoni mit-taxxa (baġit tal-2018). L-aġġustament fil-kontribuzzjonijiet baxxi ta' Assikurazzjoni Soċjali se jieħu f'kunsiderazzjoni l-kontribuzzjonijiet magħmula wara l-età ta' 65, u se tkun pro-rata, minflok rata sħiħa, fuq id-dħul net ta' dawk li jirtiraw qabel ma jagħlqu l-65 sena li jkunu jaħdmu part-time jew ikunu jaħdmu għal rashom.

ikkummissjoniar ta' ċerti servizzi mis-settur privat. Madankollu, ċerti fatturi ta' riskju negattivi jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-sostenibbiltà fiskali fil-futur. B'mod partikolari, il-livelli tal-obeżità li qegħdin jiżdiedu huma ta' sfida serja għas-saħħa pubblika (IHME, 2016).

**Għad hemm sfidi fir-ridistribuzzjoni tar-riżorsi u l-attivitajiet mill-isptar lejn il-kura primarja, u fl-aċċess għal mediċini innovattivi.** Ix-xenarju istituzzjonali tal-għoti tal-kura primarja jixħet pressjoni kemm fuq l-isptar kif ukoll fuq is-servizzi ta' kura ta' emerġenza, u dan ukoll jagħmel il-ġestjoni tal-kura għal pazjenti b'kundizzjonijiet kroniċi aktar ikkumplikata. L-isptar u s-servizzi ta' kura primarja ma humiex ikkoordinati sewwa, il-kura ta' emerġenza għadha mhix qiegħda tintuża b'mod effiċjenti, u għalhekk mhux qiegħda jkollha effett pożittiv fuq l-effiċjenza tas-sistema tas-saħħa, u lanqas ma qiegħda tnaqqas il-pressjoni fuq is-sostenibbiltà għat-tul tagħha. Fl-aħħarnett, l-aċċess għall-mediċi innovattivi għadu sfida ewlenija, anki f'termini baġitarji (OECD/European Observatory on Health Systems and Policies, 2017).

**Qegħdin jittieħdu inizjattivi biex jittieħed ħsieb tad-domanda dejjem tikber fuq is-sistema tal-kura għat-tul.** Minħabba li d-domanda għal kura għat-tul żdiedet, il-gvern qiegħed jinċentivizza l-kura ibbażata fil-komunità u fid-djar, li titqies irħas minn kura istituzzjonali jew fi sptar. Koordinazzjoni aħjar bejn is-settur tas-saħħa u s-settur soċjali tkun ukoll ta' għajnuna għas-sostenibbiltà għat-tul.

# 3.2. IS-SETTUR FINANZJARJU

### L-istabbiltà finanzjarja

**Il-prestazzjoni ekonomika tajba ġiet ukoll riflessa fil-prestazzjoni tas-settur bankarju, filwaqt li minħabba r-regoli ġodda ta' kontabbiltà hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet ulterjuri.** Fl-2017 il-banek domestiċi komplew iżidu l-profittabbiltà tagħhom fuq bażi annwali, iżda din kienet naqset b'mod sostanzjali fi żmien il-kriżi, l-aktar minħabba l-marġini kompressati tar-rata tal-imgħax. Il-profitti ġew l-aktar minn marġini aħjar tar-rati tal-imgħax, b'rati għas-self ogħla u ipoteki estiżi fejn jidħlu volumi, kif ukoll rati fissi, baxxi, ta' depożitu. Il-bankijiet domestiċi huma kkapitalizzati tajjeb skont is-superviżur lokali, bi proporzjonijiet ta' kapital (CET1) fil-livell ta' 15,5 % f'Settembru 2017 (Tabella 1.1). Għalkemm il-banek Maltin jitqiesu bħala li huma pprovduti sewwa, b'nofs il-kollateral tagħhom ikun proprjetà immobbli fejn tiġi applikata żvalutazzjoni fuq il-valur tal-proprjetà ta' bejn 10 u 30%, ikun xieraq li jkun hemm proviżjonament addizzjonali wara li jibdew japplikaw ir-regoli l-ġodda tal-kontabbiltà (jiġifieri IFRS9). Skont l-istimi tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), il-banek domestiċi se jkollhom bżonn iżidu l-provvedimenti tagħhom b'madwar 13 % bħala medja mid-dispożizzjonijiet preżenti li għandhom (taħt l-IAS39). Il-proporzjon preżenti ta' kopertura kien jinsab fil-livell ta' 46,3 % f'Ġunju 2017. L-akbar żewġ banek domestiċi żiedu r-riżervi ta' kapital tagħhom f'Q3 2017 billi ħarġu dejn subordinat, u dan tahom biżżejjed kumdità għall-istress test tal-2018 li se jsir madwar l-UE.

**F'konformità ma' riżultati finanzjarji mtejba tad-ditti, iżda anki minħabba regoli superviżorji ġodda, ir-riskju ta' kreditu tjieb.** B'mod li huwa konsistenti ma' tkabbir ekonomiku qawwi, naqset il-formazzjoni ta' self improduttiv (NPL) gross ġdid. Barra minn dan, regoli superviżorji aktar stretti dwar it-tnaqqis tan-NPL ġagħlu lill-banek domestiċi li jkomplu jnaqqsu l-istokk tagħhom ta' assi legati għal 4,3 % tas-self total gross sa Ġunju 2017, tnaqqis ta' 19 % mill-bidu tas sena. It-tnaqqis tan-NPL sar l-aktar permezz ta' tħassir, li l-banek setgħu jagħmluh permezz ta' kombinazzjoni ta' profitti ogħla u ta' ċerti dispożizzjonijiet. Filwaqt li l-espożizzjonijiet legati lill-unitajiet domestiċi komplew jitnaqqsu, u jinsabu fil-livell ta' 3,9 %, dawk lis-settur korporattiv għadhom relattivament għolja, fil-livell ta' 10,2 %. Dawn l-esponimenti huma marbuta l-aktar mas-settur tal-kostruzzjoni, fejn stokk kbir ta' NPLs kien issawwar fi żmien il-perjodu ta' kriżi. L-isforzi li saru mill-banek domestiċi li jnaqqsu u jħassru assi legati kien inċentivat mill-bidla relevanti fir-rekwiżiti superviżorji, b'mod notevoli l-Att Bankarju emendat, ippubblikat f'Diċembru 2016 ([26]).

Tabella 3.2.1: **Indikaturi tas-sodezza finanzjarja, banek totali (jiġifieri domestiċi u barranin), Malta (%)**

| | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017Q2 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dejn improduttiv | 1.6 | 1.5 | 1.7 | 2.0 | 3.2 | 2.9 | 2.6 | 2.3 |
| Self improduttiv | - | - | - | - | 6.0 | 5.1 | 4.1 | 3.7 |
| Self improduttiv NFC | - | - | - | - | 9.1 | 9.3 | 7.4 | 7.9 |
| Self improduttiv HH | - | - | - | - | 5.1 | 5.0 | 5.2 | 4.8 |
| Proporzjon ta' kopertura | 27.8 | 38.0 | 41.8 | 37.6 | 31.6 | 33.7 | 36.4 | 35.1 |
| Prop. self għad-depożiti* | 103.8 | 94.5 | 89.8 | 73.7 | 66.4 | 63.0 | 61.5 | 61.3 |
| Prop. Livell 1 | 49.6 | 52.2 | 49.6 | 43.9 | 23.1 | 18.8 | 17.7 | 18.1 |
| Prop. adekwatezza tal-kapital | 52.0 | 54.6 | 51.9 | 46.4 | 25.1 | 21.2 | 20.2 | 20.3 |
| Rendiment fuq l-ekwità** | 3.6 | 3.2 | 4.7 | 3.7 | 4.4 | 6.3 | 8.1 | - |
| Rendiment fuq l-assi** | 1.0 | 0.8 | 1.1 | 0.7 | 0.7 | 0.9 | 0.9 | - |

*Karta tal-bilanċ aggregata tal-BĊE: self eskluż dak lill-gvern u depożiti/MFI eskluż mill-gvern u MFI
**Għal skopijiet ta' paraguni biss, qed jiġu ppreżentati biss il-valuri annwali
***Sors:*** BĊE CBD

**Meta titqies id-dimensjoni internazzjonali tas-settur tal-assikurazzjoni, huwa kruċjali li tiġi żgurata s-superviżjoni effettiva transfruntiera u li tissaħħaħ il-kapaċità superviżorja.** Il-kumpaniji tal-assikurazzjoni rreġistrati f'Malta u li qegħdin jidħlu f'negozju madwar l-UE huma taħt is-superviżjoni diretta tar-regolatur Malti, l-Awtorità ta' Malta tas-Servizzi Finanzjarji (MFSA). Id-destinazzjonijiet ewlenin għan-negozju transfruntier tal-assikurazzjoni huma r-Renju Unit, l-Irlanda, in-Netherlands, l-Italja u l-Ġermanja. Matul dawn l-aħħar sentejn, ġew stabbiliti f'Malta ħames kumpaniji finanzjarji barranin ġodda b'attivitajiet transfruntiera fl-UE. Fi tmiem l-2016, 95 % tan-negozju tal-assikurazzjoni mhux fuq il-ħajja u aktar minn 70 % tan-negozju fuq il-ħajja rreġistrat Malta kien joriġina barra mill-pajjiż. Dan l-aspett – flimkien mal-kumplessità tal-mudelli u l-prodotti tan-negozju tal-assikurazzjoni, b'żieda fl-aptit li jiġu

([26]) L-Att Bankarju emendat jirrekjedi li kull istituzzjoni ta' kreditu li jkollha NPL ta' sentejn medju ogħla minn 6 % tfassal pjan konkret biex iġġib il-livell ta' NPLs taħt dan il-limitu fuq perjodu ta' ħames snin. Jekk ma jintlaħqux il-miri stabbiliti, japplikaw sanzjonijiet awtomatiċi, inkluż obbligi ogħla ta' kapital, permezz ta' profitti miżmuma.

stabbiliti veikoli tal-assikurazzjoni speċjalizzati, u li ssir espansjoni tagħhom – jitlob li jkun hemm attenzjoni superviżorja stringenti. Filwaqt li s-superviżjoni tal-assikurazzjoni ssaħħet sa minn mindu r-reġim Solvency II ġie traspost fil-liġi nazzjonali, l-implimentazzjoni tal-poteri superviżorji ġodda hemm bżonn li tkompli tiġi ssorveljata. Barra minn dan, l-MFSA jidher li ma għandhiex persunal biżżejjed li bih tkun tista' tiżgura superviżjoni effettiva ta' għadd kbir ta' kumpaniji finanzjarji barranin (kemm banek kif ukoll kumpaniji tal-assikurazzjoni). In-nuqqas ta' riżorsi umani u finanzjarji jista' jxekkel l-effettività tas-superviżjoni, speċjalment fis-settur tal-assikurazzjoni, b'konsegwenzi potenzjali madwar is-Suq Uniku, meta wieħed iqis l-attenzjoni fuq in-negozju transfruntier. Għaddejjin miżuri biex jitnaqqsu r-restrizzjonijiet fuq il-livelli ta' remunerazzjoni.

### Ħidma kontra l-ħasil tal-flus

**L-importanza li jkun hemm garanzija ta' qafas legali effettiv għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus għadha kritika, meta jitqies id-daqs tas-settur finanzjarju ta' Malta.** Malta hija ċentru finanzjarju internazzjonali importanti. L-awtoritajiet Maltin innotifikaw trasposizzjoni sħiħa tad-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus f'Diċembru 2017. Hemm bżonn ta' analiżi ulterjuri biex jiġi evalwat jekk dawn il-miżuri humiex suffiċjenti biex jiġi żgurat li jkun hemm qafas effettiv fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-UE tal-Ġustizzja tal-2018 teżamina l-funzjonament tas-sistemi tal-ġustizzja tal-Istati Membri tal-UE meta dawn kellhom quddiemhom offiżi kriminali rigward ħasil tal-flus, iżda ma kinitx disponibbli dejta dwar Malta.

### Is-suq tal-akkomodazzjoni

**Il-prezzijiet tad-djar qegħdin jiżdiedu b'mod qawwi, u dan hu misjuq minn diversi fatturi.** F'dawn l-aħħar snin, il-prezzijiet tad-djar żdiedu b'mod konsiderevoli, b'5,8 % u b'5,6 % fl-2016, rispettivament (ara wkoll, Il-Kummissjoni Ewropea, 2017a).. Din ir-rata ta' tkabbir inżammet fl-ewwel nofs tal-2017, fil-livell ta' 5,3%. Il-fatturi fil-bażi ta' dawn l-iżviluppi jinkludu attività ekonomika qawwija, suq tax-xogħol vibranti flimkien ma' għadd dejjem jikber ta' ħaddiema barranin, b'rati tal-imgħax baxxi li minħabba fihom il-proprjetà titqies bħala ass aktar attraenti. Ir-rati tal-imgħax baxxi naqqsu sew l-ispiża tas-self, kif ukoll xprunaw id-domanda għall-proprjetà permezz ta' ribilanċjar tal-portafoll. Ċerti miżuri ta' politika ukoll ikkontribwew għaż-żieda riċenti fil-prezzijiet tad-djar, jiġifieri l-eżenjoni mill-ħlas tal-boll għal min jixtri l-ewwel darba ([27]), il-Programm tal-Investitur Individwali (IIP) ([28]), ir-riforma fil-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-kirjiet (kollha ġew introdotti fl-2014) u r-riforma tal-2015 fit-taxxa fuq il-qligħ kapitali. Barra minn dan, is-settur tat-turiżmu jidher li qiegħed jixħet pressjoni fuq il-prezzijiet u d-disponibbiltà tad-djar, peress li fl-2014-16 il-perċentwali ta' turisti (is-sehem mill-għadd totali ta' ljieli li qattgħu Malta l-viżitaturi), li użaw l-akkomodazzjoni privata, żdied minn 34,4 % għal 40,6 % (l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, 2016).

**Il-konstruzzjoni reżidenzjali jidher li għaddejja minn tkabbir veloċi ħafna, li jista' jkompli jagħti n-nar lill-aspettattivi fejn jidħol prezz.** B'reazzjoni għal domanda akbar, kibret ukoll il-provvista, bil-profittabbiltà fis-settur ([29]) tikber, minkejja spejjeż telgħin. L-għadd ta' permessi tal-bini ilu jiżdied b'mod mgħaġġel sa mill-2014, u ż-żieda kienet aktar qawwija fl-2016, speċjalment fejn jidħlu appartamenti, li rduppjaw. Anki l-volum tat-tranżazzjonijiet tal-proprjetà kien dinamiku ħafna mill-2014 lil hawn, u dan wassal għal waħda mill-ogħla rati fl-UE ta' taxxa mhux rikorrenti fuq il-proprjetà bħala proporzjon mit-taxxa totali.

---

([27]) L-iskema ddaħħlet fl-2013 u aktar tard ġiet estiża. Hija tipprovdi tħaffif tal-piż tad-drittijiet fuq dokumenti li jkunu dovuti fuq l-ewwel EUR 150 000 tal-valur totali mħallas biex tinxtara proprjetà eliġibbli. Il-baġit tal-2018 kompla estenda din l-iskema għal min jixtri l-ewwel darba u daħħal tnaqqis fid-drittijiet fejn jidħlu dawk li jixtru għat-tieni darba.

([28]) L-applikanti għall-IIP huma obbligati li jagħmlu investiment fi proprjetà ta' mill-anqas EUR 350 000 jew jikru proprjetà għal mill-anqas EUR 16 000 fis-sena għal mill-anqas ħames snin.

([29]) Kif imkejjel bis-surplus operanti gross.

Grafika 3.2.1: **Investiment reżidenzjali u permessi tal-bini**




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Minkejja prezzijiet tad-djar tilgħin, il-prezzijiet tal-akkomodazzjoni f'Malta jistgħu ġeneralment jintlaħqu, għalkemm qiegħed jiżdied it-tħassib kemm dan huwa possibbli għal dawk l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx.** Kumplessivament, il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni huma favorevoli (Housing Europe, 2015). Tabilħaqq, ir-rata ta' affollament eċċessiv ([30]) fl-2015 kienet fil-livell ta' 3,5 %, waħda mill-aktar baxxi fl-UE u f'livell konsiderevolment taħt il-medja tal-UE ta' 16,8 %. Madankollu, ir-rata ta' deprivazzjoni għall-inkwilini li jikru bi prezzijiet tas-suq hija ta' 10,1 %, li hija b'mod sinifikanti ogħla minn dik għall-proprjetarji ta' djarhom (0,5 %) u hija wkoll ogħla mill-medja tal-UE (6,4 %). Is-sehem ta' dawk li jikru bi prezzijiet tas-suq huwa relattivament baxx f'Malta. L-aċċess għal akkomodazzjoni bi prezzijiet li jistgħu jintlaħqu, u ta' kwalità, jista' jsir aktar diffiċli għal min għandu qligħ baxx, minħabba domanda qiegħda tiżdied għall-akkomodazzjoni bil-kiri minn reżidenti ġodda kif ukoll il-listi ta' stennija diġà eżistenti għall-akkomodazzjoni soċjali (ara t-taqsima 3.3).

**Il-prezzijiet tad-djar jidhru li huma bejn wieħed u ieħor konformi mal-fundamentali, għalkemm ix-xejriet ta' dan l-aħħar jistgħu jwasslu għal riskji meta wieħed iħares lejn il-futur.** Il-proporzjon bejn il-prezz u l-kera għadhom qrib il-quċċata tal-2007. Madankollu, l-istimi ta' valutazzjoni oħrajn juru li t-tkabbir eċċessiv fil-prezzijiet qabel l-2008 ġie korrett. Kumplessivament, dawn il-metriċi ma jindikawx xi riskji sinifikanti ta' sopravalutazzjoni, għalkemm ix-xejra hija 'il fuq, u dan jirrekjedi monitoraġġ addizzjonali. Tista' ssir stima approssimattiva dwar il-proporzjon bejn il-prezzijiet tad-djar u d-dħul tal-unitajiet domestiċi f'Malta bl-użu tal-Istħarriġ tal-BĊE dwar il-finanzi u l-konsum tal-unitajiet domestiċi. Dan jirrifletti l-għadd ta' snin ta' dħul kull ras li jkun hemm bżonn biex tinxtara akkomodazzjoni medja ta' 100 m2, bil-valur ta'10 jkun l-livell prudenzjali. Skont din id-dejta, il-proporzjon tal-prezzijiet mad-dħul jista' jiġi stmat fil-livell ta' 10 għal Malta ([31]).

Grafika 3.2.2: **Distakk tas-sopravalutazzjoni tal-prezzijiet tad-djar**




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Is-self lill-unitajiet domestiċi wassal għal tkabbir malajr fis-self fuq ipoteka, l-aktar b'rati varjabbli.** Is-self għall-attivitajiet ta' kostruzzjoni u ta' proprjetà immobbli rkupra,

([30]) Ir-rata ta' affollament eċċessiv hija definita bħala l-perċentwali tal-popolazzjoni li tgħix f'unità domestika affullata b'mod eċċessiv.

([31]) Ara Bricongne, J.-C., P. Pontuch, u A. Turrini (għad irid joħroġ), *Assessing House Prices: Insights from HouseLev, a new dataset of prices in levels*, Dokument ta' Diskussjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Il-kalkolu bl-użu ta' dejta għal madwar 3 500 tranżazzjoni fl-2012, ipprovduta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ta' Malta huwa konsistenti ma' dawn ir-riżultanzi, peress li huwa biss 10 % taħt iċ-ċifra miksuba mill-HFCS.

b'mod partikolari fit-tielet kwart tal-2017, bħala segwitu ta' żviluppi pożittivi fis-suq tal-proprjetà immobbli. Fl-istess ħin, is-self fuq ipoteka għadu vibranti. Fis-snin reċenti, l-ipoteki ġodda b'rati varjabbli kienu jirrappreżentaw bejn 70,4 u 98,4 % tat-total. Żieda ulterjuri fir-rati tal-imgħax jista' jkollha xi impatt kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek domestiċi, minħabba l-esponiment tagħhom għal self marbut mal-proprjetà. Fid-dawl ta' dan, monitoraġġ mill-qrib tas-suq tad-djar ikun ta' għajnuna biex jitwaqqfu ċerti żviluppi negattivi possibbli.

## 3.3. IS-SUQ TAX-XOGĦOL, L-EDUKAZZJONI U L-POLITIKI SOĊJALI

### 3.3.1. IS-SUQ TAX-XOGĦOL

**Bħala segwitu tat-tkabbir ekonomiku b'saħħtu , is-suq tax-xogħol ta' Malta kompla jikseb riżultati dejjem aktar pożittivi.** Ir-rata ta' impjieg żdiedet kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, u laħqet 71,8 % f'Q3 tal-2017, viċin il-medja tal-UE. Ir-rati tal-attività kompliet tiela'. Ir-rata tal-qgħad kompliet tonqos għal 4 % fl-2017. Il-qgħad għat-tul huwa baxxa ħafna. It-tkabbir medju fil-pagi baqa' f'livell moderat minkejja qgħad baxx u l-fatt li qiegħed jidher dejjem aktar nuqqas ta' ħaddiema, iżda mistenni li jibda' jirkupra fl-2018-19 (ara t-Taqsima 1). Ir-riżultati fis-suq tax-xogħol tjiebu bħala segwitu tat-tkabbir ekonomiku qawwi fis-snin riċenti, bl-appoġġ ta' djalogu soċjali li jaħdem tajjeb. Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali bħalissa qiegħed jiġi ristrutturat, u dan jista' potenzjalment ikompli jtejjeb id-djalogu soċjali.

**Ir-rata ta' impjieg għan-nisa fl-aqwa età lavorattiva qiegħda titjieb iżda r-rati ta' impjieg jinżlu b'mod qawwi wara l-età ta' 30 sena.** Ir-rata ta' impjieg għan-nisa (20-64 sena) baqgħet tikber b'mod stabbli għal 55,5 % fl-2016, iżda timplika diskrepanza kbira fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa, ħlief fil-każ tan-nisa taħt it-30 sena: ir-rata ta' impjiegi għan-nisa bejn il-25 u d-29 sena kienet għolja, fil-livell ta' 82,9 %. Ir-rati ta' impjieg jonqsu b'mod konsiderevoli fil-każ ta' nisa akbar minn 30 sena. B'kuntrast, ir-rata ta' impjieg għall-irġiel għadha tiela' jew baqgħet stabbli lil hinn mill-età ta' 30, bir-riżultat li hemm diskrepanza kbira fir-rata ta' impjieg, li qiegħda tikber, mill-grupp tal-età bejn it-30 u l-34 sena 'il quddiem. Jista' jkun li sa issa l-linji ta' politika għal żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol huma aktar effettivi fil-każ ta' nisa aktar żgħażagħ filwaqt li l-bidla strutturali meħtieġa fl-etajiet aktar avvanzati hija akbar.

**Il-linji ta' politika maħsub biex dak li jkun jara li jaqbillu joħroġ jaħdem għadhom qegħdin ikun ta' sostenn għall-impjiegi tan-nisa, iżda t-tqassim tar-responsabbiltajiet ta' kura tal-familja bejn in-nisa u l-irġiel għadu mhux ibbilanċjat.** Fil-baġit tal-2018 tħabbru diversi estensjonijiet tal-miżuri eżistenti sabiex dak li jkun jara li jaqbillu li joħroġ jaħdem, u li jistgħu jtejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja. Dawn jinkludu tnaqqis fit-taxxa tad-dħul fil-każ ta' nisa li kienu qiegħda għal perjodu twil u li jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol, benefiċċji u liv tal-maternità għal nisa impjegati għal rashom, aktar disponibbiltà fil-kura tat-tfal sew qabel kif ukoll wara l-iskola; għoti ta' liv biex ommijiet ikunu jieħdu ħsieb uliedhom morda; inċentivi finanzjarji għal min iħaddem biex jiġu introdotti miżuri għal bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol. Madankollu, il-missirijiet għad għandhom intitolament limitat ħafna fejn jidħol liv bi ħlas (ġurnata waħda biss ta' liv tal-paternità) u l-liv tal-paternità mhux ikkumpensat. Dan ħafna drabi ma jħallix li l-irġiel, li ġeneralment ikunu dawn li jaqilgħu l-aktar, milli jeħduh, biex b'hekk jissaħħaħ l-iżbilanċ fis-sehem bejn ix-xogħol u r-responsabbiltajiet tal-familja bejn in-nisa u l-irġiel.

Grafika 3.3.1: **Ir-rata ta' imjieg skont l-età u s-sess, 2016**




***Sors:*** Eurostat – L-Istħarriġ tal-UE dwar il-Forza Lavorattiva

**Il-parteċipazzjoni ta' tfal taħt it-tliet snin fil-kura formali tat-tfal għadha taħt il-medja tal-UE.** Minkejja l-isforzi sinifikanti biex tkun tista' tiġi offruta kura tat-tfal b'xejn għal kulħadd, bħalissa din qiegħda tintuża b'rata li hija taħt il-medja tal-UE u l-mira ta' Barċellona ta' kopertura ta' 33 %. (32) Ir-rata ta' użu jista' jkun li hi marbuta mal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, u għandha tittieħed fil-kuntest ta' riżultati edukattivi baxxi u ta' popolazzjoni kbira ta' migranti, fejn il-parteċipazzjoni fil-kura bikrija tat-tfal kienet assoċjata ma' titjib fid-dħul.

**Ir-rata ta' impjieg ta' nies b'diżabbiltà għadha baxxa.** Fl-2015, ir-rata ta' impjieg ta' nies b'diżabbiltà, fil-livell ta' 25,8 % (il-medja tal-UE: 47,4 %) kienet l-anqas fl-UE, u dan potenzjalment jista' jirrifletti nuqqas ta' effettività tal-miżuri li jgħinu biex dawn il-persuni jkollhom impjieg. Id-

(32) Id-dejta amministrattiva turi żieda fl-2014-2017.

diffikultajiet fuq is-suq tax-xogħol jista' jkun li huma marbuta mad-diskrepanza fil-kisba ta' riżultati fl-edukazzjoni bejn persuni li ma għandhomx diżabbiltà u dawk li għandhom (li wkoll hija l-ogħla fl-UE), u dan jirrifletti parzjalment id-diffikultajiet li għandhom tfal b'diżabbiltà biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fejn tidħol l-edukazzjoni.

### *Kaxxa 3.3.1:* **Il-kostatazzjoni tal-prestazzjoni fid-dawl tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat fis-17 ta' Novembru 2017 mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, jistabbilixxi 20 prinċipju u dritt għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE. Fid-dawl tal-effetti tal-kriżi li baqgħu jidhru u tal-bidliet fis-soċjetajiet tagħna li huma xprunati minn popolazzjoni qiegħda tixjieħ, mid-diġitalizzazzjoni u mill-modi ġodda ta' kif naħdmu, il-Pilastru jservi ta' boxxla għal proċess imġedded ta' konverġenza lejn kundizzjonijiet aħjar ta' xogħol u ta' ħajja.

**Malta miexja relattivament tajjeb fejn jidħlu l-indikaturi fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali** ([1]) **li fuqha jistrieħ il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.** Is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol hija partikolarment tajba f'Malta. Matul is-sena, ir-rata tal-qgħad kompliet nieżla lejn il-liveli baxxi favorevoli ta' bħalissa. Madankollu, Malta għandha għadd kbir ta' studenti li jħallu l-iskola kmieni wisq, u rati ta' impjieg baxxi għal nies b'diżabbiltà. Ċerti riformi importanti żiedu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa b'mod sinifikanti speċjalment fil-każ ta' nisa iżgħar fl-età, iżda r-rata ta' impjieg tan-nisa għadha relattivament baxxa.

| MALTA | | |
|---|---|---|
| Opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol | Tluq bikri mill-edukazzjon u t-taħriġ (% tal-popolazzjoni 18-24) | Kritika |
| | Diskrepanza fl-impjiegi bejn il-ġeneri | Kritika |
| | Proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20) | Aħjar mill-medja |
| | Fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali (f'%) | Aħjar mill-medja |
| | NEET fost żgħażagħ (% tal-popolazzjoni totali 15-24) | Aħjar mill-medja |
| Swieq tax-xogħol dinamiċi u kundizzjonijiet ġusti ta' impjieg | Rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni 20-64) | Aħjar mill-medja |
| | Rata tal-qgħad (% tal-popolazzjoni 15-74) | Aħjar mill-medja |
| | Tkabbir GDHI kull ras | Mhux disponibbli |
| Social protection and inclusion | Impatt tat-trasferimenti soċjali (barra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar | Fil-medja |
| | Tfal ta' anqas minn 3 snin f'kura formali | Taħt osservazzjoni |
| | Ħtieġa ta' kura medika mhux issodisfata, skont dawk li għandhom bżonnha | Aħjar mill-medja |
| | Livell ta' ħiliet diġitali tal-individwi | Aħjar mill-medja |

L-Istati Membri jiġu kklassifikati skont metodoloġija statistika maqbula mal-Kumitati EMCO u SPC. Il-metodoloġija tħares b'mod konġunt lejn livelli u tibdiliet tal-indikaturi f'paragun mal-medji rispettivi tal-UE u tikklassifika l-Istati Membri f'seba' kategoriji (minn "l-aħjar" għal "kritika"). Pereżempju, pajjiż jista' jiġi indikat bħala "Aħjar mill-medja" jekk il-livell tal-indikatur ikun qrib il-medja tal-UE iżda jkun qiegħed jagħmel titjib malajr. Għad-dettalji tal-metodoloġija, jekk jogħġbok ikkonsulta l-Abbozz tat-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2018, COM(2017) 674 finali.

**Ir-rati ta' tluq bikri mill-iskola għadhom ta' ostakolu fejn jidħli l-opportunitajiet indaqs.** L-isforzi li saru biex jiġu indirizzati l-flussi qawwija ta' żgħażagħ li jħallu l-iskola b'ħiliet baxxi u l-proporzjon għoli ta' livelli baxxi ta' ħiliet fil-popolazzjoni bdew iħallu l-frott, iżda għad irid jgħaddi ż-żmien biex dawn ikollhom effett sħiħ.

**Malta intensifikat il-mezzi biex tilħaq lill-familji żvantaġġjati permezz ta' servizzi kkoordinati tajjeb.** Iċ-ċentri LEAP li ġew stabbilit m'ilux f'Malta, bl-għajnuna ta' fondi mill-UE, jipprovdu servizzi integrati permezz ta' servizzi tal-komunità olistiċi u aċċessibbli. Dawn jiffaċilitaw l-aċċess għal dawk li jkunu qegħdin ifittxu impjieg u wkoll jidentifikaw u jikkomunikaw ma' persuni inattivi. Dawn l-isforzi huma b'żieda mal-linji ta' politika maħsuba biex il-persuni jaraw li jkun jaqblilhom li joħorġu jaħdmu, u jagħtu appoġġ permezz ta' kura tat-tfal b'xejn, benefiċċji fl-impjieg u s-sistema ta' tnaqqis gradwali tal-benefiċċji. Dan kollu huwa ta' kontribut biex jitnaqqsu l-inattività, il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Is-suċċess jidher mit-tnaqqis qawwi ta' NEETs inattivi (dawk iż-żgħażagħ li la jinsabu fl-edukazzjoni, la f'imjieg u lanqas f'xi taħriġ)u mill-proporzjon baxx ta' persuni li jkunu qiegħda għal żmien twil.

---

[1]It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tinkludi 14-il indikatur ewlieni, li minnhom 12 jintużaw bħalissa biex titqabbel il-prestazzjoni tal-Istati Membri. L-indikaturi "parteċipanti fil-politiki tax-xogħol attivi kull 100 persuna li trid taħdem" u "kumpens għal kull impjegat kull siegħa xogħol (f'EUR)" ma jintużawx minħabba problemi ta' natura tekniċi mill-Istati Membri. Fil-kumitat relevanti li jiġi diskuss x'alternattivi jistgħu jintużaq. Taqsira: GDHI – Dħul disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi

**Il-miżuri biex jitjieb l-aċċess għall-impjieg ta' persuni b'diżabbiltà qegħdin jibdew iħallu l-frott.** Fl-2015, ittieħdu passi biex tissaħħaħ miżura li kienet ilha teżisti li tistipula li jrid ikun hemm kwota ta' mill-anqas 2 % ta' nies b'diżabbiltà f'kull kumpanija li timpjega aktar minn 20 ruħ. Dan kompla ġie appoġġjat minn programmi biex tiżdied il-ħila għax-xogħol ta' persuni b'diżabbiltà u biex min iħaddem jadatta l-post tax-xogħol tiegħu għalihom. Id-dejta nazzjonali tindika żieda ta' minn 11 % biss fl-2014 għal qrib is-60%, jew 820 impriża, li issa qegħdin jimpjegaw ħaddiema b'diżabbiltà f'Malta fl-2017. Madankollu, l-aktar statistika disponibbli riċenti dwar id-diżabbiltà (are l-Grafika 3.3.2) għadha ma tagħtix idea sħiħa tal-impatti rigward is-suq tax-xogħol.

Grafika 3.3.2: **Id-diskrepanza fl-impjiegi ta' persuni b'diżabbiltà skont is-sess u l-Istat Membru (età bejn l-20 u l-64 sena), 2015**




Id-diskrepanza murija hija d-differenza fir-rata ta' impjieg ta' nies mingħajr diżabbiltà u r-rata ta' impjieg ta' nies b'diżabbiltà.
***Sors:*** EU-SILC UDB 2015

**Is-sehem ta' dawk li jħaddmu li qegħdin jirrappurtaw nuqqas ta' ħaddiema żdied b'mod konsiderevoli.** Fl-2017 aktar minn 30 % tal-kumpaniji qalu li qegħdin isofru minn nuqqas ta' ħaddiema. Dan huwa wieħed mill-ogħla ishma fl-UE u żdied b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-2016 (ara l-Grafika 3.3.3). In-nuqqas qiegħed jidher l-aktar fis-settur tas-servizzi, bi kważi 40 % li qegħdin jiddikjaraw li n-nuqqas fid-disponibbiltà ta' ħaddiema qiegħed ikun ta' xkiel għan-negozju tagħhom. L-evidenza kwalitattiva tindika li hemm postijiet battala f'impjiegi li jirrikjedu ħiliet speċjalizzati f'setturi bħal ma huma l-kura tas-saħħa, il-finanzi u l-ICT, sitwazzjoni li tirrifletti l-fatt li Malta għandha waħda mill-anqas ishma ta' gradwati fil-livell terzjarju fl-UE.

**Id-dipendenza fuq il-ħaddiema barranin biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-ħaddiema u l-ħiliet qiegħda tiżdied.** Is-sehem ta' ħaddiema barranin żdied b'mod sostanzjali madwar il-livelli kollha tal-ħiliet u laħaq 16,7 % tal-forza lavorattiva fl-2016 (meta mqabbel ma' 5,5 % fl-2009). Filwaqt li f'Malta hemm tkabbir relattivament qawwi fis-servizzi tal-ICT, is-sehem tal-gradwati fix-xjenza, it-teknoloġija u l-matematika mhux biżżejjed biex tintlaħaq din id-domanda u huwa ferm taħt il-medja tal-UE: 1,5 % mqabbel ma' 1,8 %. Aktar minn żewġ terzi tal-ħaddiema barranin joriġinaw mill-UE (71,8 %) ([33]) u anqas minn terz mhumiex ċittadini tal-UE. Meta mqabblin mal-popolazzjoni nattiva, il-ħaddiema barranin bħala medja għandhom livell ogħla ta' ħiliet. Filwaqt li fl-2016, 30,8 % tal-barranin (25-64) kellhom edukazzjoni terzjarja, fost il-popolazzjoni Maltija fl-istess grupp ta' età 19,6 % biss kellhom ([34]).

([33]) L-akbar sehem ta' ħaddiema mill-UE, bħala proporzjon ta' ħaddiema barranin huwa mill-Italja 16,8 %, segwit minn dawk mir-Renju Unit 12,6 %.
([34]) Dejta mis-servizz pubbliku tal-impjiegi (JobsPlus).

Grafika 3.3.3: **Is-sehem ta' dawk li jħaddmu li qegħdin jindikaw li jeżisti nuqqas ta' ħaddiema f'Malta.**




L-indikatur fl-Istħarriġ Ewropew tan-Negozju (EBS) iqis is-sehem ta' dawk li jħaddmu fis-setturi tal-industrija, tas-servizzi u tal-kostruzzjoni li qegħdin jindikaw dak in-nuqqas ta' ħaddiema bħala fattur ewlieni li jirrestrinġi l-produzzjoni.
***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

**F'dawn l-aħħar għaxar snin kien hemm żieda qawwija fl-għadd ta' dawk li jfittxu ażil u ta' refuġjati f' Malta.** Kull ras, Malta tirċievi numri relattivament kbar ta' persuni li jfittxu ażil, u ta' refuġjati. Għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi dawk li qegħdin ifittxu ażil, ġie stabbilit Uffiċju ta' Senserija għall-Impjiegi sabiex jingħataw għajnuna fit-tfittxija ta' opportunitajiet ta xogħol, iżda jidher li dan is-servizz mhux magħruf ħafna fost dawk li jistgħu potenzjalment iħaddmu lil dawn il-persuni. Is-servizz għandu l-għan li jagħti lil dawn il-ħaddiema drittijiet u opportunitajiet biex jaħdmu taħt il-kundizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet normali li jkopru l-impjiegi f'Malta. Filwaqt li jeżistu miżuri biex ir-reklutaġġ tagħhom jiġi ffaċilitat, jeżistu indikaturi li ċerti migranti minn pajjiżi terzi jista' mhumiex qegħdin jibbenefikaw bis-sħiħ mid-drittijiet u l-kundizzjonijiet normali u jista' jkun li qegħdin jiffaċċjaw ukoll diskriminazzjoni (ara FRA, 2017).

## 3.3.2. L-EDUKAZZJONU U L-ĦILIET

**Minkejja t-titjib li kien hemm fl-aħħar snin, ir-rata ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni (Early School Leavers - ESL) għadha ta' sfida.** Fl-2016, Malta kellha waħda mill-ogħla rati ta' ESL (19,6 %) fl-UE u għadha ferm 'il bogħod milli tilħaq il-mira nazzjonali ambizzjuża ta' Europa 2020 tagħha ta' 10 %. Ir-rata hija konsiderevolment ogħla għall-irġiel milli għan-nisa, u hija b'mod speċjali ogħla għal persuni b'diżabbiltà (39,5 % imqabbel mal-medja tal-UE ta' 22 % fl-2015). U d-diskrepanza bejn is-sessi (7,3 pps) hija ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 3 pps. Malta qiegħda timplimenta firxa ta' miżuri mfassla biex tipprevjeni t-tluq kmieni mill-iskola jew inkella tikkumpensa għalih. Jista' jkun li għattul jidher titjib, iżda l-progress li sar dan l-aħħar ma kienx impressjonanti.

**Ir-riżultati mill-korsijiet ta' tagħlim huma influwenzati b'mod qawwi mill-isfond soċjoekonomiku u mit-tip ta' skola.** Ir-riżultati fejn jidħlu x'ħiliet bażiċi jinkisbu fost iż-żgħażagħ, kif imkejla mill-Programm ta' Evalwazzjoni tal-Istudenti Internazzjonali (PISA), tal-OECD, tjiebu xi ftit bejn l-2009 u l-2015, iżda għadhom baxxi. Il-prestazzjoni ta' dawk li għandhom ħmistax-il sena hija taħt il-medja tal-UE, u kien hemm titjib sinifikanti biss fejn tidħol il-matematika. Il-pożizzjoni soċjoekonomika teżerċita influwenza qawwija fuq il-prestazzjoni tal-istudenti, kif ukoll it-tip ta' skola, hekk kif l-istudenti tal-iskejjel "indipendenti" (jiġifieri privati) imorru l-aħjar, u warajhom l-istudenti fl-iskejjel tal-knisja, u mbagħad jiġu l-istudenti tal-iskejjel tal-istat. Dawn ir-riżultanzi ġew ikkonfermati fl-istħarriġ internazzjonali dwar ix-xejriet fl-istudju tal-matematika u x-xjenza tal-2015, li sar fost dawk bejn l-etajiet ta' 13 u 14.

**Il-gradwati tal-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ (VET) imorru tajjeb fejn jidħol it-tiftix għal impjieg.** Ir-rata ta' impjiegi għall-gradwati VET kienet l-ogħla waħda fl-UE fl-2016 (96,2 % kontra 75 % fl-UE). Kemm id-disponibbiltà kif ukoll il-kwalità tal-programmi bbażati fuq ix-xogħol żdiedu minħabba tisħib imtejjeb ma' min iħaddem. Madankollu, il-proporzjon ta' studenti fl-iskola sekondarja superjuri (ISCED 3) li jinsabu fil-VET naqas kemm kemm fl-2015, għal 12,7 % u huwa ferm taħt il-medja tal-UE ta' 47,3 %. Qafas legali standardizzat – l-Att dwar it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u tal-Apprendistat – qiegħed bħalissa jiġi ffinalizzat.

**Ir-rata tal-livell li jintlaħaq fl-edukazzjoni terzjarja tinsab tiela' b'mod stabbli iżda għadha anqas mill-medja fl-UE.** Ir-rata għal

persuni fl-età bejn 30 u 34 sena żdiedet b'6,4 pps tul l-aħħar ħames snin, għalkemm fil-livell li fih kienet, ta' 29,8 % fl-2016, għadha waħda mill-anqas fl-UE. Id-diskrepanza bejn is-sessi hija relattivament baxxa, fil-livell ta' 5 pps kontra 9,5 pps fl-UE. Fl-istess ħin, ir-rata ta' impjieg fil-każ ta' gradwati riċenti tal-edukazzjoni terzjarja żdiedet bi kważi 4 pps bejn l-2013 u l-2015 u, fil-livell ta' 97 % hija waħda mill-ogħla fl-UE, riflessjoni tad-domanda li hemm f'Malta għal ħaddiema b'livell għoli ta' edukazzjoni u ta' ħiliet. Hekk kif issa żdiedu żewġ istituzzjonijiet oħra li jagħtu lawrji ta' Bachelor's, Malta għandha issa tliet istituzzjonijiet ta' din ix-xorta, l-Università ta' Malta, l-MCAST u l-ITS. F'April 2017 tnediet konsultazzjoni pubblika biex jinħoloq qafas li jappoġġja l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u sabiex titjieb il-kwalità tat-tagħlim.

Grafika 3.3.4: **Rata ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni**




***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

**Il-livelli tal-ħiliet u tal-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti sejrin 'l quddiem, iżda għadhom baxxi** Il-parteċipazzjoni f'korsijiet ta' tagħlim għall-adulti (25-64) żdied kemm kemm għal 7,5 % fl-2016, iżda għadha baxxa meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 10,8 %. Ir-rati ta' parteċipazzjoni huma baxxi speċjalment fil-każ ta' dawk b'ħiliet baxxi, li żdiedu biss b'mod batut għal 3 % fl-2016, kontra l-4,2 % fl-UE. L-isforzi biex titjieb il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-tagħlim għall-adulti ukoll għandhom l-għan li titjieb il-kwalità u r-relevanza għas-suq tax-xogħol u għandhom jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet ([35]). L-istrateġija VET Kontinwu (CVET), appoġġjata mill-FSE, tikkombina ġabra komprensiva ta' miżuri li jinkludu: gwida għall-karriera, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib fil-ħiliet tal-ħaddiema f'setturi li qegħdin jġħibu; kif ukoll qafas u inizjattivi finanzjarji biex min iħaddem jinvesti fis-CVET għal dawk b'anqas ħiliet (ara wkoll, Il-Kummissjoni Ewropea, 2017b).

**Ittieħdu miżuri biex titjieb il-governanza tal-ħiliet billi jinġiebu flimkien l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol.** F'Diċembru 2016 ġie stabbilit Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet ta' livell għoli, u minn dak inhar identifika tliet oqsma ta' prijorità: it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol; il-ħiliet diġitali; u r-riċerka u l-iżvilupp. **Barra** minn dan, Malta qiegħda tibni qafas nazzjonali għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ([36]) kif ukoll sistema għall-previżjoni u l-antiċipazzjoni tal-ħiliet ([37]). Madankollu, l-impatt ta' dawn il-miżuri mhux se jidher qabel ma jkun għadda perjodu twil.

([35]) ĠU C484, 24.12.2016

([36]) Is-sistema ta' validazzjoni qiegħda topera għas-setturi li ġejjin: dak tal-karozzi, tal-bini u l-kostruzzjoni, tax-xagħar u l-ġmiel, tas-saħħa u l-kura soċjali (kura tat-tfal). U ttieħdu passi f'setturi ta' prijorità bħal ma huma l-ospitalità u l-IT.

([37]) Sa mill-2016, Malta (f'kollaborazzjoni ma' Cedefop) qiegħda tiżviluppa mudell ta' previżjonijiet tal-ħiliet, bl-użu ta' analiżi li tantiċipa l-ħtieġa għall-ħiliet.

Grafika 3.3.5: **Ir-rata ta' parteċeipazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (25-64 sena), 2016**




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Minkejja titjib li sar fl-aħħar snin il-forza lavorattiva f'Malta għad għandha kwalifiki relattivament baxxi.** Fl-2016, Malta għad għandha l-ogħla sehem ta' adulti bi kwalifiki baxxi fl-etajiet bejn il-25 u l-64 sena (54.8 %) fl-UE, għalkemm kienet nieżla. Il-prestazzjoni fejn jidħlu l-ħiliet diġitali bażiċi tjiebet u issa qiegħda pjuttost fil-medja tal-UE. Sabiex din il-kwistjoni tiġi indirizzata, l-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni (MCA) u l-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi joffru lit-tfal fl-iskejjel sessjonijiet regolari ta' kodifikazzjoni. Fil-każ tal-anzjani, kemm l-MCA kif ukoll l-Aġenzija ta' Malta tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (MITA) għandhom għadd ta' proġetti li joffru taħriġ biex jitjiebu l-ħiliet diġitali bażiċi. Il-MITA torganizza wkoll kollokazzjonijiet ta' xogħol fis-sajf għall-istudenti tal-ICT.

**L-azzjonijiet riċenti biex jitfasslu apposta ħiliet għall-ħtiġijiet ta' ditti innovattivi huma pass importanti 'il quddiem.** It-tnedija ta' diversi skemi (għotjiet STEPS, l-iskema ta' għotjiet ta' wara d-dottorat "Reach High"), flimkien ma' nefqa pubblika akbar fl-edukazzjoni terzjarja (ara, Il-Kummissjoni Ewropea, 2018a) u taħriġ imprenditorjali mtejjeb bdew ikollhom impatt pożittiv. Malta ġiet l-ewwel fl-UE fejn jidħlu gradwati fil-qasam tal-kompjuters (6 għal kull elf minn fost il-popolazzjoni fl-età bejn 25-34 fl-2014), u s-16 fejn jidħlu gradwati ġodda fix-xjenza u l-inġinerija (15 għal kull elf fost il-popolazzjoni fl-età bejn 25-34 fl-2014).

### 3.3.3. IL-POLITIKA SOĊJALI

**Il-kundizzjonijiet favorevoli ekonomiċi u tal-impjiegi wasslu għal tnaqqis sinifikanti fil-proporzjon ta' nies li jinsabu fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali.** Ir-riskji tal-faqar marru lura għal-livell tal-2008, hekk kif l-għadd ta' dawk f'riskju niżel b'2,3 pps oħra għal 20,1 % fl-2016, li huwa taħt il-medja tal-UE (23,4 %) Mill-2015 sal-2016, Malta naqqset il-privazzjoni materjali severa bi kważi n-nofs, għal 4,4 % fl-2016 ([38]). L-adulti u t-tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi fejn hemm persuna waħda biss bi qligħ jaffaċċjaw riskji ogħla ta' faqar, u dan jenfasizza l-importanza tal-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tat-tieni persuna bi qligħ, li l-biċċa l-kbira minnhom ikunu nisa. Dawk b'livell baxx ta' ħiliet jaffaċċjaw ukoll riskju ogħla ta' faqar minkejja li jkollhom impjieg, peress li l-proporzjon ta' faqar fost dawk fl-impjieg, fil-każ ta' dawk b'ħiliet baxxi, żdied għal 10,5 % fl-2016.

**L-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà jaffaċċjaw żieda relattiva fir-riskju tagħhom ta' faqar, peress li huma jiddependu l-aktar fuq il-ħlasijiet ta' benefiċċji soċjali.** Il-persuni b'diżabbiltà (16-64 sena) f'Malta jaffaċċjaw riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (41,3 % fl-2016) meta mqabbel mal-medja tal-UE (37,5 % fl-2016). Is-sistema ta' benefiċċji soċjali ta' Malta hija pjuttost effettiva fil-protezzjoni li tagħti lil persuni b'diżabbiltà, iżda n-nuqqas ta' inklużjoni fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol toħloq livell għoli ta' dipendenza fuq il-benefiċċji. Is-sehem ta' anzjani ta' aktar minn 65 sena (26,1 %) fir-riskju tal-faqar kompla jiżdied, u huwa ogħla mill-medja tal-UE (17,7 %). Madankollu, id-disparità tal-faqar, relattivament żgħira u qiegħda tonqos, mid-dħul medjan (11,1 % imqabbla ma' 16,5 % fl-UE fl-2015) hija riflessjoni li, kollox ma' kollox, il-livelli tal-pensjonijiet huma adegwati. In-nies li jiddependu l-aktar fuq il-benefiċċji soċjali ma jibbenefikawx b'mod immedjat mit-titjib fis-suq

([38]) Il-privazzjoni materjali severa tnaqqset b'3,7 pps. Dan kien il-mutur ta' xejra 'il fuq li dehret fl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew l-esklużjoni soċjali bejn l-2008 u l-2014 meta d-deprivazzjoni materjali laħqet 10,4 %.

tax-xogħol u l-impatt tal-miżuri reċenti biex jittejbu l-benefiċċji ta' diżabbiltà għadhom ma jidhrux fid-dejta disponibbli dwar id-dħul

**Ir-riskju tal-faqar fil-każ ta' ċittadini minn pajjiżi terzi żdied.** Minkejja rati għolja ta' impjieg, ir-riskju tal-faqar fil-każ ta' ċittadini minn pajjiżi terzi żdied b'9 pps sa mill-2010, għal 29,4 %, filwaqt li l-għadd tagħhom żdied b'aktar minn tliet darbiet tul dak il-perjodu. L-evidenza tindika li l-migranti b'mod ġenerali qegħdin jaffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għal servizzi meħtieġa għall-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà, inkluż taħriġ dwar lingwa, akkomodazzjoni li jistgħu jħallsuha (ara t-taqsima dwar il-kirjiet tal-akkomodazzjoni), l-aċċess għas-servizzi finanzjarji u tas-saħħa. Barra minn dan, il-migranti minn pajjiżi terzi jħabbtu wiċċhom ma' sfidi partikolari meta jiftħu kontijiet tal-bank u dan ikun ta' impatt akbar fuq ir-refuġjati u dawk li jkunu qegħdin ifittxu ażil. Bħalissa hemm miżuri biex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ ta' migranti (ara t-Taqsima 3.3.1) billi jitħaffu l-applikazzjonijiet għall-permessi tax-xogħol u tiġi introdotta l-Iskema ta' Senserija għall-Impjiegi. U Malta dan l-aħħar ippubblikat strateġija speċifika għall-integrazzjoni tal-migranti.

# 3.4. L-INVESTIMENT

*Kaxxa 3.3.5:* **Punti ewlenin ta' politika**

**Il-bini ta' qafas effettiv ta' apprendistat**

B'appoġġ mill-Fond Soċjali Ewropew, Malta wettqet riforma komprensiva tal-iskema ta' apprendistat tagħha. Inxteħtet aktar enfażi fuq il-kwalità u fuq ir-rwol imsaħħaħ ta' min iħaddem fl-evalwazzjonijiet. L-apprendistati ġew estiżi lejn setturi ġodda u l-parteċipazzjoni żdiedet b'aktar minn ħames darbiet b'900 kumpanija interessata u 455 parteċipant (2015/2016). Fl-2016/17 madwar 18 % tal-istudenti fil-programmi fil-livell 3 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) kienu apprentisti u fil-livell 4 kienu 40 % (CEDEFOP 2017). Il-kriterji ta' kwalità jinkludu fost affarijiet oħra drittijiet u obbligi ta' definizzjoni għal min jipprovdi l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ (VET), għal min iħaddem u għal min jitgħallem, bl-istabbiliment ta' numru minimu ta' sigħat għal tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u rimunerazzjoni marbuta mal-paga minima. Issa dawn jistgħu joffru aktar minn nofs il-programmi QED tal-livelli 3 u 4 bħala apprentistat. Qafas legali armonizzat, l-"Att dwar it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol u tal-Apprendistat", qiegħed bħalissa jiġi ffinalizzat.

**Malta qegħda tindirizza l-isfidi soċjali u ssaħħaħ il-linji ta' politika tagħha għall-inklużjoni attiva.** L-inugwaljanzi fid-dħul huma relattivament stabbli u huma anqas mill-medja tal-UE, l-aktar minħabba inugwaljanzi baxxi fl-introjti tas-suq. Is-sistema ta' taxxi u benefiċċji tnaqqas l-inugwaljanza fid-dħul disponibbli b'mod sostanzjali, iżda f'livell anqas mill-medja tal-UE. Minkejja dan, Malta sejra aħjar mill-medja fl-UE fejn jidħlu l-indikaturi marbuta mal-adegwatezza ta' benefiċċji minimi tad-dħul. Filwaqt li riformi riċenti bdew iżidu l-impatt ridistributtiv tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji, l-effetti li jieħdu fit-tul biex jinħassu għadhom ma humiex riflessi fiċ-ċifri ekonomiċi aggregati. Malta investiet ukoll f'miżuri biex jintlaħqu dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà bl-għajnuna ta' fondi mill-UE. B'mod partikolari, iċ-ċentri LEAP jipprovdu appoġġ personalizzat integrat lill-familji, u jiffaċilitaw l-aċċess għall-impjiegi u s-servizzi soċjali. Aktar minn 25 000 unità domestika rċevew appoġġ f'ikel permezz ta' skemi nazzjonali u tal-FEAD.

**Il-kopertura tal-protezzjoni soċjali ta' Malta hija wiesgħa, u l-lakuni huma limitati.** B'mod ġenerali, is-sistema tas-sigurtà soċjali ma tiddistingwix bejn dawk li jaħdmu għal rashom, u dawk li huma impjegati, għar-rigward tad-dritt għall-benefiċċji. Għal dawk li jissodisfaw il-kundizzjonijiet relevanti, id-drittijiet ta' intitolament huma l-istess. Filwaqt li dawk li jaħdmu għal rashom mhumiex intitolati għal benefiċċji tal-qgħad kontributorji, mhux bħall-impjegati, huma jistgħu jikkwalifikaw għall-"assistenza soċjali", wara test tal-mezzi, kif ukoll għ t-tnaqqis ftit ftit tal-benefiċċji, li ġie introdott bir-riformi li jħajru lil dak li jkun jifhem li jkun jaqbillu joħroġ jaħdem (ara Il-Kummissjoni Ewropea, 2017c). Is-sehem ta' dawk qiegħda għal perjodu qasir li jirċievu l-benefiċċji tal-qgħad ([39]) huwa anqas, b'mod sinifikanti, mill-medja tal-UE. Dan huwa parzjalment dovut għall-perjodu qasir li fih idumu jitħallsu l-benefiċċji u possibbilment għal-livell għoli ta' kemm dawn ma jitteħdux hekk kif il-perjodu ta' qgħad ikunu qosra u l-benefiċċji huma b'rata fissa. Il-perjodu kwalifikanti biex wieħed jieħu l-benefiċċju tal-qgħad huwa wieħed mill-iqsar fl-UE.

([39]) Skont l-indikaturi marbuta mal-kopertura u l-adegwatezza żviluppata bħala parti mill-eżerċizzju ta' benchmarking fil-qasam tal-benefiċċji għall-qgħad u l-linji ta' politika attivi tas-suq tax-xogħol li saru fi ħdan il-Kumitat EMCO. Ara r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, 2018, għad-dettalji.

### 3.4.1. L-AMBJENT TAN-NEGOZJU U L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA

**Filwaqt li l-investiment f'Malta dan l-aħħar kien dinamiku ħafna, il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji jqisu li għad hemm xkiel kontra l-investiment.** Fl-2016 l-investimenti rreġistraw żieda marġinali, wara żieda qawwija fl-2015 (ara wkoll il-Kaxxa 3.4.1). Id-dejta mill-BEI turi li fl-2017 il-biċċa l-kbira tad-ditti (94 %) ibbażati f'Malta jqisu l-problema tad-disponibbiltà ta' persunal b'ħiliet tajba bħala xkiel għall-investiment (BEI, 2017) (ara wkoll it-Taqsima 3.3). Ir-regolamentazzjoni tan-negozju, l-infrastruttura tat-trasport u l-kosti tal-enerġija ukoll jissemmew minn madwar 70% tad-ditti. L-infrastruttura tat-trasport jidher li hija qiegħda tippreokkupa dejjem aktar lill-kumpaniji li joperaw f'Malta, li jaraw f'dan l-aspett prijorità maġġuri li fiha għandu jsir investiment pubbliku (ara wkoll it-taqsima 3.5).

**Is-settur tal-SMEs Maltin kiber ġmielu f'dawn l-aħħar snin.** Fl-2015-2016, il-valur miżjud u l-impjiegi fl-SMEs kibru b'7,0 % u 4,2 % rispettivament. Dan id-dinamiżmu huwa rifless ukoll fl-għadd kbir ta' ditti li qegħdin jikbru b'ħeffa. Fl-2015, 12,5 % tad-ditti kollha b'10 impjegati jew aktar kienu ditti bi tkabbir qawwi ([40]), it-tieni l-akbar sehem fl-UE. Din it-tendenza 'il fuq mistennija li tkompli fl-2016-2018. Il-valur miżjud mill-SMEs huwa pprojettat li jiżdied b'15,4 % flimkien ma' żieda ta' 6,3 % fl-impjieg fl-SMEs, li jikkorrispondi għal 6 700 impjieg ġdid. Il-produttività tad-mikroditti SME, ikkalkulat bħala valur miżjud kull persuna impjegata, hija ogħla mill-medja fl-UE, filwaqt li hija taħt il-medja fl-UE fil-każ tal-SMEs (ara t-Tabella 3.4.1).

**Madankollu, l-attivitajiet innovattivi tad-ditti, u l-kapaċità li jżidu l-investimenti tagħhom, jidher li huma limitati.** Is-sehem tad-ditti mill-fatturat relatat mal-innovazzjoni għadu żgħir (4,1 %) imqabbel mal-medja tal-UE (13,4 %) ([41]). Dejta riċenti turi li għalkemm l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda hija l-ogħla prijorità ta' investiment għal ditti żgħar u mikro, x'aktarx li jkun anqas probabbli li dawn tal-aħħar jiżviluppaw prodotti, proċessi jew servizzi ġodda minn ditti medji u kbar (BEI, 2017). Il-prevalenza ta' mikroditti u ta' ditti żgħar (kemm bħala sehem ta' impjiegi kif ukoll tal-valur miżjud) jikkonverti ruħu fil-kapaċità limitata tad-ditti li jikbru u jwettqu attivitajiet ta' riskju. Mhix ħaġa tal-iskantament li s-setturi tan-negozju fejn l-aktar hemm nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (ICT, elementi u bordijiet elettroniċi, farmaċewtiċi) ma humiex fost l-ogħla kontributuri għall-valur miżjud gross ([42])

Grafika 3.4.1: **L-għadd ta' persuni impjegati f'SMEs**




Indiċi: 2008=100, stimi mill-2015 'il quddiem
***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

([40]) Il-Eurostat tiddefinixxi l-impriżi bi tkabbir kbir (tkabbir ta' 10 % jew aktar) bħala impriżi bi tkabbir medju anwalizzat fl-għadd ta' impjegati ta' aktar minn 10 % kull sena fuq perjodu ta' tliet snin ((t – 3 sa t) u li jkollhom tal-anqas 10 impjegati fil-bidu tat-tkabbir (t – 3)

([41]) Sors: Eurostat, Community Innovation Survey 2014.

([42]) L-ogħla setturi fejn jidħol il-valuż miżjud gross fl-2016 kienu: Il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, l-amministrazzjoni pubblika, l-arti/id-divertiment, attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi. Sors: Eurostat

Grafika 3.4.2: **Il-valur miżjud tal-SMEs**




Indiċi: 2008=100, stimi mill-2015 'il quddiem
*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea

**F'rabta mal-indikaturi dwar l-ekonomija diġitali, il-prestazzjoni ta' Malta jidher li hi mħallta.** Malta hija fuq quddiem nett fl-Ewropa fejn jidħol il-broadband (30 Mbps u aktar), u hija l-uniku Stat Membru b'kopertura totali minn netwerks NGA. Malta hija wkoll avvanzata ħafna fejn tidħol il-provvista ta' servizz diġitali pubbliċi. Fl-istess ħin, hija ma tilħaqx il-livell medju tal-UE fejn jidħlu l-ħiliet diġitali u l-broadband fuq il-mobajl.

**L-ambjent tan-negozju qiegħed jitjieb, għalkemm għad hemm ineffiċjenzi f'ċerti oqsma.** L-indikaturi tal-Kummissjoni Ewropea tar-risponsività tal-amministrazzjoni għall-ħtiġijiet tal-SMEs (Il-Kummissjoni Ewropea, 2017d) jikkonfermaw li saru sforzi sinifikanti. Pereżempju l-għadd ta' ġranet li wieħed idum biex jiftaħ negozju (tlitt ijiem), naqsu meta mqabbel mas-sena l-oħra (6,5 jiem) u ż-żmien biex tiġi trasferita proprjetà (15-il jum) huwa aqsar mill-medja fl-UE (23,8). Madankollu, l-ispejjeż tat-trasferiment tal-proprjetà u l-kosti tal-infurzar tal-kuntratti huma għolja ħafna (rispettivament 13,5 % tal-valur tal-proprjetà u 35,9 % tal-pretensjonijiet kontra l-medji fl-EU ta' 4,8 % u 22,0 %). Il-prestazzjoni ta' Malta skont l-indikaturi dwar il-qasam tat-"tieni ċans" hija partikolarment dgħajfa ([43]). Madankollu, l-implimentazzjoni attwali ta' titjib riċenti għall-qafas legali għall-insolvenza (notevolment l-isforzi biex jitnaqqas iż-żmien għar-ristrutturar u ż-żieda fid-disponibbiltà ta' prattikanti kwalifikati) mistennija li twassal għal effetti prattiċi tul is-snin li ġejjin.

**Il-kwalità perċepita tal-governanza jidher li naqset xi ftit tul l-aħħar għaxar snin.** Skont l-Indikaturi Dinjija tal-Governanza (WGI) tal-Bank Dinji tal-2017, il-pożizzjoni ta' Malta bejn l-2006 u l-2016 fi kważi l-oqsma kollha tal-governanza marret xi ftit lura (ara l-Figura 3.4.3), b'mod partikulari fejn jidħlu l-oqsma "Is-Saltna tad-Dritt", u il-"Kontroll tal-korruzzjoni" ([44]). Barra minn dan, skont l-Indiċi tal-Kompetittività Globali tal-Forum Ekonomiku Dinji (GCI) għall-2017/2018 ([45]), minkejja punteġġ kumplessiv pjuttost pożitiv (is-37 pożizzjoni, b'valur ta' 4,6), il-pożizzjoni hija b'mod sinifikanti anqas fil-każ ta' elementi speċifiċi bħal ma hi l-fiduċja fil-politiċi u l-favoritiżmu f'deċiżjonijiet ta' uffiċjali tal-gvern. Il-burokrazija ineffiċjenti tal-gvern hija identifikata bħala l-akbar ostakolu partikolari kontra n-negozju f'Malta, skont dawk li wieġbu l-istħarriġ tal-GCI. L-influwenza ta' interessi privati fuq id-deċiżjonijiet pubbliċi jaffettwa l-ambjent tan-negozju u s-sostenibbiltà tal-mudell ta' żvilupp ta' Malta (ara wkoll it-taqsimiet 3.4.4 u 3.5).

([43]) Is-saħħa tal-indiċi tal-qafas għall-insolvenza (0 sa 16) huwa biss 7,5, sew taħt il-medja tal-UE ta' 11,88 %. L-indiċi huwa s-somma tat-totali ta' erba' indiċi sottostanti: (1) l-indiċi tal-bidu ta' proċedimenti, (2) l-indiċi tal-ġestjoni tal-assi tad-debitur, (3) l-indiċi dwsar il-proċedimenti ta' rijorganizzazzjoni u (4) l-indiċi dwar il-parteċipazzjoni tal-kreditur. Barra minn dan, iridu jgħaddu tliet snin biex tissolva insolvenza meta mqabbel ma' 1,97 sena bħala medja fl-UE.

([44]) Bejn l-2006 u l-2016 il-punteġġ niżel minn 1,58 għal 1,08 fil-qasam tas-"Saltna tad-Dritt", u minn 1,01 għal 0,72 fil-qasam tal-"Kontroll tal-Korruzzjoni". Il-punteġġ fejn tidħol il-prestazzjoni tal-gvern ivarja minn bejn wieħed u ieħor -2,5 (dgħajjef) għal 2,5 (b'saħħtu).

([45]) Il-pożizzjoni hija minn total ta' 137 pajjiż. Il-valuri ta' prestazzjoni ivarjaw minn 0 (ħażin) għal 7 (tajjeb).

Grafika 3.4.3: **Indikaturi dwar il-Governanza tal-Bank Dinji, 2017 - Malta**




***Sors:*** Il-Bank Dinji

**Il-kompetizzjoni fis-setturi tas-servizz lin-negozji għadha ristretta minn rekwiżiti restrittivi.** Minkejja t-trażpozizzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali ([46]) fir-raba' kwart tal-2017, ċerti servizzi għadhom suġġett għal rekwiżiti speċifiċi. Il-grad ta' restrizzjonijiet fis-servizzi professjonali, li ħafna drabi jirrappreżentaw ukoll inputs kruċjali għall-manifattura, huwa ogħla f'Malta mqabbel mal-medja fl-UE (Il-Kummissjoni Ewropea, 2015 u 2017e). B'mod partikolari, ir-restrizzjoniijet jolqtu lill-periti, l-inġiniera ċivili, il-kontabbli, il-gwidi tat-turisti u l-avukati ([47]).

### 3.4.2. AĊĊESS GĦALL-FINANZI

**Hija biss minoranza ta' ditti Maltin li għandhom restrizzjonijiet finanzjarji.** F'Ottubru 2017, 6 % tal-SMEs f'Malta qiesu l-aċċess għall-iffinanzjar bħala l-aktar preokkupazzjoni importanti tagħhom ('il isfel minn 11 % fl-2013, u mqabbla ma' medja ta' 7 % fil-livell tal-UE). Skont l-Istħarriġ dwar l-Investiment tal-BEI, fl-2016 id-ditti f'Malta kienu jiddependu fil-biċċa l-kbira fuq fondi interni biex jiffinanzjaw l-investimenti tagħhom (kważi 80 % kontra l-medja tal-UE ta' 60 %); Fl-2017, l-iffinanzjar intern naqas għal 60 % filwaqt li s-self fi ħdan il-grupp tfaċċa bħala sors supplimentari ta' ffinanzjar għal 11 % tal-investimenti (kontra l-medja tal-UE ta' 3 %). L-aktar tliet sorsi importanti tal-iffinanzjar estern huma l-linji ta' kreditu (relevanti għal 78 % tal-SMEs), self mill-banek (63 %) u l-kreditu ta' kummerċ (62 %), filwaqt li l-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma huwa relevanti għal 25 % tal-SMEs (Il-Kummissjoni Ewropea, 2017f). Fost id-ditti li japplikaw għal self mill-banek f'Malta, is-sehem ta' SMEs li ma rnexxilhomx jieħdu l-iffinanzjar sħiħ b'self li kienu ppjanaw għalih matul l-2017 naqas għal 15 % minn 29 % fl-2014, konformi mal-medja fl-UE (Medja fl-UE: 17 % fl-2017 kontra 34 % fl-2014). Barra minn dan, is-sehem ta' self mill-banek kien qiegħed jonqos.

**Madankollu, id-dipendenza ta' bħalissa fuq l-iffinanzjar intern tista', għat-tul, tirrestrinġi l-aċċess għall-iffinanzjar fl-każ ta' ditti innovattivi** Skont il-Bank Ċentrali ta' Malta, is-settur bankarju joqgħod lura milli jagħti kreditu lill-investiment tal-SMEs, speċjalment f'oqsma innovattivi, fejn ma jkunx hemm kollateral sod disponibbli. Il-kundizzjonijiet makroekonomiċi pożittivi ta' bħalissa, u l-likwidità tas-suq jippermettu li jinstabu sorsi alternattivi ta' ffinanzjar (investiment mill-ġdid tal-profitti, self fi ħdan is-settur, self minn barra l-pajjiż). Madankollu, dan il-porzjon tal-ekonomija għadu aktar espost għar-riskji ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. L-Iskema ta' "Seed Investment" li għadha kif tnediet (ara t-taqsima 3.4.3) mistennija li tixpruna l-użu tal-iffianzjar bl-ekwità għal kumpaniji ġodda innovattivi. Fil-futur, it-tnedija tal-attivitajiet ta' self tal-Bank Malti għall-Iżvilupp għandha għax tistabbilixxi sistema ta' garanziji bħala rimedju għal fejn qiegħed ifalli s-suq. Skont l-awtoritajiet, dan il-bank mistenni li jiffoka fuq l-iffinanzjar għat-tul ta' proġetti infrastrutturali, u għall-SMEs.

### 3.4.3. IR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP

**Il-prestazzjoni ta' Malta fejn jidħlu r-riċerka u l-iżvilupp (R&D), marret 'il quddiem.** It-titjib fil-prestazzjoni fl-R&D hija parzjalment dovuta

([46]) Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI")

([47]) Rekwiżiti dwar ir-responsabbiltajiet personali tal-periti u l-inġiniera ċivili, nuqqas ta' ċertezza rigward attivitajiet riżervati għall-kontabbli u għall-gwidi turistiċi, ambitu limitat ta' attivitajiet riżervati għall-avukati li jiffaċilitaw l-għoti ta' servizzi ta' konsultazzjoni legali.

għall-isforzi konsistenti mill-awtoritajiet pubbliċi li jibnu fuq s-sistema tal-R&D bbażata fuq il-punti pożittivi indiġeni, bl-involviment ta' diversi miżuri ta' politika li jsostnu l-emerġenza ta' ekosistema innovattiva u ta' ditti innovattivi ([48]). Sabiex jiżdied l-użu tal-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma, fl-2016 il-gvern nieda l-Iskema ta' "Seed Investiment", li tipprovdi krediti tat-taxxa lill-investituri li jinvestu f'kumpaniji ġodda, jew li jkunu għadhom fil-fażi inizjali tagħhom, f'Malta. Din l-iskema tikkumplimenta l-iskemi eżistenti ta' kreditu tat-taxxa marbuta mar-R&D. Madankollu, ikun ta' għajnuna biex wieħed jifhem aktar l-effettività tagħhom, li jkun hemm monitoraġġ u evalwazzjoni aħjar, b'mod notevoli fl-ixprunar ta' nefqa R&D privata.

Grafika 3.4.4: **L-evoluzzjoni tal-intensità tal-R&D fin-negozju, u l-intensità tal-R&D pubblika f'Malta, 2004-2016**




Intensità tal-R&D fin-negozju: In-nefqa tal-impriżi tan-negozju fuq l-R&D (BERD) bħala % tal-PDG.
Intensità tal-R&D pubblika: Nefqa intra muros tal-gvern fuq l-R&D (GOVERD) flimkien mal-edukazzonji għolha. Id-dejta proviżorja dwar in-nefqa fl-R&D għall-2016 tirreġistra tnaqqis relattivament importanti, li huwa marbut l-aktar mat-tlestija tal-infrastruttura kapital tal-R&D fis-settur governattiv fl-2015.
***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea

**Hemm fatturi strutturali li għadhom qegħdin itellfu t-tkabbir ta' ditti li jagħmlu R&D intensiv u għalhekk l-iżvilupp ta' ekosistema vibranti ta' innovazzjoni.** Id-ditti għandhom kapaċità limitata biex iżidu l-attivitajiet tal-R&D tagħhom, minħabba d-daqs żgħir tagħhom ([49]), id-dipendenza fuq l-iffinanzjar intern għan-nefqa fuq l-R&D u d-daqs limitat tas-suq lokali,. L-investiment tagħhom f'assi tanġibbli ([50]) naqas f'termini relattivi mill-2016 lil hawn, u jdur madwar is-softwer tal-kompjuter, id-databases u l-proċessi ta' organizzazzjoni/ta' negozju, li jirrifletti parzjalment l-ispeċjalizzazzjoni ta' Malta fl-ICT (BEI, 2017.) In-nuqqas kumplessiv ta' massa kritika jidher ukoll mill-intensità baxxa tan-nefqa tal-intrapriżi tan-negozju fl-R&D (BERD) (il-pożizzjoni ta' Malta kienet it-23 fl-UE fl-2016, b'0,39 % tal-PDG), biex b'hekk il-pajjiż mexa lil hinn mill-mira tiegħu ta' 2 % ta' intensità tal-R&D (ara l-Grafika 3.4.4) Hemm ukoll evidenza li turi l-ambitu għad-ditti innovattivi biex iżidu l-intensità tal-R&D tagħhom, permezz ta' rabtiet aħjar bejn ix-xjenza u n-negozju.

### 3.4.4. IS-SISTEMA ĠUDIZZJARJA U L-KORRUZZJONI

#### Is-sistema ġudizzjarja

**Is-sistema ġudizzjarja Maltija għad għandha quddiemha diversi sfidi.** Dawn huma b'mod partikolari relatati mal-proċedimenti twal ħafna f'każijiet amministrattivi. Fl-2016, il-perjodu medju ta' żvolġiment ta' kawżi ta' dritt amministrattiv fl-ewwel istanza kien ta' 1 464 jum, fost l-itwal fl-UE (Il-Kummissjoni Ewropea, 2018b). Meta mqabbel mal-2015 (495 jum), dan ifisser żieda ta' kważi tliet darbiet. Fil-kategorija importanti tal-kawżi ta' disputi ċivili u kummerċjali fl-ewwel istanza, il-perjodu tal-iżvolġiment baqa' għoli fl-2016 (432 jum), għalkemm kien kemm xejn anqas mill-2015 (445 jum).

**Kompliet l-implimentazzjoni tal-programm ta' riformi ġudizzjarji.** Ir-riformi ġudizzjarji fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, kummerċjali u amministrattiva għandhom bħala għan it-titjib tal-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja. Il-leġiżlazzjoni tal-2016 dwar il-ħatra tal-imħallfin u

([48]) Dawn jinkludu inizjattivi ġġestiti mill-Malta Enterprise u mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija.

([49]) In-nefqa fl-R&D minn mikrointrapriżi u SMEs kienet tammonta għal 85 % tan-nefqa fuq l-R&D tal-intrapriżi tan-negozju (BERD) fl-2014. Din iċ-ċifra hija waħda mill-ogħla fl-UE, filwaqt li l-kontribut tal-impriżi l-kbar lejn il-BERD hija waħda mill-anqas.

([50]) L-assi intanġibbli huma l-informazzjoni kompjuterizzata, il-proprjetà innovattiva, u l-ħiliet ekonomiċi.

l-maġistrati ġiet implimentata, u fl-2017 inħatru tliet kandidati (imħallef wieħed u żewġ maġistrati). Kull imħallef (iżda mhux il-maġistrati) mill-2016 huwa intitolat li jiġi assistit minn avukat tal-qorti, magħżul mill-imħallef u maħtur għal mandat ta' tliet snin li jiġġedded. Skont l-awtoritajiet Maltin, l-avukati tal-qorti sa issa ħadmu fuq il-preparazzjoni ta' aktar minn 2 000 sentenza fil-qasam ċivili, u kienu ta' kontribut biex tnaqqas sostanzjalment l-ammont ta' kawżi b'lura u żdiedet ir-rata ta' deċiżjonijiet fil-kawżi ta' disputi ċivili u kummerċjali fl-ewwel istanza. Taħt il-programm ta' riformi ġudizzjarji, ġew adottati żewġ biċċiet ta' leġizlazzjoni bil-għan li jkomplu jkabbru l-ispeċjalizzazzjoni tal-qrati, inaqqsu l-kawżi b'lura, itejbu l-proċedimenti ta' insolvenza u jsaħħu l-medjazzjoni ([51]).

**Għaddejjin inizjattivi biex titjieb il-kwalità tas-sistema tal-ġustizzja, inkluża l-ġustizzja "elettronika".** F'Marzu 2017 bdiet taħdem is-sistema "MY CASE". Din tippermetti li l-avukati u l-klijenti tagħhom isegwu l-iżviluppi fil-kawżi ġudizzjarji tagħhom hekk kif iseħħu. L-Aġenzija tal-Għajnuna Legali ġiet stabbilita fl-2014 u toffri servizzi lil dawk l-aktar fil-bżonn. Il-baġit għall-għajnuna legali bħalissa huwa ta' EUR 150 000 u se jiżdied għal EUR 400 000 fl-2018.

### Il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni

**Teżisti l-perċezzjoni li l-korruzzjoni u l-favoritiżmu huma fattur problematiku f'Malta għal min irid jagħmel in-negozju.** Skont stħarriġ reċenti tal-Flash Eurobarometer, il-maġġoranza tar-rappreżentanti tan-negozju jaqblu mad-dikjarazzjoni li l-favoritiżmu u l-korrizzjoni jtellfu l-kompetizzjoni tan-negozju f'Malta (85 %, żieda fuq 78 %, iċ-ċifra tal-2015, il-medja fl-UE: 74 %). Proporzjon simili fost dawk li wieġbu jaħsbu li l-korruzzjoni hija mifruxa f'Malta (84 %, medja tal-UE 67 %). Aktar min-nofs tal-maniġers fl-istħarriġ identifikaw il-korruzzjoni bħala problema meta jagħmlu n-negozju (58 %, żieda minn 44 % fl-2015, medja fl-UE: 37 %), u ma jaqblux li l-miżuri kontra l-korruzzjoni qegħdin jiġu applikati b'mod imparzjali u mingħajr motivi ulterjuri (żieda minn 41 % fl-2015 għal 57 % fl-2017, medja fl-UE: 54 %) (Il-Kummissjoni Ewropea, 2017g).

**Is-sistema ta' aġenziji li xogħolhom hu li jiġġieldu l-korruzzjoni hija frammentata.** L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, il-pulizija, il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, id-Dipartiment ta' Awditjar u l-Investigazzjoni Interna, fil-limit tal-kompetenzi tagħhom, jistgħu jipproċessaw allegazzjonijiet ta' korruzzjoni. Madankollu, l-investigazzjonijiet kriminali jsiru mill-pulizija, filwaqt li l-prosekuzzjoni tiġi kkoordinata bejn l-Avukat Ġenerali u l-pulizija. Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali jinħatru mill-gvern u mill-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni hija mfassla b'tali mod li trid tirrapporta l-kostatazzjonijiet tagħha lill-gvern. L-ipproċessar ta' informazzjoni dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, fil-kompetenza ta' organizzazzjonijiet oħra kompetenti, kien ta' sfida peress li dawn kellhom nuqqasijiet fejn jidħlu mezzi, setgħat jew riżorsi neċessarji[52]. In-nuqqas ta' proċeduri stabbiliti biex jiġi żgurat it-trattament indipendenti ta' każijiet, f'reazzjoni għal allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, jista' jwassal għal inkonsistenzi fit-trattament ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni.

([51]) L-Att XI tal-2017 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; L-Att VIII tal-2017 dwar il-Medjazzjoni.

[52] Pereżempju, l-Ombudsman jirrapporta lill-Kamra tar-Rappreżentanti iżda r-rakkomandazzjonijiet tiegħu mhumiex vinkolanti. Id-Dipartiment tal-Awditjar u l-Investigazzjoni Interna jwettaq investigazzjonijiet finanzjarji meta jkun hemm suspetti ta' korruzzjoni minn uffiċjali pubbliċi, iżda ma għandux is-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet kriminali.

Tabella 3.4.1: **Intrapriżi, impjiegi u valur miżjud skont il-klassi ta' daqs tad-ditti**

| | Għadd ta' intrapriżi | | | Għadd ta' persuni impjegati | | | Valur miżjud | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Malta | | UE | Malta | | UE | Malta | | UE |
| | Għadd | Sehem (%) | Sehem (%) | Għadd | Sehem (%) | Sehem (%) | EUR Biljuni | Sehem (%) | Sehem (%) |
| Mikro | 26 808 | 93.4 | 93.1 | 42 497 | 31.5 | 29.9 | 1.7 | 35.9 | 21.1 |
| Żgħar | 1 497 | 5.2 | 5.8 | 31 384 | 23.3 | 20.0 | 1.2 | 25.5 | 17.8 |
| Medji | 331 | 1.2 | 0.9 | 33 152 | 24.6 | 16.8 | 1.0 | 20.7 | 18.2 |
| **SMEs** | **28 636** | **99.8** | **99.8** | **107 033** | **79.3** | **66.6** | **3.9** | **82.0** | **57.1** |
| Kbar | 60 | 0.2 | 0.2 | 27 866 | 20.7 | 33.4 | 0.8 | 18.0 | 42.9 |
| **Total** | **28 696** | **100.0** | **100.0** | **134 899** | **100.0** | **100.0** | **4.7** | **100.0** | **100.0** |

Dawn huma stimi għall-2016 magħmula minn DIW Econ, abbażi ta' ċifri tal-2008-2014 mid-Databse Strutturali tal-istatistika dwar in-negozji (Eurostat). Id-dejta tkopri lill-"ekonomija mhux tan-negozju finanzjarju" li tinkludi l-industriji tal-kostruzzjoni, tal-kummerċ u s-servizzi (NACE Rev. 2 taqsimiet B sa J, M u N( iżda mhux intrapriżi fl-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd u s-setturi tas-servizzi li huma ġeneralment mhux tas-suq bħal ma huma l-edukazzjoni u s-saħħa. Qegħdin jiġu applikati d-definizzjonijiet ta' klassi ta' daqs li ġejjin: Mikroditti (sa 9 impjegati), ditt żgħar (10-49 impjegat), ditti ta' daqs medju (50-24 impjegat), u ditti kbar (aktar minn 250 impjegat).
***Sors:*** DIW Econ

### *Kaxxa 3.4.6:* **Kaxxa dwar l-Investiment- sfidi u riformi f'Malta**

**Taqsima 1. Il-prospettiva makroekonomika**

L-ekonomija Maltija daħlet f'ċikli ta' investiment qawwi mill-2014 'il quddiem. Il-livell ta' investiment kiber b'mod qawwi fl-2015 u żdied b'mod marġinali ulterjorment fl-2016. Id-dejta proviżorja mill-2017 tindika tnaqqis fl-investiment minkejja attività vibranti fil-kostruzzjoni u karti tal-bilanċ imtejba tad-ditti, riflessjoni tal-bażi li għadha għolja mill-2016. Iċ-ċiklu ta' investiment riċenti kien imbuttat kemm mis-settur privat kif ukoll mill-gvern, bħala riżultat ta' għadd ta' proġetti fuq skala kbira fis-settur tal-enerġija, investimenti privati oħra b'mod partikolari fis-settur tal-avjazzjoni, u l-finalizzazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-qafas finanzjarju tal-UE 2007-2013.

**Taqsima 2. Evalwazzjoni tax-xkiel għall-investiment u r-riformi li għaddejjin**




Ix-xkiel għall-investiment privat f'Malta huwa rifless fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-ambjenti tal-investiment ([1]). Ċerti riformi ġew adottati jew inkella qegħdin jitlestew, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sistema ġudizzjarja u n-nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet, iżda għad hemm xi xkiel li jrid jiġi indirizzat.

**Ix-xkiel ewlieni kontra l-investiment u l-azzjonijiet ta' prijorità li għaddejjin**

- In-nuqqasijiet fil-ħiliet, b'mod partikolari fis-settur tas-servizz, għadhom ta' piż fuq l-investiment. Is-sehem ta' dawk li jħaddmu li qegħdin jiddikjaraw nuqqas ta' ħaddiema żdied b'mod sostanzjali fl-2017 u huwa wieħed mill-ogħla fl-UE. In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' persunal bil-ħiliet meħtieġa wassal għal dipendenza dejjem tikber fuq ħaddiema barranin. Dan l-aħħar ittieħdu sensiela ta' inizjattivi sabiex titjieb il-ġestjoni tal-ħiliet billi l-edukazzjoni tiġi allineata aħjar ma' dak li tenħtieġ l-industrija (ara t-Taqsima 3.3).
- Ir-restrinġimenti fl-infrastruttura, anki marbuta man-natura insulari tal-pajjiż, komplew jinħassu aktar bl-espansjoni tal-ekonomija li għaddejja. B'mod partikolari, il-konġestjoni serja tat-traffiku tikkostitwixxi xkiel importanti għall-investiment peress li żżid l-ispejjeż tat-trasport u għandha impatt negattiv fuq il-produttività. Filwaqt li l-flotta tal-karozzi żdiedet bħala ammont, teżisti l-perċezzjoni li l-kwalità tal-infrastruttura tat-toroq hija batuta. Fl-2017, l-awtoritajiet Maltin ħabbru proġett biex in-netwerk tat-toroq jittejjeb fuq perjodu ta' seba' snin, għalkemm dan mistenni li jkollu biss effett parzjali għat-tnaqqis tal-konġestjoni (ara t-Taqsima 3.5).
- Il-klima ta' investiment għandha għax tibbenefika minn qafas imtejjeb ġudizzjarju u li jaħdem kontra l-korruzzjoni. Is-sistema ġudizzjarja Maltija għad għandha quddiemha ċerti sfidi rigward l-effiċjenza tagħha, b'mod partikolari għar-rigward ta' kemm idumu l-proċedimenti f'każijiet amministrattivi. Malta hija kkaratterizzata wkoll minn qafas frammentat fejn tidħol il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Fi stħarriġ riċenti tal-Flash Eurobarometer, aktar minn nofs il-maniġers ta' kumpaniji li wieġbu identifikaw il-korruzzjoni bħala problema meta jagħmlu n-negozju. Xi miżuri ta' riforma li ttieħdu dan l-aħħar għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza billi jseddqu l-ispeċjalizzazzjoni fil-qorti, inaqqsu x-xogħol b'lura u jtejbu l-qafas tal-insolvenza (ara t-Taqsima 3.4).

([1]) Ara 'Challenges to Member States' Investment Environments', SWD (2015) http://ec.europa.eu/europe2020/challenges-to-member-states-investment-environments/index_en.htm u r-Rappor tal-Pajjiż għal Malta tal-2017

## 3.5. IL-LINJI TA' POLITIKA SETTORJALI

### 3.5.1. IT-TRASPORT

**It-titjib tas-sostenibbiltà tal-mudell ta' tkabbir ta' Malta għadu ta' sfida.** L-iżviluppi riċenti fl-ekonomija u l-prospetti ta' tkabbir ulterjuri huma mistennija li jkomplu jkabbru l-effett tar-restrinġimenti eżistenti, kif ukoll li jżidu l-piż tal-esternalitajiet negattivi mit-trasport u minn setturi oħra (ara wkoll it-taqsima 3.5.3, 3.5.4 u 3.5.5).

**Iċ-ċittadini u n-negozji f'Malta jħabbtu wiċċhom ma' spejjeż ekonomiċi sinifikanti kkawżati mill-konġestjoni tat-traffiku.** L-infrastruttura tat-toroq ħafna drabi ssofri minn konġestjoni u titqies bħala waħda mill-punti dgħajfa tal-ambjent kummerċjali Malti. L-ispejjeż ekonomiċi tal-konġestjoni tat-traffiku (il-ħin li jgħaddi bit-traffiku wieqaf, l-ispejjeż addizzjonali fuq il-karburanti, l-aċċidenti u l-ispejjeż ekonomiċi tal-konġestjoni) huma pprojettati li se jitilgħu għal EUR 721 miljun sal-2025, fuq sfond fejn jittieħed biss ammont minimu ta' miżuri ta' politika biex tiġi indirizzata l-problema (Transport Malta, 2016). Is-sehem tat-trasport fuq it-triq fit-tniġġiż tal-arja għadu kbir, li jkompli jaggrava b'livelli dejjem jiżdiedu ta' konġestjoni u domanda għat-trasport li mistennija li tikber.

**Sa issa, il-miżuri mħabbra mill-awtoritajiet jiffukaw fuq it-titjib tal-infrastruttura tat-toroq jnaqqsu biss parzjalment l-ispejjeż tal-konġestjoni.** Fl-2016, il-gvern adotta Strateġija Nazzjonali tat-Trasport bi żmien previst sal-2050 kif ukoll Master Plan Operattiv tat-Trasport sal-2025 (ara, Il-Kummissjoni Ewropea, 2017a). L-implimentazzjoni tal-ġabra komprensiva tal-miżuri inklużi f'dawn id-dokumenti bdiet fi Frar 2017. B'mod partikolari, l-awtoritajiet ħabbru proġett ta' EUR 700 miljun biex itejbu l-infrastruttura tat-toroq fuq perjodu ta' seba' snin. Madankollu, skont il-Master Plan tat-Trasport, l-ispejjeż ekonomiċi tal-konġestjoni mistennija li jonqsu b'anqas minn 20 %.

**Il-politika tat-trasport ta' bħalissa ma għandhiex mira ċara fejn jidħol it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport sal-2030.** It-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa ta' urġenza b'mod partikolari fejn jidħol it-trasport fuq it-triq, meta jitqies il-fatt li l-flotta ta' karozzi għandha ż-żmien u qiegħda tikber. Madankollu, ma hemmx elaborazzjoni ulterjuri dwar il-kwantifikazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet permezz tad-diversi miżuri ta' politika taħt il-Master Plan tat-Trasport. Żvilupp pożittiv wieħed huwa li hemm livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' CO2 mill-karozzi l-ġodda li qegħdin jinbiegħu fis-suq Malti (anqas mill-medja tal-UE). Barra minn dan, flimkien mal-miri rinnovabbli tal-elettriku fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali ta' Malta għall-Elettromobbiltà, Malta qiegħda tara li jkollha tal-anqas 5 000 vettura elettrika rreġistrata sal-2020. L-użu tat-trasport pubbliku bil-karozza tal-linja għadu anqas minn dak tal-użu tal-karozzi privati, iżda sa mill-2013 jidher li qiegħed jikber bil-qawwa.

Grafika 3.5.1: **Indikaturi magħżula dwar it-trasport fuq it-toroq - Malta**




***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)

### 3.5.2. L-ENERĠIJA

**It-taħlita tal-enerġija tal-prodotti primarji tal-enerġija f'Malta jidher li qiegħda tiġi diversifikata aktar ma jgħaddi ż-żmien.** Iż-żieda fil-produzzjoni tar-rinnovabbli u l-ikkummissjonar tal-impjanti tal-enerġija tal-elettriku li jaħdmu bil-gass fl-2017 se jkomplu jiddiversifikaw it-taħlita tal-enerġija ta' Malta. Madankollu, is-sehem tal-prodotti ġejjin miż-żejt u tal-petrol fit-taħlita tal-enerġija għadu ogħla mill-medja tal-UE. F'Mejju 2017, Malta ffirmat dikjarazzjoni politika flimkien ma' 13-il Stat Membru u l-Inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea għal Enerġija Nadifa għall-Gżejjer Ewropew kollha, sabiex tiġi aċċellerata t-

tranżizzjoni lejn enerġija nadifa fuq il-gżejjer kollha tal-UE.

**Il-konsum tal-enerġija primarja naqas matul l-aħħar snin, minkejja attività ekonomika vibranti.** L-intensità tal-enerġija primarja f'Malta issa huwa anqas mill-medja tal-UE. Il-muturi ewlenin għat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja huma l-interkonnettur mal-Italja, li ilu jaħdem minn April 2015, u ż-żieda fl-effiċjenza permezz tal-konverżjoni għall-gass tal-impjanti tal-enerġija ta' Malta, bl-ewwel konsenji ta' gass li waslu f'Jannar 2017.

**Madankollu, Malta kellha żieda qawwija fil-konsum tal-enerġija finali.** Il-konsum tal-enerġija finali fl-2015 żdied bi 3 %, waħda mill-akbar rati ta' tkabbir fl-UE, u bi 2 % fl-2016. Wara l-importazzjoni tal-elettriku, dan kien imbuttat miż-żieda fil-konsum tal-enerġija għat-trasport, li kienet tirrappreżenta 55 % tal-konsum totali tal-enerġija finali fl-2015. Is-servizzi kkonsmaw aktar minn 21 % tal-enerġija finali, sew 'il fuq mill-medja tal-UE ta' 13,5 %.

**Is-settur tal-kostruzzjoni jidher li għadu lura fejn jidħol it-titjib tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.** Malta daħħlet miri nazzjonali għall-iffrankar tal-enerġija permezz tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (NEEAP) tagħha fl-2014. Il-binjiet kollha ġodda f'Malta jridu jkunu binjiet kważi mingħajr konsum nett ta' enerġija (nZEB) sal-2020 ([53]). Is-settur tal-kostruzzjoni f'Malta huwa kkaratterizzat minn ditti żgħar u tradizzjonali, li tipikament ma jinvolvux ruħhom f'attivitajiet ta' innovazzjoni. Il-gvern introduċa wkoll diversi programmi biex jinċentiva titjib fil-prestazzjoni tal-enerġija fil-binjiet, permezz ta' skemi ta' għotjiet jew self b'imgħax baxx għal soluzzjonijiet ta' ffrankar ta' enerġija. Dawn is-soluzzjonijiet kienu jinkludu l-użu ta' tagħmir li juża l-enerġija b'mod aktar effiċjenti, sistemi ta' dwal li jiffrankaw l-enerġija, l-iżolament termiku, ħġieġ doppju, tisħin mix-xemx, sistemi ta' ġestjoni tal-bini, pannelli fotovoltajċi, apparat li juża l-enerġija solari biex isaħħan l-ilma u riżorsi ta' enerġija mir-riħ (Il-Kummissjoni Ewropea, 2016 u 2017h).

([53]) Dan kien sar legalment vinkolanti fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 19 492 tat-3 ta' Novembru 2015. Il-livelli tal-prestazzjoni tal-enerġija nZEB ġew stabbiliti bħala 55 – 115 kWh/m2yr fil-każ ta' binjiet reżidenzjali u 220 kWh/m2yr fil-każ ta' binjiet mhux reżidenzjali.

**Malta tinsab fuq it-triq it-tajba biex tilħaq il-mira għall-użu ta' enerġija rinnovabbli għall-2020.** Malta laħqet it-trajettorja indikattiva tagħha għall-2013/2014 dwar is-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES) fil-konsum gross ta' enerġija finali u hija ferm 'il fuq mit-trajettorja tagħha għall-2015/2016 lejn il-miri tal-RES għall-2020.

### 3.5.3. L-AMBJENT

**Il-bidla lejn ekonomija aktar ċirkolari għadha ta' sfida, anki minħabba t-tkabbir ekonomiku sod riċenti.** Skont l-indiċi tal-UE dwar l-ekoinnovazzjoni, Malta baqgħet fil-grupp ta' isfel fejn tidħol il-prestazzjoni rigward l-ekoinnovazzjoni (fis-26 post fl-UE fl-2016 mit-18-il post fl-2013). Barra minn dan, id-daqs tal-pajjiż u l-fatt li huwa gżira jippreżentaw għadd ta' sfidi uniċi ([54]). Jekk jiġi implimentat bis-sħiħ, il-"Kumpless tal-Għajxien Sostenibbli" ([55]) għandu l-potenzjal li jimmobilizza l-investiment privat mis-settur tal-kostruzzjoni u jgħin fil-ġenerazzjoni ta' materjali u tekniċi innovattivi (pereż. għall-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija, il-ġestjoni tal-ilma, il-kwalità tal-ambjent).

**Ir-riżorsi tal-ilma ta' Malta jinsabu taħt pressjoni severa.** L-iskarsità tal-ilma hija problema ewlenija u tista' tmur għall-agħar minħabba t-tibdil fil-klima. Ir-riżorsi tal-pajjiż ta' ilma mill-blat qegħdin jiġu sfruttati bil-qawwa, b'rata li hi ferm ogħla mir-rikariga naturali, u l-ilma baħar qiegħed ftit ftit jinvadi l-ħażniet tal-ilma taħt il-blat (Il-Kummissjoni Ewropea, 2017i). L-iskarsità severa tal-ilma wasslet biex Malta jkollha tiddependi wkoll fuq id-desalinazzjoni bħala provvista ewlenija tal-ilma għax-xorb. Filwaqt li d-desalinazzjoni kienet ġiet imnaqqsa b'mod sinifikanti matul l-aħħar snin, għadha tikkonsma 3 % tal-ġenerazzjoni totali tal-elettriku.

**Minkejja l-investimenti sinifikanti fl-infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart, il-**

([54]) Dawn jinkludu d-diffikultà li jinkisbu l-benefiċċji tal-ekonomiji ta' skala, id-dipendenza fuq firxa dejqa ta' esportazzjonijiet, l-ispejjeż qawwija tat-trasport fit-tranżazzjonijiet tagħha mal-Ewropa kontinentali, u dipendenza qawwija fuq il-karburanti fossili impurtati.

([55]) Dan hu mudell ta' kollaborazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika u jikkostitwixxi l-ewwel faċilità tax-xorta tagħha li tappoġġja l-iżvilupp tal-prodott, l-ittestjar u l-monitoraġġ fil-qasam tal-effiċjenza tal-kostruzzjoni.

**prestazzjoni fejn jidħol l-iskart għadha batuta, speċjalment fis-settur tal-kostruzzjoni.** Skont l-aħħar dejta disponibbli, fl-2014 ir-rata ta' riċiklar u ta' kompostar kienet ta' 12 %, ferm aktar baxxa mill-medja fl-UE ta' 44 % u tal-mira għall-2020 (50 %), u r-rata ta' skart fil-landfills, fil-livell ta' 80 %, kienet ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 28 %. L-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti li tolqot l-iskart tgħin biex jiżdied il-fatturat annwali tas-settur tal-immaniġġjar tal-iskart. L-iskart ġej mill-kostruzzjoni u mit-twaqqigħ (C&D - Construction and Demolition) kważi rdoppja bejn l-2011 u l-2015, pass pass mal-attività tal-kostruzzjoni li dejjem tiżdied (L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ta' Malta, 2017). Minkejja rati għolja ta' rkupru għal dan it-tip ta' skart, il-prassi ewlenija f'Malta hija li jsir irkupru permezz tal-mili ta' barrieri, prassi li fl-aħħar mill-aħħar hija insostenibbli fid-dawl tal-fatt li d-daqs tal-barrieri huwa limitat. Barra minn dan, dawk involuti jindikaw li qiegħed isir rimi ta' tali skart fil-baħar ([56]). Malta għadha ma żviluppatx infrastruttura suffiċjenti għar-riċiklar tal-iskart C&D. Il-kwalità tar-riċiklar hija ġeneralment baxxa u l-prodotti li jirriżultaw minnu għandhom użu ulterjuri limitat (Il-Kummissjoni Ewropea, 2017h).

**Is-settur tal-kostruzzjoni jiġġenera esternalitajiet negattivi sinifikanti li ma humiex indirizzati b'mod adegwat.** Il-proġetti ta' żvilupp tal-kostruzzjoni jiġu awtorizzati fuq bażi individwali, mingħajr eżami kumulattiv tal-impatti. Skont dawk involuti, l-awtoritajiet tar-regolamentazzjoni tal-bini u l-awtoritajiet ambjentali għandhom nuqqas ta' persunal, u b'hekk għandhom poteri ta' kontroll limitati fejn jidħlu proġetti li għaddejjin.

**Malta għandha l-għan li żżid sostanzjalment l-akkwist pubbliku ekoloġiku**. Fil-Pjan Ambjentali Nazzjonali tagħhom tal-2012, l-awtoritajiet ħabbru mira speċifika (50 % tal-akkwist pubbliku skont il-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku sal-2015) kif ukoll miżuri oħra għall-akkwist pubbliku ekoloġiku. Il-miżuri implimentati jinkludu proċedura amministrattiva li tirrikjedi li l-awtoritajiet kuntrattanti jużaw listi ta' kontroll ekoloġiċi, sessjonijiet ta' taħriġ u miri ta' akkwist ekoloġiku speċifiċi għal kategoriji speċifiċi ta' prodott (Il-Kummissjoni Ewropea, 2017i). Dawn huma passi importanti lejn l-użu strateġiku tal-akkwist pubbliku bħala strument lejn tkabbir ekonomiku u kompetittività sostenibbli, f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika tal-UE. Madankollu, il-miri speċifiċi għall-perjodu 2012-2014 ġew issodisfati biss parzjalment u l-awtoritajiet ma għandhomx dejta dwar l-implimentazzjoni fattwali mill-2015 lil hawn ([57]).

([56]) Ara pereż. KPMG u l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Iżviluppaturi (2017), *The Construction Industry and Property Market in Malta*, p. 56.

### 3.5.4. L-AZZJONI KLIMATIKA

**L-isforzi li qegħdin isiru bħalissa fejn tidħol il-klima jista' jkun li ma humiex sodisfaċenti** Filwaqt li Malta għandha l-iċken emissjonijiet kull ras fl-UE, hija wkoll wieħed mill-ftit Stati Membri li bħalissa jidher li għandhom bżonn l-użu tal-mekkaniżmi ta' flessibbiltà sabiex jilħqu l-miri tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet bl-effett ta' serra taħt id-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESD), pereżempju kif issuġġerit mill-istimi approssimattivi tal-2016 għas-snin 2015 u 2016. Iż-żidiet ewlenija fl-emissjonijiet tal-gassijiet bl-effett ta' serra f'Malta dehru fir-refriġirazzjoni u l-arja kundizzjonata u t-trasport. Bħala stat żgħir fuq gżira fir-reġjun tal-Mediterran, Malta hija vulnerabbli immens fejn jidħlu l-impatti tat-tibdil fil-klima, bl-aktar setturi vulnerabbli jkunu r-riżorsi tal-ilma, l-infrastruttura u l-użu tal-art, l-ekosistemi naturali, l-agrikoltura u s-sajd, is-saħħa u t-turiżmu.

([57]) Skont iċ-ċifri pprovduti mill-awtoritajiet Maltin, il-mira ta' 10 % tal-akkwist pubbliku, stabbilita għal-2012 kienet intlaħqet f'60 % tal-każijiet, il-mira ta' 20 % għall-2013 intlaħqet kollha, il-mira ta' 30 % għall-2014 intlaħqet f'70 % tal-każijiet. barra minn dan, mill-2015 ir-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-proċess ingħatat lill-ministeri individwali biex b'hekk il-Ministeru tal-Ambjent li kien iċċentralizza l-proċess bejn l-2012 u l-2014 ma għadux iżomm għajnejh fuq dak li jkun qiegħed jiġi akkwistat f'dan il-qasam.

Tabella 3.5.1: **L-akbar settur ta' emissjonijiet b'effett ta' serra fl-2015 (% tal-emissjonijiet totali)**

| | MT | UE28 |
|---|---|---|
| Industrija tal-enerġija/tal-elettriku | 40.0 | 30.9 |
| Trasport | 28.4 | 21.0 |
| Industrija | 13.1 | 19.9 |
| Agrikultura (inklużi l-forestrija u s-sajd) | 3.7 | 12.0 |
| Reżidenzjali u Kummerċjali | 8.1 | 12.8 |
| Waste | 6.6 | 3.2 |
| Other | 0.2 | 0.2 |

***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

Grafika 3.5.2: **Emissjoni ta' gassijiet serra kull ras (kg CO2-ek/abitant)**




***Sors:*** Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

**It-tkabbir ekonomiku qawwi kif ukoll iż-żieda fil-popolazzjoni komplew jixħtu pressjoni fuq il-linji politiċi dwar il-klima.** Malta bħalissa qiegħda tiżviluppa Strateġija ta' Żvilupp b'Anqas Karbonju u wara konsultazzjoni pubblika li għalqet f'Ġunju 2017, qiegħda taħdem fuq strateġiji speċifiċi għal kull settur. Meta jitqiesu l-vulnerabbiltajiet ta' Malta, l-Istrateġija ta' Żvilupp b'Anqas Karbonju se tkun tinkorpora wkoll l-Istrateġija ta' Adattazzjoni Nazzjonali riveduta. Dan huwa pass importanti fl-intergrazzjoni ta' linji ta' politika relatati mal-klima, speċjalment fid-dawl tal-popolazzjoni dejjem tiżdied. Barra minn dan, il-kwistjonijiet tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni ambjentali ġew integrati fl-Awtorità Maltija tar-Riżorsi (MRA) u fl-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) li tiġi kkonsultata meta jkunu qegħdin jingħataw permessi ta' ppjanar ġodda.

### 3.5.5. IT-TURIŻMU

**L-industrija tat-turiżmu hija waħda mill-pilastri tal-ekononija ta' Malta.** Il-kontribuzzjoni tat-turiżmu għall-ekonomija Maltija ġie stmat li huwa ta' bejn is-6 u s-17 % ([58]). L-għadd ta' turisti viżitaturi żdied b'aktar minn 5 % fl-2015 u b'aktar minn 10 % fl-2016 (l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, 2016), għalkemm in-nefqa mit-turisti kull ras naqset fl-2016. Ċifri proviżorji għall-2017 jindikaw xejra 'il fuq fl-għadd ta' viżitaturi, hekk kif id-dejta għall-ewwel ħdax-il xahar tal-2017 turi li l-għadd totali ta' viżitaturi żdied b'15,7 % meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2016.

**Jekk ma jiġux indirizzati, ir-restrinġimenti fuq ir-riżorsi naturali u l-infrastruttura jistgħu jkollhom impatt fuq l-iżvilupp tat-turiżmu f'Malta.** L-Indiċi tal-WEF dwar l-ivvjaġġar u t-turiżmu jidentifika r-riżorsi naturali bħala punt relattivament dgħajjef fil-provvista turistika ta' Malta (are l-Grafika 3.5.3) (Forum Ekonomiku Dinji, 2017b). Is-settur jiddependi wkoll b'mod qawwi fuq provvista stabbli tal-ilma u huwa vulnerabbli ħafna għall-impatt tat-tibdil fil-klima. Barra minn dan, il-konġestjoni fl-infrastruttura tat-toroq u l-impatt ta' din fuq il-kwalità tal-arja, kif ukoll id-diffikultajiet fl-immaniġġjar tal-iskart, għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-attrattività tal-pajjiż bħala destinazzjoni turistika. Ukoll, il-possibbiltà ta' rimi illegali ta' skart C&D fil-baħar jista' jkun ta' theddid għall-konservazzjoni taż-żoni tal-kosta.

([58]) Il-kontribuzzjoni tat-turiżmu għall-ekonomija Maltija jammonta għal madwar 5,7 % tal-valur miżjud gross totali (bl-inkużjoni biss tal-effetti diretti), 12 % bl-inkużjoni wkoll tal-effetti indiretti u 17 % bl-inklużjoni tal-effetti indotti. Sors: Cassar I. P., K. Vella, and S. Buttigieg (2017), *Understanding the Economic Contribution of Tourism in Malta: A Literature Review*, Ministeru tal-Finanzi, Malta, WP 01/2017, Frar 2017.

Grafika 3.5.3: **Indiċi tal-WEF dwar l-ivvjaġġar u t-turiżmu - Indikaturi magħżula**




L-Ewropa ta' Isfel tinkludi Spanja, l-Italja, il-Portugall, il-Greċja, il-Kroazja, Malta, it-Turkija u Ċipru.
***Sors:*** Il-Forum Ekonomiku Dinji.

